# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża)

6 ta' Ottubru 2021 *

"Politika ekonomika u monetarja – Superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu – Kompiti speċifiċi ta' superviżjoni mogħtija lill-BĊE – Deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu – Ksur tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu – Ammissibbiltà – Kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK) tal-Istati Membri parteċipanti u tal-BĊE fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku (MSU) – Ugwaljanza fit-trattament – Proporzjonalità – Protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi – Ċertezza legali – Użu ħażin ta' poter – Drittijiet tad-difiża – Obbligu ta' motivazzjoni"

Fil-Kawżi T-351/18 u T-584/18,

**Ukrselhosprom PCF LLC**, stabbilita f'Solone (l-Ukraina),

**Versobank AS**, stabbilita f'Tallinn (l-Estonja),

irrappreżentati minn O. Behrends, avukat,

rikorrenti,

vs

**Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)**, irrappreżentat minn C. Hernández Saseta u G. Marafioti, bħala aġenti, assistiti minn B. Schneider, avukat,

konvenut,

sostnut minn

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn A. Steiblytė, D. Triantafyllou u A. Nijenhuis, bħala aġenti,

intervenjenti,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel, tad-Deċiżjoni ECB_SSM_2018_EE_1 WHD_2017-0012 tal-BĊE, tas-26 ta' Marzu 2018, it-tieni, tad-Deċiżjoni ECB_SSM_2018_EE_2 WHD_2017-0012, tas-17 ta' Lulju 2018, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni ECB_SSM_2018_EE_1 WHD_2017-0012, li permezz tagħhom il-BĊE

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

MT

rtira l-awtorizzazzjoni ta' Versobank għall-aċċess għall-attivitajiet ta' istituzzjoni ta' kreditu, u t-tielet, tad-Deċiżjoni ECB/SSM/2018-EE-3, tal-14 ta' Awwissu 2018, dwar l-ispejjeż relatati mal-proċedura ta' rieżami,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża),

komposta minn M. J. Costeira (Relatriċi), Presidenta tal-Awla, D. Gratsias, M. Kancheva, B. Berke u T. Perišin, Imħallfin,

Reġistratur: P. Cullen, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tal-25 ta' Settembru 2020,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

## I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Versobank AS, it-tieni rikorrenti, hija istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Estonja. L-azzjonist prinċipali tagħha huwa Ukrselhosprom PCF LLC, l-ewwel rikorrenti, li għandha 85.2622 % tal-kapital tagħha.

2 It-tieni rikorrenti kienet ikklassifikata bħala istituzzjoni inqas sinjifikattiva fis-sens tal-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63, iktar 'il quddiem ir-"Regolament MSU bażiku").

3 Bħala istituzzjoni ta' kreditu inqas sinjifikattiva, it-tieni rikorrenti kienet tqiegħdet taħt is-superviżjoni prudenzjali tal-Finantsinspektsioon (FSA, l-Estonja), li kienet taġixxi fil-kwalità ta' awtorità nazzjonali kompetenti (ANK), fis-sens tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament MSU bażiku. Barra minn hekk, din tal-aħħar kienet kompetenti wkoll fir-rigward tas-superviżjoni tal-osservanza tar-regoli fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (iktar 'il quddiem il-"ĠĦF/FT").

4 Mill-2015, il-FSA kkonstatat b'mod repetut ksur imwettaq mit-tieni rikorrenti marbut, minn naħa, mal-ineffettività tas-sistema tagħha fil-qasam tal-ĠĦF/FT fil-ġestjoni tar-riskji li tirriżulta mill-mudell kummerċjali tagħha u, min-naħa l-oħra, mal-inadegwatezza tal-arranġamenti ta' governanza tagħha implimentati f'dan il-qasam.

5 Il-FSA wettqet diversi spezzjonijiet fuq il-post. L-ewwel waħda saret bejn it-13 ta' April u t-12 ta' Ġunju 2015.

6 Bit-teħid inkunsiderazzjoni tar-repetizzjoni tal-ksur osservat, il-FSA, wara li indirizzat lit-tieni rikorrenti diversi talbiet biex tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti regolatorji, kienet adottat rakkomandazzjoni, fid-data tat-8 ta' Awwissu 2016.

7 Ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni, li kienet timponi l-korrezzjoni immedjata tan-nuqqasijiet osservati matul l-ispezzjoni fuq il-post li saret fl-2015, kienet teżiġi li t-tieni rikorrenti tieħu ċerti miżuri: l-ewwel, l-applikazzjoni tal-politiki u tal-proċeduri interni fil-qasam tal-ĠĦF/FT eżistenti, iżda mhux segwiti b'mod korrett, it-tieni, l-applikazzjoni tal-miżuri ta' viġilanza previsti fil-punti 3 sa 5 tal-Artikolu 13(1) tar-Rahapesu ja terrorismi rahastamise tõkestamise seadus (il-Liġi Estonjana fil-Qasam tal-ĠĦF/FT), tad-19 ta' Diċembru 2007, li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU 2015, L 141, p. 73), fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fil-mument ta' meta seħħew il-fatt inkwistjoni, it-tielet, il-verifika tal-applikazzjoni tajba tal-miżuri ta' viġilanza previsti fil-punti 3 sa 5 tal-Artikolu 13(1) tal-Liġi Estonjana fil-Qasam tal-ĠĦF/FT, ir-raba', ir-rifjut li jiġu eżegwiti tranżazzjonijiet jekk l-Artikolu 27(2) ta' din il-liġi, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fil-mument ta' meta seħħew il-fatti inkwistjoni, kien jobbligaha teżerċita dan id-dritt u, il-ħames, it-tqegħid f'konformità immedjata mal-obbligu ta' komunikazzjoni msemmi fl-Artikolu 32 tal-imsemmija liġi, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fil-mument ta' meta seħħew il-fatti inkwistjoni, li kien jipprevedi obbligu ta' senjalazzjoni fil-każ ta' suspett ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu meta l-kundizzjonijiet korrispondenti kienu ssodisfatti. Barra minn hekk, din ir-rakkomandazzjoni kienet teżiġi li l-imsemmija rikorrenti kellha tissottometti informazzjoni bil-miktub mhux iktar tard mid-9 ta' Diċembru 2016 dwar il-mod kif hija kienet twettaq dawn l-obbligi.

8 Il-FSA wettqet it-tieni spezzjoni fuq il-post bejn it-13 ta' Settembru u l-11 ta' Novembru 2016.

9 Barra minn hekk, bejn il-5 ta' Settembru u l-14 ta' Novembru 2016, il-FSA wettqet it-tielet spezzjoni fuq il-post. Din kienet immirata għan-nuqqasijiet osservati dwar l-operat mit-tieni rikorrenti ta' fergħa jew sussidjarja allegatament illegali fil-Latvja.

10 Permezz ta' ittra tad-9 ta' Diċembru 2016, it-tieni rikorrenti bagħtet lill-FSA l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha dwar ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni.

11 Permezz ta' ittra tat-28 ta' Frar 2017, il-FSA kkomunikat lit-tieni rikorrenti li hija kienet għadha ma kkonformatx ruħha mal-obbligi kollha previsti fir-rakkomandazzjoni inkwistjoni. Fl-10 ta' April 2017, hija adottat dikjarazzjoni ta' nuqqas attwali jew prevedibbli tal-imsemmija rikorrenti (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni FOLTF").

12 Wara l-informazzjoni li waslet mit-tieni rikorrenti, il-FSA qieset li kien neċessarju li twettaq investigazzjoni fil-fond. Hija wettqet ir-raba' spezzjoni fuq il-post bejn l-4 u t-22 ta' Settembru 2017. Matul din tal-aħħar, hija kkonstatat ksur gravi u sinjifikattiv tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ĠĦF/FT analogu għal dak li kienet osservat matul iż-żewġ spezzjonijiet preċedenti u qieset li s-sistema ta' kontroll intern tal-imsemmija rikorrenti kienet medjokri u insuffiċjenti.

13 Fid-data tat-8 ta' Frar 2018, il-BĊE rċieva min-naħa tal-FSA proposta għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni tat-tieni rikorrenti, konformement mal-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-BĊE tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-BĊE u id-diversi ANK u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (ĠU 2014, L 141, p. 1).

14 Fil-kuntest tal-obbligu ta' kooperazzjoni previst fl-Artikolu 80(2) tar-Regolament Qafas tal-MSU, il-FSA aġixxiet, skont l-Artikolu 3 tal-Finantskriisi ennetamise ja lahendamise seadus (il-Liġi Estonjana dwar il-Prevenzjoni u r-Riżoluzzjoni ta' Kriżijiet Finanzjarji), tat-18 ta' Frar 2015, ukoll bħala awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni kompetenti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, permezz tad-dipartiment ta' riżoluzzjoni tagħha. Fid-data tas-7 ta' Frar 2018, il-kunsill ta' amministrazzjoni tagħha approva l-evalwazzjoni tal-imsemmi dipartiment ta' riżoluzzjoni li tgħid li ma kienx hemm interess ġenerali sabiex jiġu eżerċitati s-setgħat ta' riżoluzzjoni, skont l-Artikolu 39(1), (3) u (4) tal-imsemmija liġi, li tittrasponi l-Artikolu 32(1)(c) u (5) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).

15 Fis-6 ta' Marzu 2018, il-Bord Superviżorju tal-BĊE approva l-abbozz ta' deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni lit-tieni rikorrenti u ta lil din tal-aħħar terminu sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-imsemmi abbozz, konformement mal-Artikolu 31 tar-Regolament Qafas tal-MSU. Wara l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, kienet infetħet proċedura ta' likwidazzjoni kontra l-imsemmija rikorrenti u kienu ġew innominati stralċjarji.

16 Fl-14 ta' Marzu 2018, it-tieni rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha, li kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tad-deċiżjoni finali. Wara li eżamina l-imsemmija osservazzjonijiet, il-BĊE kkonkluda li kien neċessarju li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni tal-imsemmija rikorrenti.

17 Abbażi tal-Artikolu 4(1)(a) u tal-Artikolu 14(5) tar-Regolament MSU bażiku, tal-Artikolu 83 tar-Regolament Qafas tal-MSU u tal-Artikolu 17 tal-Krediidiasutuste seadus (il-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) tad-9 ta' Frar 1999, li tittrasponi d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU 2013, L 176, p. 338, rettifika fil-ĠU 2013, L 208, p. 73, fil-ĠU 2017, L 20, p. 1 u fil-ĠU 2020, L 203, p. 95), il-BĊE adotta u kkomunika lit-tieni rikorrenti d-deċiżjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2018, li tirtira l-awtorizzazzjoni tagħha (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018").

18 Fis-27 ta' Marzu 2018, il-qorti Estonjana kompetenti adottat deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' likwidazzjoni tat-tieni rikorrenti.

19 Fis-26 ta' April 2018, il-Bord Amministrattiv ta' Rieżami tal-BĊE (iktar 'il quddiem il-"BAR") irċieva talba tal-ewwel rikorrenti li kellha bħala suġġett ir-reviżjoni tad-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018. Huwa qies din it-talba għal reviżjoni bħala ammissibbli, billi qies li l-imsemmija rikorrenti kienet ikkonċernata direttament u individwalment mill-imsemmija deċiżjoni.

20 Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-BAR adotta u kkomunika lill-Bord Superviżorju tal-BĊE l-Opinjoni AB/2018/03 li permezz tagħha huwa kien ippropona lil dan tal-aħħar jikkunsidra li l-ksur sostanzjali u proċedurali invokat kien infondat u biex jadotta deċiżjoni ta' kontenut identiku għad-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018.

21 Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE segwa din l-opinjoni u adotta d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018") li kienet ġiet ikkomunikata lill-istralċjarji tat-tieni rikorrenti, li fil-frattemp kienet tqiegħdet fi stralċ.

22 Permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018, il-BĊE rtira l-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu lit-tieni rikorrenti. Permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, huwa ħassar u ssostitwixxa d-deċiżjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2018. Permezz ta' deċiżjoni dwar l-ispejjeż, huwa barra minn hekk ikkundanna lill-ewwel rikorrenti għall-ispejjeż relatati mal-proċedura ta' rieżami.

23 Fil-punt 3.2 tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, il-BĊE jfakkar, l-ewwel, li l-proposta għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni għall-aċċess għall-attivitajiet ta' istituzzjoni ta' kreditu intiża għat-tieni rikorrenti kienet ġiet adottata fi tmiem perijodu twil u kontinwu ta' nuqqasijiet u ta' ksur tad-dispożizzjonijiet applikabbli min-naħa tagħha, it-tieni, li l-ANK kienet wettqet erba' spezzjonijiet fuq il-post mill-2015 u kienet adottat rakkomandazzjoni fl-2016 u, it-tielet, li, peress li l-imsemmija rikorrenti la kienet ikkonformat ruħha mat-talbiet informali u lanqas mar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, huwa ma setax jifformula evalwazzjoni pożittiva fir-rigward tal-osservanza fil-futur minn din ir-rikorrenti tar-rekwiżiti regolatorji li kienu imposti fuqha.

24 Dejjem fil-punt 3.2 tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, il-BĊE qies li, fuq il-bażi tal-provi miġbura u tar-riżultati tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-FSA, il-kundizzjonijiet għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni previsti fl-Artikolu 18(f) tad-Direttiva 2013/36, kif traspost fid-dritt Estonjan, kellhom jiġu kkunsidrati bħala li kienu ssodisfatti fir-rigward tat-tieni rikorrenti. Ir-raġunijiet għal tali rtirar tal-awtorizzazzjoni kienu dawn li ġejjin:

– l-assenza, fi ħdan l-imsemmija rikorrenti, tal-arranġamenti ta' governanza meħtieġa mill-FSA, konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 74 tad-Direttiva 2013/36;

– l-assenza, fi ħdan din ir-rikorrenti, ta' sistema effikaċi fil-qasam tal-ĠĦF/FT għall-ġestjoni tar-riskji li tirriżulta mill-mudell kummerċjali tagħha, minkejja tliet spezzjonijiet fuq il-post f'dan il-qasam, diversi laqgħat u twissijiet, ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni u ittra li tikkonċerna n-nuqqas ta' osservanza tal-imsemmija rakkomandazzjoni;

– in-nuqqas ta' applikazzjoni, mill-istess rikorrenti, ta' din ir-rakkomandazzjoni fit-termini u fil-qies stabbilit;

– is-sottomissjoni, mir-rikorrenti inkwistjoni, ta' dokumenti u informazzjoni qarrieqa u ineżatti lill-FSA u l-ksur, mill-istess rikorrenti, tal-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea (jiġifieri, ir-Repubblika tal-Latvja).

25 B'mod partikolari, fir-rigward tal-ewwel raġuni li fuqha huwa bbażat l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, jiġifieri l-assenza, fi ħdan it-tieni rikorrenti, tal-arranġamenti ta' governanza meħtieġa mill-FSA, konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 74 tad-Direttiva 2013/36, il-BĊE jipreċiża, fil-punt 3.3.1(a) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, li s-sistema ta' kontrolli kienet irregolari u inadegwata bit-teħid inkunsiderazzjoni tat-tip, tal-iskopijiet u tal-kumplessità tal-mudell kummerċjali tal-imsemmija rikorrenti.

26 Fir-rigward tat-tieni raġuni li tiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, il-BĊE ppreċiża, fil-punt 3.3.1(b) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, li l-mudell kummerċjali tat-tieni rikorrenti kien iffokat fuq il-provvista ta' servizzi lil klijenti professjonali mhux residenti b'valur nett għoli u li, matul l-ewwel tliet spezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-FSA bejn l-2015 u l-2017, kien ġie osservat numru sinjifikattiv ta' tranżazzjonijiet mhux tas-soltu.

27 Barra minn hekk, skont il-BĊE, l-attivitajiet tal-kunsill ta' amministrazzjoni u tal-bord superviżorju tat-tieni rikorrenti fil-qasam tal-ĠĦF/FT u tal-ġestjoni tar-riskji kienu ġew ikkunsidrati bħala irregolari, sa fejn l-imsemmi kunsill ta' amministrazzjoni la kien stabbilixxa l-livell ta' tolleranza tar-riskji tal-imsemmija rikorrenti, la kien implimenta sistema separata ta' evalwazzjoni tar-riskji f'dan il-qasam, u lanqas ma kien ipprepara analiżi tar-riskji operattivi, li tinkludi analiżi fil-fond tar-riskji f'dan il-qasam, bi ksur tal-punti 2 u 3 tal-Artikolu 55(2) tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu.

28 Għalhekk, skont il-BĊE, it-tieni rikorrenti ma kellhiex l-arranġamenti ta' governanza meħtieġa mill-Artikolu 67(1)(o) tad-Direttiva 2013/36 u b'hekk kienet tissodisfa l-kundizzjoni biex tiġi suġġetta għal irtirar tal-awtorizzazzjoni, prevista fl-Artikolu 18(f) tal-istess direttiva. Barra minn hekk, bit-teħid inkunsiderazzjoni tar-rendiment preċedenti tal-imsemmija rikorrenti, huwa qabel mal-opinjoni tal-FSA li tgħid li kien ferm improbabbli li l-kunsill ta' amministrazzjoni l-ġdid ta' din ir-rikorrenti, ir-raba' wieħed mill-2015, jimplimenta b'mod serju l-bidliet imħabbra dwar is-sistema tagħha ta' ġestjoni tar-riskji fil-qasam tal-ĠĦF/FT.

29 Fir-rigward tat-tielet raġuni li tiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, il-BĊE osserva, fil-punt 3.3.1(c) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, li t-tieni rikorrenti ma kinitx ikkonformat ruħha mar-rakkomandazzjoni inkwistjoni fit-terminu stabbilit tad-9 ta' Diċembru 2016. Fil-fehma tiegħu, permezz tal-imsemmija rakkomandazzjoni, il-FSA kienet tobbliga, b'mod partikolari, lill-imsemmija rikorrenti sabiex, l-ewwel, tapplika r-regoli proċedurali, it-tieni, tapplika b'mod korrett, fil-futur, il-klawżoli 3 sa 5 tal-Artikolu 13(1) tal-Liġi Estonjana fil-Qasam tal-ĠĦF/FT, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, u tevita li tibda relazzjonijiet kummerċjali meta dan kien jirriżulta neċessarju, it-tielet, tivverifika jekk l-imsemmija dispożizzjonijiet kinux ġew applikati b'mod korrett għar-relazzjonijiet kummerċjali eżistenti u, jekk neċessarju, tapplika mill-ġdid il-miżuri ta' viġilanza fil-konfront tal-klijenti, ir-raba', tevita, jekk ikun il-każ, li twettaq tranżazzjonijiet skont l-Artikolu 27(2) tal-imsemmija liġi, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, il-ħames, tirreferi lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja meta attività jew ċirkustanzi oħra setgħu jkunu indizju tat-twettiq jew ta' tentattiv ta' ħasil ta' flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu, jew fil-każ fejn din ir-rikorrenti kellha raġuni għalfejn taħseb jew tkun taf li kien hemm ħasil ta' flus jew finanzjament tat-terroriżmu u, is-sitt, tipprovdi lill-FSA rapport tal-azzjonijiet meħuda sabiex tapplika l-obbligi msemmija iktar 'il fuq. Madankollu, matul it-tielet spezzjoni fuq il-post, il-FSA kienet irrilevat li l-obbligi msemmija iktar 'il fuq ma kinux ġew kompletament osservati u li kien għad hemm in-nuqqasijiet ikkritikati. Għaldaqstant, il-BĊE kkonkluda li n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni kien jikkostitwixxi raġuni oħra li tiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, skont l-Artikolu 18(f) tad-Direttiva 2013/36.

30 Fir-rigward tar-raba' raġuni li tiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, il-BĊE rrileva, fil-punt 3.3(d) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, li t-tieni rikorrenti kienet issottomettiet informazzjoni u dokumenti qarrieqa u ineżatti lill-FSA dwar l-attivitajiet tagħha fil-Latvja, billi affermat, minn naħa, li ma kellhiex sussidjarja hemmhekk u indikat, min-naħa l-oħra, fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Frar 2016 lill-imsemmija ANK, li kienet għalqet l-istabbiliment tagħha fil-Latvja, filwaqt li dan tal-aħħar kien għadu operattiv. Fil-fehma tiegħu,

ir-riżultati tal-ispezzjoni fuq il-post imwettqa minn din l-ANK bejn il-5 ta' Settembru u l-14 ta' Novembru 2016, fir-realtà, kienu juru li l-imsemmija rikorrenti kienet ipprovdiet servizzi finanzjarji fil-Latvja mingħajr interruzzjoni mix-xahar ta' Ottubru 2013. Huwa osserva li, skont l-informazzjoni kkomunikata mill-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni Latvjana lill-FSA, din ir-rikorrenti kienet ħolqot is-"sussidjarja" tagħha fil-Latvja bi ksur tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi Latvjani, li kienu jittrasponu l-Artikoli 35 sa 38 tad-Direttiva 2013/36 dwar il-proċedura ta' "passaport". Fil-fehma tiegħu, tali aġir kien jikkostitwixxi ksur tal-punti 2 u 15 tal-Artikolu 17(1) tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu. Huwa għalhekk ikkonkluda li l-imsemmi aġir kien jirrappreżenta raġuni supplimentari għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni, skont l-Artikolu 18(e) tal-imsemmija direttiva.

31 Fir-rigward tal-eżami tan-natura proporzjonata tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni u, fl-ewwel lok, tan-natura xierqa ta' tali rtirar, il-BĊE enfasizza li l-għan tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni mogħtija lil istituzzjoni ta' kreditu kien li jintemm il-ksur tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli mwettqa minnha u li n-neċessità li tali istituzzjoni tkun implimentat sistema ta' governanza xierqa kienet tirriżulta mill-fatt li n-nuqqasijiet f'tali sistema jistgħu jwasslu għall-falliment tal-istess istituzzjoni kif ukoll għal problemi sistemiċi fl-Istati Membri u fil-livell globali. Huwa qies li, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-ksur tal-leġiżlazzjoni kontra l-ħasil ta' flus għal żmien twil ikkritikat lit-tieni rikorrenti, il-FSA kellha tintervjeni u li, f'dan il-każ, hija kienet qabel kollox adottat rakkomandazzjoni, u kien biss wara l-ksur tagħha li kienet ipproponiet l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, kellha tiġi kkunsidrata bħala miżura xierqa u proporzjonali. Huwa kkunsidra li l-imsemmija miżura kienet xierqa wkoll fir-rigward tal-ksur tal-proċedura ta' notifika, imsejħa "ta' passaport", li għandha tiġi osservata sabiex tiġi stabbilita fergħa fi Stat Membru ieħor.

32 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-eżami tan-natura neċessarja tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni, il-BĊE ma ħax inkunsiderazzjoni biss il-gravità tal-ksur osservat, iżda wkoll il-miżuri kollha inqas onerużi li kienu diġà ttieħdu sabiex jiġi rrimedjat in-nuqqas attribwibbli lit-tieni rikorrenti. Bit-teħid inkunsiderazzjoni tar-repetizzjoni tal-aġir illegali tal-imsemmija rikorrenti, tal-informazzjoni inkorretta pprovduta minn din tal-aħħar fir-rigward tal-attivitajiet tagħha fil-Latvja kif ukoll tal-ineffettività tal-azzjoni ta' superviżjoni u ta' spezzjoni sinjifikattiva diġà mwettqa mill-FSA, huwa qies, wara li analizza mhux biss l-azzjonijiet diġà meħuda mill-FSA, iżda wkoll il-miżuri l-oħra kollha disponibbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, jiġifieri l-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, li ma kienx hemm miżuri oħra inqas onerużi li setgħu jkunu effikaċi sabiex terġa' tiġi stabbilita l-legalità.

33 B'mod partikolari, il-BĊE kkunsidra li l-għażla tal-bejgħ forzat (likwidazzjoni) tat-tieni rikorrenti ma kinitx legalment possibbli. Sussegwentement, huwa elenka l-miżuri differenti analizzati filwaqt li enfasizza r-raġunijiet għalfejn huwa kien jikkunsidra li dawn ma kinux effikaċi għall-finijiet tal-istabbiliment mill-ġdid tal-legalità. L-ewwel, modifika ġdida fil-kompożizzjoni tal-kunsill ta' amministrazzjoni tal-imsemmija rikorrenti ma ġietx ikkunsidrata bħala miżura effikaċi, peress li, l-ewwel, din ir-rikorrenti kienet diġà wettqet diversi bidliet fil-kunsill ta' amministrazzjoni mingħajr ma dan kien ipproduċa effetti f'termini ta' konformità mal-obbligi legali inkwistjoni, it-tieni, l-istess rikorrenti kienet ħabbret diversi drabi, sa mill-2015, bidla fl-istrateġija kummerċjali mingħajr ma dan it-tħabbir ġie segwit minn fatti konkreti, it-tielet, skont id-dritt Estonjan, għalkemm il-kunsill ta' amministrazzjoni għandu s-setgħa li jinfluwenza l-istrateġija kummerċjali ta' istituzzjoni ta' kreditu, dan ma għandux is-setgħa li jiddefinixxiha b'mod awtonomu, peress li r-responsabbiltà tiegħu hija limitata għat-tmexxija tal-attività ta' kuljum tal-imsemmija istituzzjoni, ir-raba', f'dan il-każ, il-possibbiltajiet li modifika fil-kunsill ta' amministrazzjoni twassal għal bidla fl-istrateġija kienu dgħajfin, bit-teħid inkunsiderazzjoni

tal-fatt li ż-żewġ pożizzjonijiet ewlenin f'dan il-kunsill huma okkupati miż-żewġ azzjonisti prinċipali tal-istituzzjoni ta' kreditu, li jistgħu jinfluwenzaw informalment l-istrateġija u jżommu għalhekk l-*istatus quo*.

34 It-tieni, fir-rigward tat-terminazzjoni jew tas-sospensjoni tad-drittijiet ta' vot ta' ċerti azzjonisti, skont id-dispożizzjoni tad-dritt Estonjan li tittrasponi l-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2013/36, il-BĊE enfasizza li peress li l-azzjonisti tat-tieni rikorrenti kienu kkonċentrati ħafna, din il-miżura kellha l-konsegwenza li l-ġestjoni tal-bank titħalla f'idejn l-azzjonisti li għandhom ishma minoritarji, li għandhom livell ta' involviment minimu fir-rendiment tal-istituzzjoni ta' kreditu u li huma, barra minn hekk, marbuta ħafna mal-azzjonisti maġġoritarji b'rabtiet tal-familja u ta' interessi finanzjarji komuni, u dan seta' jwassal għal influwenza indiretta ta' dawn l-istess azzjonisti fuq it-tmexxija strateġika tal-imsemmija rikorrenti, minkejja l-miżura adottata.

35 It-tielet, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni oħra li tipprojbixxi lit-tieni rikorrenti milli tipprovdi servizzi finanzjarji, mill-inqas lill-klijenti mhux residenti f'livell għoli ta' riskju, il-BĊE kkunsidra li din il-miżura kienet inadegwata peress li, minn naħa, in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tar-rakkomandazzjoni preċedenti kien iqajjem dubji dwar il-kapaċità u r-rieda tal-imsemmija rikorrenti li tikkonforma ruħha mal-eventwali tieni rakkomandazzjoni u, min-naħa l-oħra, ir-restrizzjoni tal-attivitajiet tal-bank kienu jikkawżawlha telf operattiv għoli ħafna fix-xahar, li jipperikola l-likwidità tagħha u b'hekk it-tfaddil tal-klijenti.

36 Ir-raba', fir-rigward tal-awtolikwidazzjoni, il-BĊE ammetta li tali soluzzjoni kienet ġiet proposta mit-tieni rikorrenti fil-kuntest tal-osservazzjonijiet tagħha dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018, li tali possibbiltà kienet teżisti skont id-dritt Estonjan, u li din kienet twassal fi kwalunkwe każ għal irtirar tal-awtorizzazzjoni, iżda li, madankollu, huwa ddeċieda li ma jagħżilx dan il-mezz, peress li, l-ewwel, l-awtolikwidazzjoni kienet tgħatti r-raġunijiet sostanzjali li għalihom il-FSA kienet ipproponiet l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, it-tieni, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni kien ikun ibbażat fuq l-Artikolu 16(3) tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u mhux fuq l-Artikolu 17 ta' din tal-aħħar, it-tielet, l-awtolikwidazzjoni kienet tagħti għalhekk dehra inkorretta tal-gravità tal-ksur tad-dritt applikabbli mwettaq mill-imsemmija rikorrenti, liema ksur, skont il-BĊE, kien jiġġustifika rtirar forzat tal-awtorizzazzjoni u, ir-raba', skont l-Artikolu 20(5) tad-Direttiva 2013/36, il-komunikazzjoni dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni ma għandhiex tikkonċerna biss l-irtirar fih innifsu, iżda wkoll ir-raġunijiet li huwa bbażat fuqhom.

37 Il-ħames, fir-rigward tax-xiri minn kumpannija Estonjana oħra, il-BĊE ma għażilx din is-soluzzjoni, għaliex, minn naħa, hija ma kinitx ipproduċiet prova dokumentali tal-eżistenza ta' impenn konkret min-naħa ta' xi wieħed mill-investituri u, min-naħa l-oħra, l-abbozz ta' pjan tal-impriża ppreżentat mit-tieni rikorrenti ma kienx jipprovdi informazzjoni suffiċjenti sabiex jiġi ddeterminat jekk it-tranżazzjoni kinitx twassal għal bidla fl-istrateġija kummerċjali. Barra minn hekk, minkejja t-terminu supplimentari mogħti lill-imsemmija rikorrenti sabiex tissottometti d-dokumentazzjoni, hija baqgħet ma pprovdietx l-informazzjoni neċessarja.

38 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-eżami tan-natura raġonevoli tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni, il-BĊE kkunsidra li, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-gravità u tat-tul tal-ksur, minħabba li t-tieni rikorrenti kienet irrepetiet l-aġir illegali tagħha minkejja t-twissijiet differenti li rċeviet kif ukoll tad-dannu għall-fiduċja pubblika fis-sistema finanzjarja Estonjana u Ewropea, ikkawżat mill-aġir tagħha, l-interess pubbliku għall-istabbiliment mill-ġdid tal-legalità kien jieħu preċedenza fuq l-interessi privati tal-imsemmija rikorrenti sabiex ma tiġix irtirata l-awtorizzazzjoni tagħha.

39 Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni mal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, il-BĊE qies li t-tieni rikorrenti ma setgħetx tinvoka dan il-prinċipju, peress li, l-ewwel, hija kienet irċeviet diversi twissijiet f'diversi okkażjonijiet (erba' spezzjonijiet fuq il-post, rakkomandazzjoni u twissijiet differenti) mingħajr ma ħadet il-miżuri xierqa sabiex twaqqaf l-aġir illegali tagħha, it-tieni, il-FSA qatt ma kienet indikatilha li l-awtorizzazzjoni tagħha ma kinitx ser tiġi rtirata u, it-tielet, ħadd jista' jinvoka l-aspettattivi leġittimi sabiex iwettaq jew iżomm aġir illegali.

40 Bit-teħid inkunsiderazzjoni ta' dak kollu preċedenti, il-BĊE kkonkluda li kien hemm raġunijiet, skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36, sabiex tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni lit-tieni rikorrenti u li tali miżura kellha tiġi kkunsidrata bħala proporzjonata (adegwata, neċessarja u raġonevoli), fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ u tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

## II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

### *A. Il-bidu tal-proċedura u t-talbiet tal-partijiet fil-Kawża T-351/18*

41 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-5 ta' Ġunju 2018, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors.

42 Il-BĊE ppreżenta r-risposta fil-21 ta' Settembru 2018.

43 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni Ewropea talbet li tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-BĊE.

44 Permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Novembru 2018, il-President tat-Tieni Awla tal-Qorti Ġenerali laqa' t-talba għal intervent.

45 Ir-rikorrenti ppreżentaw ir-replika fit-12 ta' Diċembru 2018. Il-BĊE ppreżenta l-kontroreplika fit-18 ta' Frar 2019.

46 Il-Kummissjoni ppreżentat in-nota ta' intervent fl-20 ta' Diċembru 2018. Ir-rikorrenti ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-imsemmija nota fil-25 ta' Frar 2019.

47 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-1 ta' April 2019, ir-rikorrenti talbu ż-żamma ta' seduta, is-smigħ tax-xhieda kif ukoll l-adozzjoni ta' ċerti miżuri istruttorji.

48 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' April 2019, il-BĊE u l-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar it-talba għal smigħ tax-xhieda u għall-adozzjoni ta' miżuri istruttorji mressqa mir-rikorrenti.

49 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018;

– tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

50 Il-BĊE jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli, fir-rigward tal-ewwel rikorrenti;

– sussidjarjament, tiċħad ir-rikors bħala infondat, fir-rigward tal-ewwel rikorrenti;

– tiċħad ir-rikors bħala infondat fir-rigward tat-tieni rikorrenti;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

51 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli fir-rigward tal-ewwel rikorrenti;

– fi kwalunkwe każ, tiċħad ir-rikors bħala infondat;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

### *B. Il-bidu tal-proċedura u t-talbiet tal-partijiet fil-Kawża T-584/18*

52 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-27 ta' Settembru 2018, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors.

53 Il-BĊE ppreżenta r-risposta fl-20 ta' Diċembru 2018.

54 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni talbet li tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-BĊE.

55 Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Frar 2019, il-President tat-Tieni Awla tal-Qorti Ġenerali laqa' t-talba għal intervent.

56 Ir-rikorrenti ppreżentaw ir-replika fit-28 ta' Marzu 2019. Il-BĊE ppreżenta l-kontroreplika fit-3 ta' Ġunju 2019.

57 Il-Kummissjoni ppreżentat in-nota ta' intervent fil-5 ta' April 2019. Ir-rikorrenti ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-imsemmija nota fis-27 ta' Mejju 2019.

58 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018;

– tannulla d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż;

– tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

59 Il-BĊE jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli, fir-rigward tal-ewwel rikorrenti;

– sussidjarjament, tiċħad ir-rikors bħala infondat, fir-rigward tal-ewwel rikorrenti;

– tiċħad il-ħamsa u għoxrin motiv bħala inammissibbli, sa fejn dan tqajjem mit-tieni rikorrenti;

– tiċħad ir-rikors bħala infondat fir-rigward tat-tieni rikorrenti, inkluż fir-rigward tal-ħamsa u għoxrin motiv, jekk il-Qorti Ġenerali ma tiddikjarahx inammissibbli;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

60 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli fir-rigward tal-ewwel rikorrenti;

– fi kwalunkwe każ, tiċħad ir-rikors bħala infondat;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

61 Fil-kuntest tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, ir-rikorrenti ressqu talbiet għal miżuri istruttorji u, b'mod partikolari, talba għall-produzzjoni ta' diversi dokumenti u talba għal xhieda.

### *C. Is-segwitu tal-proċedura fiż-żewġ kawżi*

62 Peress li l-kompożizzjoni tal-awli tal-Qorti Ġenerali ġiet immodifikata, b'applikazzjoni tal-Artikolu 27(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lid-Disa' Awla, li lilha, konsegwentement, ġew assenjati dawn il-kawżi.

63 Fuq proposta tad-Disa' Awla, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-5 ta' Frar 2020, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura, li tibgħat dawn il-kawżi quddiem kulleġġ ġudikanti estiż.

64 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (id-Disa' Awla Estiża) iddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura u, fil-kuntest ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, għamlet mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet, li għalihom il-Kummissjoni, il-BĊE u r-rikorrenti wieġbu permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, rispettivament, fit-13 ta' Marzu kif ukoll fis-16 u fis-17 ta' April 2020.

65 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tad-Disa' Awla tas-27 ta' April 2020, dawn il-kawżi ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura orali.

66 Matul is-seduta tal-25 ta' Settembru 2020, instemgħu s-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali. Il-partijiet instemgħu wkoll dwar it-tgħaqqid eventwali ta' dawn il-kawżi għall-finijiet tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza.

67 Wara l-mewt tal-Imħallef Berke li seħħet fl-1 ta' Awwissu 2021, it-tliet Imħallfin li l-firma tagħhom tinsab fuq din is-sentenza komplew bid-deliberazzjonijiet, konformement mal-Artikolu 22 u mal-Artikolu 24(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

68 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Awwissu 2021, din il-kawża kienet ġiet assenjata lil Imħallef Relatriċi ġdida, sedenti fid-Disa' Awla.

## III. Id-dritt

69 Il-Kawżi T-351/18 u T-584/18 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.

### *A. Fuq il-persistenza tas-suġġett tat-tilwima u tal-interess ġuridiku tar-rikorrenti fil-Kawża T-351/18*

70 Skont ġurisprudenza stabbilita, rikors għal annullament ippreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika huwa ammissibbli biss sa fejn din tal-aħħar ikollha interess li tara li l-att ikkontestat jiġi annullat. Tali interess, kundizzjoni essenzjali u primarja għal kull azzjoni ġudizzjarja, jippreżupponi li l-annullament ta' dan l-att jista' jkollu, minnu nnifsu, konsegwenzi legali u li r-rikors b'hekk jista', bl-eżitu tiegħu, jipprovdi benefiċċju lill-parti li tkun ippreżentatu (ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Mory *et* vs Il-Kummissjoni, C-33/14 P, EU:C:2015:609, punti 55 u 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 L-interess ġuridiku tar-rikorrenti għandu, fid-dawl tas-suġġett tar-rikors, ikun preżenti fil-mument li fih jiġi ppreżentat ir-rikors, u fin-nuqqas ta' dan, ikun inammissibbli. Dan is-suġġett tat-tilwima, bħall-interess ġuridiku, għandu jissussisti sakemm tingħata d-deċiżjoni finali, u fin-nuqqas ta' dan, ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni, u dan jippreżupponi li r-rikors jista', bl-eżitu tiegħu, jipprovdi benefiċċju lill-parti li tkun ippreżentatu (ara s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni, C-362/05 P, EU:C:2007:322, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Il-kwistjoni tan-nuqqas ta' lok li tingħata deċiżjoni minħabba n-nuqqas tal-persistenza tal-interess ġuridiku tista' titqajjem *ex officio* mill-qrati tal-Unjoni Ewropea (sentenza tas-6 ta' Settembru 2018, Bank Mellat vs Il-Kunsill, C-430/16 P, EU:C:2018:668, punt 49).

73 F'dan ir-rigward, permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura tat-3 ta' Marzu 2020, il-Qorti Ġenerali talbet lill-partijiet jesprimu ruħhom fuq iż-żamma tal-interess ġuridiku tar-rikorrenti, wara l-adozzjoni mill-BĊE tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, li tgħid li din tal-aħħar kienet ħassret b'effett retroattiv id-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018.

74 Ir-rikorrenti jqisu li huma għad għandhom l-interess ġuridiku tagħhom fil-konfront tad-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018, wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018. Fil-fehma tagħhom, l-ewwel, it-tħassir ta' miżura ma jistax jiġi assimilat b'mod sistematiku ma' annullament mill-qorti tal-Unjoni peress li, mid-definizzjoni tiegħu, dan ma huwiex ekwivalenti għal rikonoxximent tal-illegalità tad-deċiżjoni. It-tieni, il-BĊE ma jistax jiġi awtorizzat ixekkel konstatazzjoni ġudizzjarja tal-illegalità ta' deċiżjoni billi jadotta deċiżjoni ġdida u billi jħassar id-deċiżjoni preċedenti. Il-possibbiltà li jaġixxi b'dan il-mod tista' tkun is-suġġett ta' abbuż li jmur kontra l-istat tad-dritt. It-tielet, is-sostituzzjoni allegata u preżunta tad-deċiżjoni inizjali bid-deċiżjoni sussegwenti fi kwalunkwe data fil-passat hija fizzjoni inkompatibbli mad-dritt. Ir-raba', ir-rikorrenti jindikaw li talbu l-annullament tad-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018, b'mod partikolari sabiex jipproteġu l-interessi tagħhom f'termini ta' reputazzjoni u minħabba l-interess tagħhom li jirċievu kumpens finanzjarju. Il-leġittimità ta' dawn l-interessi ġiet irrikonoxxuta fid-digriet tat-12 ta' Settembru 2017, Fursin *et* vs BĊE (T-247/16, mhux ippubblikat, EU:T:2017:623, punti 17 sa 23), u s-silta inkwistjoni tad-digriet tal-Qorti Ġenerali ma kinitx is-suġġett ta' appell u għalhekk hija legalment valida. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonfermat din il-parti tad-digriet tal-Qorti Ġenerali. Il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx dan l-aspett b'mod espliċitu ma huwiex importanti. Ma kienx neċessarju li tagħmel dan, peress li din il-parti tad-digriet ma kinitx is-suġġett ta' appell mill-BĊE jew mill-Kummissjoni. Il-ħames, deċiżjoni li

timmodifika s-sitwazzjoni legali tad-destinatarju b'effett *ex tunc* hija awtorizzata biss f'ċirkustanzi limitati ħafna, b'mod partikolari meta din ikollha effett pożittiv fuq id-destinatarju. Konsegwentement, irtirar tal-awtorizzazzjoni b'effett allegatament qabel id-data tad-deċiżjoni qatt ma huwa possibbli.

75 Il-BĊE jesponi li ma jeżisti l-ebda interess tar-rikorrenti li ma jistax jiġi ssodisfatt fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018. Konsegwentement, ir-rikorrenti tilfu l-interess ġuridiku tagħhom kontra d-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018.

76 Kif jirriżulta mill-Artikolu 24(1) tar-Regolament MSU bażiku, il-BĊE għandu jistabbilixxi BAR għall-finijiet li jwettaq rieżami amministrattiv intern tad-deċiżjonijiet meħuda mill-BĊE fl-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilu mill-imsemmi regolament. Skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, il-BAR għandu jkun magħmul minn ħames individwi ta' reputazzjoni tajba, minn Stati Membri u bi mgħoddi ta' għarfien u esperjenza professjonali ppruvati rilevanti, bl-esklużjoni tal-persunal attwali tal-BĊE, kif ukoll persunal attwali tal-awtoritajiet kompetenti jew ta' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn. Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu 2014/360/UE tal-14 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' Bord Amministrattiv ta' Rieżami u r-Regoli Operattivi tiegħu (ĠU 2014, L 175, p. 47), adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 24 tar-Regolament MSU bażiku, il-BĊE stabbilixxa l-BAR.

77 Barra minn hekk, mill-Artikolu 24(7) tar-Regolament MSU bażiku jirriżulta li r-rieżami amministrattiv intern tad-deċiżjonijiet tal-BĊE fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali jinkludi tliet fażijiet. Fl-ewwel lok, il-BAR joħroġ opinjoni għall-attenzjoni tal-Bord Superviżorju bl-għan li jiġi mfassal abbozz ta' deċiżjoni ġdid. Fit-tieni lok, il-Bord Superviżorju jieħu inkunsiderazzjoni l-opinjoni tal-BAR u jissottometti abbozz ta' deċiżjoni ġdid lill-Kunsill Governattiv fit-termini previsti fl-Artikolu 17(2) tad-Deċiżjoni 2014/360. L-abbozz ġdid ta' deċiżjoni "għandu jew jabroga [iħassar] d-deċiżjoni inizjali, jew jissostitwiha b'deċiżjoni ta' kontenut identiku, jew inkella jissostitwiha b'deċiżjoni emendata". Fit-tielet lok, l-abbozz ta' deċiżjoni ġdid għandu jitqies adottat sakemm il-Kunsill Governattiv ma joġġezzjonax għalih f'terminu massimu ta' għaxart ijiem ta' xogħol.

78 Finalment, skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament MSU bażiku, ir-rieżami amministrattiv intern jirrigwarda l-konformità proċedurali u sostantiva, mal-imsemmi regolament, tad-deċiżjonijiet meħuda mill-BĊE fl-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilu minn dan ir-regolament. Huwa veru li, skont l-Artikolu 10(2) tad-Deċiżjoni 2014/360, il-BAR huwa limitat għall-eżami tal-motivi invokati mir-rikorrenti kif stabbiliti fit-talba għal rieżami. Madankollu, skont l-Artikolu 17(1) tal-istess deċiżjoni, l-evalwazzjoni tal-Bord Superviżorju ma għandhiex tkun limitata għall-eżami tal-motivi invokati mir-rikorrenti kif esposti fit-talba għal rieżami, iżda din tista' tieħu inkunsiderazzjoni wkoll elementi oħrajn fil-proposta tagħha għal abbozz ta' deċiżjoni ġdid.

79 Minn qari flimkien tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 76 sa 78 iktar 'il fuq jirriżulta li r-rieżami amministrattiv intern tad-deċiżjonijiet meħuda mill-BĊE fl-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilu mir-Regolament MSU bażiku jikkonsisti, ikkunsidrat fl-intier tiegħu, f'evalwazzjoni sħiħa ġdida tal-każ, mhux limitata għall-motivi invokati insostenn tat-talba għal rieżami. Din il-partikolarità tal-proċedura ta' rieżami amministrattiv hija riflessa fil-fatt li, skont l-Artikolu 17(1) tad-Deċiżjoni 2014/360, il-Bord Superviżorju, wara li jkun ħa inkunsiderazzjoni l-opinjoni tal-BAR, implimentata għall-finijiet tar-rieżami tad-deċiżjonijiet tal-BĊE b'iktar kundizzjonijiet ta' indipendenza u għarfien espert (ara l-punt 76 ktar 'il fuq), huwa stess ikollu kompetenza estiża.

80 F'dan il-kuntest, l-Artikolu 24(7) tar-Regolament MSU bażiku jipprevedi li l-proċedura ta' rieżami tista' twassal għal tliet riżultati. L-ewwel wieħed jikkonsisti fit-tħassir pur u sempliċi tad-deċiżjoni inizjali. It-tieni jikkonsisti f'sostituzzjoni tad-deċiżjoni inizjali b'deċiżjoni identika. It-tielet jikkonsisti f'sostituzzjoni tad-deċiżjoni inizjali b'deċiżjoni emendata.

81 Għar-raġunijiet li ser jiġu esposti fil-punti 82 sa 85 iktar 'il quddiem, l-Artikolu 24(7) tar-Regolament MSU bażiku jistabbilixxi obbligu fuq il-BĊE biex japplika d-deċiżjoni adottata fi tmiem ir-rieżami b'mod retroattiv għall-mument li fih ħadet effett id-deċiżjoni inizjali, irrispettivament mill-eżitu tal-imsemmi rieżami.

82 B'mod partikolari, jekk il-Bord Superviżorju u l-Kunsill Governattiv iqisu li d-deċiżjoni inizjali, li permezz tagħha ġiet irtirata l-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu, hija valida, il-Kunsill Governattiv ma jipproċedix għal sempliċi ċaħda tat-talba għal rieżami fuq il-mertu, iżda, konformement mal-Artikolu 24(7) tar-Regolament MSU bażiku, għall-adozzjoni ta' deċiżjoni identika għal dik li hija s-suġġett tal-imsemmi rieżami. Issa, f'tali ipoteżi, ma huwiex konċepibbli li jsir it-tieni rtirar tal-istess awtorizzazzjoni. Għalhekk, id-deċiżjoni li għandha kontenut identiku għad-deċiżjoni rieżaminata tista' tissostitwixxi din id-deċiżjoni biss b'effett retroattiv għall-mument li fih ħadet effett id-deċiżjoni li hija s-suġġett tar-rieżami.

83 Din l-interpretazzjoni, imposta min-natura tal-miżuri inkwistjoni, hija valida wkoll meta l-Bord Superviżorju u l-Kunsill Governattiv iqisu li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni ma huwiex iġġustifikat jew li n-nuqqasijiet ikkonstatati jistgħu jiġu rrimedjati permezz ta' miżuri inqas vinkolanti. Fil-fatt, f'tali ipoteżi, l-att li jħassar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni jew li jimponi dawn il-miżuri għandu japplika bilfors b'mod retroattiv b'tali mod li jħassar *ex tunc* l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu u, jekk ikun il-każ, jissostitwixxih bil-miżura kkunsidrata bħala li hija l-iktar xierqa. Fin-nuqqas ta' tali effett retroattiv, id-deċiżjoni mogħtija dwar ir-rieżami jista' jkollha effetti biss bil-kundizzjoni li tingħata awtorizzazzjoni ġdida, konformement mal-proċedura prevista fl-Artikolu 14 tar-Regolament MSU bażiku.

84 Din l-evalwazzjoni hija, indirettament iżda neċessarjament, ikkonfermata mill-Artikolu 24(8) tar-Regolament MSU bażiku kif ukoll mill-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2014/360, li jgħidu li t-talba għal rieżami ma għandhiex effett sospensiv fir-rigward tal-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Minn dan isegwi li s-sostituzzjoni tad-deċiżjoni rieżaminata b'deċiżjoni emendata għandha ssir b'effett retroattiv għall-mument li fih ħadet effett id-deċiżjoni rieżaminata, u jekk dan ma jkunx il-każ, id-deċiżjoni finali ma jistax ikollha effett utli.

85 Mill-analiżi preċedenti jirriżulta wkoll li s-sostituzzjoni tad-deċiżjoni inizjali b'deċiżjoni identika jew emendata fi tmiem il-proċedura ta' rieżami twassal għat-tmiem definittiv tad-deċiżjoni inizjali mill-ordinament ġuridiku.

86 F'dan il-każ, minn naħa, skont il-parti introduttiva tad-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018, jiġifieri l-att ikkontestat fil-Kawża T-351/18, din id-deċiżjoni ħadet effett fil-23.00 tal-ġurnata tal-komunikazzjoni tagħha lit-tieni rikorrenti, konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE. Min-naħa l-oħra, skont il-parti introduttiva tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, jiġifieri l-att ikkontestat fil-Kawża T-584/18, "id-deċiżjoni [tas-26 ta' Marzu 2018] tħassret u ġiet issostitwita b'din id-deċiżjoni b'effett mill-23.00 tad-data li fiha saret il-komunikazzjoni tad-deċiżjoni [tas-26 ta' Marzu 2018]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

87 Id-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 ġiet adottata fi tmiem ir-rieżami amministrattiv mibdi kontra d-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018 u għandha kontenut identiku għal din tal-aħħar, fis-sens tal-Artikolu 24(7) tar-Regolament MSU bażiku.

88 Minn dan isegwi li, skont id-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, il-BĊE pproċeda, konformement mal-kuntest ġuridiku li jirregola l-proċedura ta' rieżami amministrattiv (ara l-punti 76 sa 81 iktar 'il fuq), għas-sostituzzjoni tad-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018 b'effett retroattiv għall-mument li fih ħadet effett din tal-aħħar u mhux, kif jidher li qegħdin isostnu r-rikorrenti, għal sempliċi tħassir ta' din tal-aħħar għall-ġejjieni.

89 Issa, it-tmiem tas-suġġett tat-tilwima jista' jirriżulta, b'mod partikolari, mill-irtirar jew mis-sostituzzjoni tal-att ikkontestat fil-mori tal-kawża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Ġunju 1961, Meroni *et* vs Awtorità Għolja, 5/60, 7/60 u 8/60, EU:C:1961:10, p. 211 sa 213; id-digrieti tas-17 ta' Settembru 1997, Antillean Rice Mills vs Il-Kummissjoni, T-26/97, EU:T:1997:131, punti 14 u 15, u tat-12 ta' Jannar 2011, Terezakis vs Il-Kummissjoni, T-411/09, EU:T:2011:4, punt 15).

90 Fil-fatt, att li huwa rtirat u ssostitwit jintemm kompletament u *ex tunc* mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, b'tali mod li sentenza li tannulla l-att irtirat ma twassal għall-ebda konsegwenza legali supplimentari meta mqabbla mal-konsegwenzi tal-irtirar li jkun sar (ara, f'dan is-sens, id-digrieti tat-28 ta' Mejju 1997, Proderec vs Il-Kummissjoni, T-145/95, EU:T:1997:74, punt 26; tas-6 ta' Diċembru 1999, Elder vs Il-Kummissjoni, T-178/99, EU:T:1999:307, punt 20, u tad-9 ta' Settembru 2010, Phoenix-Reisen u DRV vs Il-Kummissjoni, T-120/09, mhux ippubblikat, EU:T:2010:381, punt 23).

91 Minn dan isegwi li, fil-każ ta' rtirar tal-att ikkontestat, ir-rikorrent ma għandu l-ebda interess li jikseb l-annullament tiegħu u li r-rikors kontra dan l-att isir mingħajr skop, b'tali mod li ma jkunx għad hemm lok li tingħata deċiżjoni (sentenza tal-1 ta' Ġunju 1961, Meroni *et* vs Awtorità Għolja, 5/60, 7/60 u 8/60, EU:C:1961:10, p. 211 sa 213; id-digrieti tas-6 ta' Diċembru 1999, Elder vs Il-Kummissjoni, T-178/99, EU:T:1999:307, punti 21 u 22; tad-9 ta' Settembru 2010, Phoenix-Reisen u DRV vs Il-Kummissjoni, T-120/09, mhux ippubblikat, EU:T:2010:381, punti 24 sa 26, u tal-24 ta' Marzu 2011, Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni, T-36/10, EU:T:2011:124, punti 46, 50 u 51).

92 Din il-konklużjoni hija iktar evidenti meta, bħal f'dan il-każ, l-att ikkontestat kien ġie ssostitwit, b'effett retroattiv, b'att identiku, li ma jkunx affettwat bl-annullament eventwali tal-ewwel att.

93 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jistgħux jisiltu argument b'mod validu mid-digriet tat-12 ta' Settembru 2017, Fursin *et* vs BĊE (T-247/16, mhux ippubblikat, EU:T:2017:623). Fil-fatt, dan id-digriet kien ġie annullat bis-sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, BĊE *et* vs Trasta Komercbanka *et* (C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, EU:C:2019:923), mingħajr ma t-tmiem tal-interess ġuridiku tar-rikorrenti minħabba s-sostituzzjoni tal-att ikkontestat, b'effett retroattiv, b'deċiżjoni ġdida ta' kontenut identiku, adottata fi tmiem rieżami amministrattiv, ma kien is-suġġett ta' appelli.

94 Konsegwentement, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, f'kuntest ġuridiku li jorganizza rieżami amministrattiv li jagħti lok għall-adozzjoni ta' atti maħsuba biex jissostitwixxu, b'effett retroattiv, l-atti li huma s-suġġett tal-imsemmi rieżami, l-interessi tal-partijiet affettwati huma protetti kompletament permezz tal-possibbiltà li jintalab l-annullament tal-att adottat fi tmiem ir-rieżami inkwistjoni kif ukoll il-kumpens għal kull dannu kkawżat bl-adozzjoni tiegħu.

95 Minn dan isegwi li s-suġġett tar-rikors fil-Kawża T-351/18 intemm wara l-preżentata tar-rikors u li r-rikorrenti, konsegwentement, tilfu l-interess tagħhom li jfittxu l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata f'din il-kawża. Għalhekk ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

### *B. Fuq l-ammissibbiltà tal-Kawża T-584/18*

96 Il-BĊE, mingħajr ma ppreżenta formalment eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, jikkontesta, minn naħa, l-ammissibbiltà tar-rikorsi biss sa fejn dawn kienu ġew ippreżentati mill-ewwel rikorrenti u, min-naħa l-oħra, fil-kuntest tal-Kawża T-584/18, l-ammissibbiltà tat-tieni rikorrenti fir-rigward tal-ħamsa u għoxrin motiv intiż għall-annullament tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż tal-proċedura ta' rieżami. Il-Kummissjoni tikkondividi din il-pożizzjoni.

97 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jqisu li l-ewwel rikorrenti għandha l-*locus standi* biex tikkontesta d-deċiżjonijiet tas-26 ta' Marzu u tas-17 ta' Lulju 2018, bħala azzjonist prinċipali tat-tieni rikorrenti li għandu 85 % tad-drittijiet tal-vot, billi jibbażża ruħu fuq id-digriet tat-12 ta' Settembru 2017, Fursin *et* vs BĊE (T-247/16, mhux ippubblikat, EU:T:2017:623).

98 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jikkunsidraw li, sa fejn il-BĊE jaċċetta l-ammissibbiltà tal-ewwel rikorrenti fir-rigward tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż, peress li din hija bbażata fuq l-illegalità tad-deċiżjonijiet tas-26 ta' Marzu u tas-17 ta' Lulju 2018, il-*locus standi* fil-konfront tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż ma jistax jiġi eskluż. Sussegwentement huma jelenkaw l-interessi distinti l-oħra li għandha l-ewwel rikorrenti, bħal b'mod partikolari l-interess li tiġi evitata l-likwidazzjoni forzata, l-interess marbut mal-possibbiltà li tbigħ il-bank lil investitur ieħor, l-interess għar-reputazzjoni rispettiva tagħha distinta minn dik tal-bank, minbarra l-fatt li l-impatt finanzjarju li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni jipproduċi fuqha huwa differenti minn dak prodott fuq il-bank.

#### *1. Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018*

99 Fl-ewwel lok, hemm lok li jiġi kkonstatat li huwa ammissibbli li t-tieni rikorrenti tressaq talba għal annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018. Fil-fatt, l-imsemmija rikorrenti hija d-detentriċi tal-awtorizzazzjoni li ġiet irtirata u d-destinatarja ta' din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, ingħata *mandat ad litem* lir-rappreżentanti mingħand l-ex Direttur Ġenerali tat-tieni rikorrenti, mingħajr ma tqajjem dubju dwar il-validità tiegħu mill-istralċjarji tagħha. Barra minn hekk, il-BĊE ma jikkontestax l-ammissibbiltà tat-talba għal annullament tal-imsemmija deċiżjoni sa fejn din tressqet minn din ir-rikorrenti.

100 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ewwel rikorrenti, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma kienx ammissibbli li l-azzjonisti ta' istituzzjoni ta' kreditu jippreżentaw rikors kontra deċiżjoni tal-BĊE dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni sa fejn huma ma kinux direttament ikkonċernati minn tali deċiżjoni. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, wara l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, l-istituzzjoni ta' kreditu ma setgħetx tkompli bl-attività tagħha u, għaldaqstant, kien hemm dubju dwar il-kapaċità tagħha li tiddistribwixxi dividendi, iżda li dan l-effett negattiv tal-irtirar kien ta' natura ekonomika, filwaqt li d-dritt tal-azzjonisti li jirċievu dividendi, l-istess bħad-dritt tagħhom li jipparteċipaw fit-tmexxija tal-kumpannija, ma kienx affettwat mid-deċiżjoni tal-irtirar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, BĊE *et* vs Trasta Komercbanka *et*, C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, EU:C:2019:923, punt 111). Min-naħa l-oħra, hija ddeċidiet li, għalkemm il-likwidazzjoni taffettwa b'mod dirett id-dritt tal-azzjonisti li jipparteċipaw fit-tmexxija tal-kumpannija, din ma kinitx tikkostitwixxi

l-implimentazzjoni purament awtomatika u li tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 fis-sens tal-ġurisprudenza applikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, BĊE *et* vs Trasta Komercbanka *et*, C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, EU:C:2019:923, punti 113 u 114).

101 Għaldaqstant, it-talba għal annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 hija ammissibbli fir-rigward tat-tieni rikorrenti biss.

*2. Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż*

102 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż għandu jiġi ddikjarat li huwa ammissibbli li l-ewwel rikorrenti tressaq tali talba għal annullament peress li hija l-unika destinatarja ta' din id-deċiżjoni li fuqha jiġi impost, mill-istess deċiżjoni, obbligu ta' ħlas tal-ispejjeż tal-proċedura ta' rieżami li hija ppreżentat u li fiha pparteċipat hija biss. Barra minn hekk, il-BĊE ma jikkontestax l-ammissibbiltà tal-imsemmija talba għal annullament sa fejn din kienet tressqet minn din ir-rikorrenti.

103 Għall-kuntrarju, it-tieni rikorrenti, li għażlet li ma tressaqx talba għal rieżami quddiem il-BAR, filwaqt li hija kellha d-dritt li tagħmel dan, ma għandha l-ebda interess ġuridiku għall-annullament tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż, peress li din ma għandhiex effetti li jikkonċernawha. Barra minn hekk, l-imsemmija rikorrenti ma hijiex id-destinatarja ta' din id-deċiżjoni u ma tistax titqies bħala direttament jew individwalment ikkonċernata.

104 Għaldaqstant, it-talba għal annullament tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż hija ammissibbli biss fir-rigward tal-ewwel rikorrenti.

***C. Fuq il-mertu***

105 Insostenn tar-rikors ippreżentat fil-Kawża T-584/18, ir-rikorrenti jinvokaw 25 motiv: l-ewwel motiv sal-erbgħa u għoxrin motiv insostenn tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 u l-ħamsa u għoxrin motiv, ibbażat fuq l-illegalità tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, insostenn tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż. Dawn għandhom jinġabru, fid-dawl tas-sustanza u tan-natura tagħhom, kif ġej:

– l-ewwel, it-tieni, l-erbatax, il-ħmistax u d-dsatax-il motiv, ibbażati fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE, sabiex jadotta deċiżjoni dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni u l-likwidazzjoni, sabiex jevalwa l-kwistjonijiet relatati mal-ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, sabiex jirrifjuta l-awtolikwidazzjoni u sabiex jirrifjuta l-possibbiltà li t-tieni rikorrenti tinbiegħ lil investituri potenzjali oħra; fl-istess grupp ta' motivi jista' jiddaħħal ukoll id-dsatax-il motiv, ibbażat fuq l-użu ħażin ta' poter, sa fejn l-argumenti mressqa insostenn ta' dan l-aħħar motiv jingħaqdu ma' dawk imressqa fil-kuntest tal-motivi l-oħra msemmija iktar 'il fuq dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE;

– it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmirijiet ta' diliġenza u ta' imparzjalità fl-eżami mwettaq mill-BĊE;

– ir-raba' u l-ħames motiv, ibbażati fuq żbalji ta' evalwazzjoni jew fuq l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti elementi rilevanti tal-kawża;

– is-sitt, it-tnax u t-tmintax-il motiv, ibbażati fuq żball ta’ evalwazzjoni sa fejn il-BĊE bbaża ruħu b’mod żbaljat fuq il-ksur tar-rakkomandazzjoni tal-FSA u fuq il-ksur tal-prinċipju ta’ ċertezza legali;

– is-seba’ sal-ħdax, it-tlettax sal-ħmistax u s-sbatax-il motiv, ibbażati fuq il-ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità;

– is-sittax u t-tmintax-il motiv, ibbażati fuq il-ksur tal-prinċipji ta’ ugwaljanza fit-trattament u ta’ nondiskriminazzjoni, ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta’ ċertezza legali;

– l-għoxrin sat-tnejn u għoxrin il-motiv, ibbażati fuq il-ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali, u rispettivament, tad-dritt għal smigħ, tad-drittijiet tad-difiża, tal-obbligu ta’ motivazzjoni;

– it-tlieta u għoxrin u l-erbgħa u għoxrin il-motiv, ibbażati, b’mod partikolari, fuq il-ksur tad-dritt ta’ aċċess għall-fajl tat-tieni rikorrenti u tad-drittijiet tal-azzjonist fil-kuntest tal-proċedura ta’ rieżami;

– il-ħamsa u għoxrin motiv, ippreżentat insostenn tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż, ibbażat fuq l-illegalità tad-deċiżjoni tas-17 ta’ Lulju 2018.

*1. Fuq l-ewwel, it-tieni, l-erbatax, il-ħmistax u d-dsatax-il motiv*

106 Fl-ewwel lok, fil-kuntest tal-ewwel, l-erbatax u l-ħmistax-il motiv tagħhom, ir-rikorrenti jallegaw li l-BĊE mar lil hinn mill-kompetenzi tiegħu meta ma offrilhomx il-possibbiltà li jipproċedu għall-awtolikwidazzjoni tat-tieni rikorrenti, kif jirriżulta mill-punt 3.3.2(b) tad-deċiżjoni tas-17 ta’ Lulju 2018, filwaqt li, fil-kuntest tat-tqassim fundamentali tar-responsabbiltajiet bejn id-diversi ANK u l-BĊE skont il-mekkaniżmu superviżorju uniku (MSU) u l-mekkaniżmu uniku ta’ riżoluzzjoni (iktar ’il quddiem il-“MUR”), il-BĊE ma għandu l-ebda kompetenza f’dan is-sens. L-istess jgħodd għar-rifjut mill-BĊE għall-bejgħ tal-imsemmija rikorrenti lil investitur ieħor potenzjalment interessat, kif jirriżulta mill-punt 3.3.2(b)(ii) ta’ din id-deċiżjoni.

107 Fit-tieni lok, il-BĊE kien ipprojbit milli jadotta deċiżjoni ta’ rtirar tal-awtorizzazzjoni, peress li l-FSA kienet diġà adottat, fis-7 ta’ Frar 2018, id-Deċiżjoni FOLTF, li kienet tiddetermina jekk l-istituzzjoni ta’ kreditu kinitx f’sitwazzjoni ta’ “nuqqas attwali jew prevedibbli”, u b’hekk għamlet l-għażla tagħha bejn il-miżura ta’ riżoluzzjoni u l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, għażla li hija fil-kompetenza esklużiva tal-FSA. Ir-rikorrenti jikkontestaw ukoll l-affermazzjoni tal-BĊE li tgħid li l-imsemmija deċiżjoni ma hijiex rilevanti u hija kunfidenzjali u għalhekk ma kellhiex tiġi kkomunikata lilhom.

108 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jirrifjutaw l-argument tal-BĊE li jgħid li ma kinitx tressqet talba uffiċjali għall-awtolikwidazzjoni tat-tieni rikorrenti. Fil-fehma tagħhom, il-BĊE, fid-deċiżjoni tas-17 ta’ Lulju 2018, indipendentement minn tali talba, irrifjuta li jawtorizza l-imsemmija awtolikwidazzjoni, filwaqt li seta’ jistedinhom iressqu tali talba jew jistieden lill-FSA tieħu deċiżjoni dwar din il-kwistjoni. L-uniku ostakolu għal din l-awtolikwidazzjoni kien fil-fatt il-preferenza negattiva espressa mill-BĊE. Is-sistema l-ġdida “MSU-MUR” introduċiet sistema ta’ intervent bikri li tidħol fis-seħħ qabel in-nuqqas effettiv ta’ bank, li fil-kuntest tagħha d-diversi ANK ta’ riżoluzzjoni jkollhom il-possibbiltà li jeżaminaw jekk istituzzjoni ta’ kreditu tkunx f’sitwazzjoni ta’ nuqqas attwali jew prevedibbli u li jivverifikaw jekk ikunx hemm soluzzjonijiet oħra ta’ superviżjoni qabel ma jistudjaw jekk miżuri ta’ riżoluzzjoni jikkorrispondux għall-interess pubbliku. Ir-rikorrenti jqisu li, jekk l-imsemmija ANK jikkunsidraw li dan ma jkunx

il-każ, għax l-insolvenza tal-bank ma tikkostitwixxix problema sistemika, l-analiżi tintemm f'dak li jirrigwarda s-sistema ta' riżoluzzjoni. Sussegwentement, dawn l-ANK għandhom jiddeterminaw jekk l-entità li tista' twettaq nuqqas hix fil-fatt ser twettqu. Jekk dan ikun il-każ, huwa possibbli li n-nuqqas, jiġifieri l-insolvenza, jiġi rrimedjat b'mod adegwat permezz tal-proċedura nazzjonali ta' insolvenza. Minn dan jirriżulta li likwidazzjoni obbligatorja qatt ma tista' sseħħ. Għall-kuntrarju, din is-sistema ma tippreġudikax il-possibbiltà ta' awtolikwidazzjoni, li hija rrikonoxxuta f'kull dritt nazzjonali, sakemm il-kumpannija kkonċernata tkun solventi.

109 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-BĊE ma kellux kompetenza sabiex jadotta d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, peress li din tal-aħħar kienet imsejsa biss fuq allegat ksur fil-qasam tal-ĠĦF/FT, qasam li fih huwa ma għandu l-ebda kompetenza. L-irtirar tal-awtorizzazzjoni f'dan il-każ ma huwiex iġġustifikat għal raġunijiet prudenzjali, iżda serva biss biex jissodisfa l-interess tal-FSA u tal-BĊE għal pubbliċità faċli.

110 Fir-raba' lok, fil-kuntest tat-tieni u b'mod impliċitu tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-BĊE talli ma eżaminax il-kwistjonijiet sottostanti għad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 fil-qasam tal-ĠĦF/FT u lanqas ma vverifika l-evalwazzjonijiet tal-FSA. Il-BĊE ma jistax ikun responsabbli mill-istabbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u jeskludi b'mod artifiċjali mill-evalwazzjoni tiegħu oqsma sħaħ li jkunu sorsi ta' riskji. Barra minn hekk, kull nuqqas tal-imsemmija deċiżjoni dovut għall-abbozz imfassal mill-FSA għandu jkun jista' jiġi invokat fil-kuntest ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra din id-deċiżjoni.

111 Iktar minn hekk, l-għan li terġa' tiġi stabbilita l-legalità, imfittex mill-BĊE fid-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, ma huwiex għan leġittimu tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni, peress li l-għanijiet prudenzjali biss huma tali. Madankollu, filwaqt li jkun teoretikament possibbli li l-kwistjonijiet fil-qasam tal-ĠĦF/FT ikunu rilevanti għal irtirar tal-awtorizzazzjoni, sa fejn dawn il-kwistjonijiet jiġġeneraw riskji prudenzjali, it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn id-diversi ANK u l-BĊE, minn naħa, u l-prinċipju ta' proporzjonalità, min-naħa l-oħra, jippreżupponu li l-ewwel tkun ġiet eżawrita l-firxa sħiħa ta' miżuri fl-imsemmi qasam (multi, projbizzjoni li jiġu eżerċitati ċerti tipi ta' attivitajiet, proċeduri kriminali).

112 Il-BĊE, sostnut mill-Kummissjoni, jikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

113 Għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest ta' dan il-grupp ta' motivi, ir-rikorrenti jinvokaw, essenzjalment, żewġ motivi bbażati, l-ewwel, fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE sabiex jadotta d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 u, it-tieni, fuq l-użu ħażin ta' poter. Qabel ma teżaminahom, il-Qorti Ġenerali tqis xieraq li tfakkar it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-BĊE u d-diversi ANK.

*a) Fuq it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-BĊE u l-ANK tal-Istati Membri parteċipanti fi ħdan il-MSU dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għal ksur tar-regoli fil-qasam tal-ĠĦF/FT*

114 L-ewwel, mill-premessi 15 u 28 tar-Regolament MSU bażiku jirriżulta li l-kompetenzi li ma humiex mogħtija lill-BĊE jibqgħu għand l-ANK.

115 B'mod partikolari, il-premessa 28 tar-Regolament MSU bażiku jelenka, fost il-"kompiti superviżorji mhux ikkonferiti lill-BĊE" u li għandhom jibqgħu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali, "il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu u l-protezzjoni tal-konsumatur".

116 Madankollu, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament MSU bażiku jippreċiża li, "[f]il-qafas tal-Artikolu 6, il-BĊE għandu […] ikun esklussivament kompetenti biex iwettaq, għal finijiet superviżorji prudenzjali, il-kompiti li ġejjin b'rabta mal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti". Wara dan issegwi lista ta' disa' kompiti, li fosthom hemm l-awtorizzazzjoni u l-irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Għalhekk, skont l-Artikolu 4(1)(a) tal-imsemmi regolament, il-kompetenza fil-qasam tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni hija rriżervata esklużivament lill-BĊE.

117 Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament MSU bażiku, "[g]ħall-fini tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, u bl-objettiv li jiġu żgurati standards għoljin ta' superviżjoni, il-BĊE għandu japplika l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni, u fejn din il-liġi tal-Unjoni hija magħmula minn Direttivi, il-leġislazjzoni nazzjonali li tittrasponi dawk id-Direttivi. Fejn il-liġi rilevanti tal-Unjoni tkun magħmula minn Regolamenti u fejn attwalment dawk ir-Regolamenti jagħtu opzjonijiet lill-Istati Membri, il-BĊE għandu japplika wkoll il-leġislazzjoni nazzjonali waqt li jeżerċita dawk l-opzjonijiet".

118 L-Artikolu 6(2) tar-Regolament MSU bażiku jippreċiża li "[k]emm il-BĊE u l-[ANK] għandhom ikunu soġġetti għal dmir ta' kooperazzjoni b'rieda tajba, u obbligu biex jiskambjaw informazzjoni."

119 Mill-Artikolu 6(4) tar-Regolament MSU bażiku jirriżulta li, fir-rigward tal-kompiti ddefiniti fl-Artikolu 4, ħlief għall-punti (a) u (c) tal-paragrafu 1 tal-imsemmi regolament, il-BĊE u d-diversi ANK ingħataw kompetenzi stabbiliti rispettivament fil-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-artikolu. Skont il-paragrafu 6 tal-istess artikolu, id-diversi ANK jeżerċitaw direttament is-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinjifikattivi, skont il-kriterji stabbiliti f'dan il-paragrafu u jinformaw lill-BĊE, konformement mal-kuntest stabbilit fil-paragrafu 7 ta' dan l-artikolu, dwar il-miżuri meħuda skont il-paragrafu 6 u jikkoordinaw mill-qrib dawk il-miżuri mal-BĊE.

120 Madankollu, mill-Artikolu 6(5)(b) sa (d) tar-Regolament MSU bażiku jirriżulta li, l-ewwel, "meta meħtieġ biex tkun żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' standards superviżorji għoljin, il-BĊE jista' f'kull ħin, fuq l-inizjattiva proprja wara li jikkonsulta l-[ANK] jew fuq talba minn [ANK], jiddeċiedi li jeżerċita direttament hu stess is-setgħat rilevanti kollha għal istituzzjoni ta' kreditu waħda jew aktar imsemmija fil-paragrafu 4", it-tieni, il-BĊE għandu jeżerċita superviżjoni fuq il-funzjonament tas-sistema abbażi tal-kompetenzi u tal-proċeduri previsti f'dan l-artikolu u, it-tielet, jista' f'kull ħin jagħmel użu mis-setgħat imsemmija fl-Artikoli 10 sa 13 tal-imsemmi regolament dwar is-setgħat ta' investigazzjoni li l-BĊE jista' jeżerċita direttament.

121 L-Artikolu 6(7) tar-Regolament MSU bażiku jipprevedi li l-BĊE għandu jadotta u jippubblika qafas biex jiġu organizzati modalitajiet prattiċi ta' implimentazzjoni ta' dan l-artikolu u jikkostitwixxi l-bażi legali għall-adozzjoni tar-Regolament Qafas tal-MSU.

122 L-Artikolu 14(5) tar-Regolament MSU bażiku jipprevedi:

"Soġġett għall-paragrafu 6, il-BĊE jista' jirtira l-awtorizzazzjoni fil-każijiet stabbiliti fid-dritt rilevanti tal-Unjoni fuq l-inizjattiva proprja, wara konsultazzjonijiet mal-[ANK] tal-Istat Membru parteċipanti fejn tkun stabbilita l-istituzzjoni ta' kreditu, jew fuq proposta minn tali [ANK]. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom b'mod partikolari jiżguraw li qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet rigward l-irtirar, il-BĊE jagħti biżżejjed żmien lill-awtoritajiet nazzjonali biex jiddeċiedu dwar l-azzjonijiet neċessarji ta' rimedju, inklużi miżuri ta' riżoluzzjoni possibbli, u jieħdu kont tagħhom.

Meta l-[ANK] li tkun ipproponiet l-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 tqis li l-awtorizzazzjoni trid tiġi rtirata skont il-liġi nazzjonali rilevanti, din għandha tissottometti proposta lill-BĊE għal dak

il-għan. F'dak il-każ, il-BĊE għandu jieħu deċiżjoni dwar l-irtirar propost filwaqt li jikkunsidra bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni għall-irtirar imressqa mill-[ANK]."

123 L-Artikolu 14(6) tar-Regolament MSU bażiku jipprovdi li "[s]akemm l-awtoritajiet nazzjonali jibqgħu kompetenti għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, f'każijiet fejn huma jqisu li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni jippreġudika l-implimentazzjoni adegwata ta' azzjonijiet neċessarji għar-riżoluzzjoni jew biex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, huma għandhom jinnotifikaw debitament l-oġġezzjoni tagħhom lill-BĊE bi spejgazzjoni fid-dettall tal-preġudizzju li l-irtirar jista' jikkawża", li, "[f]'dawk il-każijiet, il-BĊE għandu jastjeni milli jipproċedi għall-irtirar għal perijodu miftiehem b'mod reċiproku mal-awtoritajiet nazzjonali" u li "[l]-BĊE jista' jestendi dak il-perijodu jekk huwa tal-opinjoni li jkun sar prog[r]ess suffiċjenti. Jekk, madankollu, il-BĊE jiddetermina f'deċiżjoni raġunata li azzjonijiet adatti neċessarji biex tinżamm l-istabbilta finanzjarja ma ġewx implimentati mill-awtoritajiet nazzjonali, l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għandu japplika immedjatament".

124 L-Artikolu 80 tar-Regolament Qafas tal-MSU, intitolat "Proposta tal-[ANK] biex tiġi rtirata awtorizzazzjoni", huwa fformulat kif ġej:

"1. Jekk l-[ANK] relevanti tikkunsidra li l-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu għandha tiġi rtirata totalment jew parzjalment skont il-liġi nazzjonali tal-Unjoni jew dik nazzjonali, inkluż l-irtirar fuq talba tal-istituzzjoni ta' kreditu, hija għandha tissottometti lill-BĊE abbozz ta' deċiżjoni li tipproponi l-irtirar tal-awtorizzazzjoni (iktar 'il quddiem "abbozz ta' deċiżjoni ta' irtirar"), flimkien ma' kwalunkwe dokument ta' appoġġ relevanti.

2. L-[ANK] għandha tikkoordina mal-awtorità nazzjonali kompetenti għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (iktar 'il quddiem l-"awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni") fir-rigward ta' kwalunkwe abbozz ta' deċiżjoni ta' rtirar li hija relevanti għall-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali."

125 Skont l-Artikolu 81 tar-Regolament Qafas tal-MSU:

"1. Il-BĊE għandu jevalwa l-abbozz ta' deċiżjoni ta' rtirar mingħajr dewmien żejjed. B'mod partikolari, huwa għandu jqis ir-raġunijiet għall-urġenza mogħtija mill-[ANK].

2. Għandu japplika d-dritt li wieħed jinstema' kif ipprovdut fl-Artikolu 31."

126 L-Artikolu 83 tar-Regolament Qafas tal-MSU jipprevedi:

"1. Il-BĊE għandu jieħu deċiżjoni dwar l-irtirar ta' awtorizzazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Meta jagħmel dan, huwa jista' jaċċetta jew jiċħad l-abbozz ta' deċiżjoni ta' rtirar relevanti.

2. Meta jieħu d-deċiżjoni tiegħu, il-BĊE għandu jqis dawn kollha li ġejjin: (a) l-evalwazzjoni tiegħu taċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw l-irtirar; (b) fejn applikabbli, l-abbozz tad-deċiżjoni ta' rtirar tal-[ANK]; (c) konsultazzjoni mal-[ANK] relevanti u, fejn l-[ANK] ma tkunx l-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni, l-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni (flimkien mal-[ANK] l-'awtoritajiet nazzjonali'); (d) kull kumment ipprovdut mill-istituzzjoni ta' kreditu skont l-Artikoli 81(2) u 82(3).

3. Il-BĊE għandu wkoll jieħu deċiżjoni fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 84 jekk l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni relevanti ma toġġezzjonax għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni, jew jekk il-BĊE jiddetermina li azzjonijiet kif suppost meħtieġa għaż-żamma tal-istabilità finanzjarja ma ġewx implimentati mill-awtoritajiet nazzjonali."

127 L-Artikolu 84 tar-Regolament Qafas tal-MSU jipprovdi:

"1. Jekk l-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni tinnotifika l-oġġezzjoni tagħha għall-intenzjoni tal-BĊE li jirtira awtorizzazzjoni, il-BĊE u l-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni għandhom jaqblu dwar perijodu ta' żmien li matulu l-BĊE għandu jastjeni milli jipproċedi bl-irtirar tal-awtorizzazzjoni. Il-BĊE għandu jinforma lill-[ANK] minnufih wara li jibda l-kuntatt mal-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni sabiex jintlaħaq dan il-ftehim.

2. Wara l-iskadenza tal-perijodu ta' żmien miftiehem, il-BĊE għandha [għandu] jevalwa jekk ikunx beħsiebu jirtira l-awtorizzazzjoni jew jestendi l-perijodu ta' żmien miftiehem skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament MSU [bażiku], waqt li jqis kwalunkwe progress li jkun sar. Il-BĊE għandu jikkonsulta kemm mal-[ANK] relevanti kif ukoll mal-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, jekk din tkun differenti mill-[ANK]. L-[ANK] għandha tinforma lill-BĊE dwar il-miżuri meħuda minn dawn l-awtoritajiet u l-evalwazzjoni tagħha tal-konsegwenzi ta' rtirar.

3. Jekk l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni ma toġġezzjonax għall-irtirar ta' riżoluzzjoni, jew jekk il-BĊE jiddetermina li l-azzjonijiet xierqa u meħtieġa biex tinżamm l-istabilità finanzjarja ma ġewx implimentati mill-awtoritajiet nazzjonali, allura għandu japplika l-Artikolu 83."

128 L-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36, li jipprevedi l-każijiet li fihom l-ANK jistgħu jipproponu, fir-rigward tal-istituzzjonijiet inqas sinjifikattivi, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, huwa fformulat kif ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni mogħtija biss fejn tali istituzzjoni ta' kreditu:

[…]

(e) taqa' taħt xi wieħed mill-każijiet l-oħra fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi l-irtirar tal-awtorizzazzjoni; jew

(f) twettaq xi ksur imsemmi fl-Artikolu 67(1)."

129 L-Artikolu 67(1) tad-Direttiva 2013/36 jipprovdi:

"Dan l-Artikolu għandu japplika tal-inqas fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

[…]

(d) l-istituzzjoni ma jkollhiex fis-seħħ l-arranġamenti ta' governanza meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 74;

(e) l-istituzzjoni ma tkunx irrappurtat informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta dwar il-konformità mal-obbligu li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' fondi proprji stipulati fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, fil-ĠU 2013, L 321, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 20, p. 2)] lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 99(1) ta' dak ir-Regolament;

[…]

(o) istituzzjoni tinsab responsabbli għal ksur serju ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2005/60/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU 2005, L 309, p. 15, rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 102)];

[…]"

130 L-Artikolu 74(1) tad-Direttiva 2013/36 jipprevedi li "[l]-istituzzjonijiet għandu jkollhom arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu struttura organizzattiva ċara b'linji ta' responsabbiltà ddefiniti tajjeb, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riskji li huma jew li jistgħu jkunu esposti għalihom, mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inkluż proċeduri amministrattivi u kontabbilistiċi tajba, u politiki u prattiki ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' ġestjoni tar-riskji soda u effettivi u jippromwovuha".

131 Mid-dispożizzjonijiet imfakkra fil-punti 115 sa 118 iktar 'il fuq jirriżulta li l-MSU jiċċentralizza l-funzjonijiet prudenzjali fil-livell tal-BĊE, filwaqt li jipprevedi eżekuzzjoni ddeċentralizzata mill-ANK tal-Istati Membri parteċipanti, taħt is-superviżjoni tal-BĊE, li huma jikkooperaw miegħu u jassistuh. Għalhekk, fi ħdan l-MSU, minn naħa, il-BĊE jeżerċita ċerti kompetenzi esklużivi: is-superviżjoni prudenzjali "diretta" tal-istituzzjonijiet ta' kreditu sinjifikattivi u l-kompetenzi rriżervati lilu mill-Artikolu 4 tar-Regolament MSU bażiku fir-rigward tal-istituzzjonijiet kollha, indipendentement mis-sinjifikat tagħhom. Min-naħa l-oħra, is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet inqas sinjifikattivi taqa' taħt l-eżerċizzju ddeċentralizzat mill-imsemmija ANK u hija rregolata u ssorveljata, fl-aħħar istanza, mill-BĊE, li għandu l-missjoni li jissorvelja l-funzjonament tajjeb u l-effikaċja tas-sistema ta' superviżjoni prudenzjali kif ukoll l-applikazzjoni koerenti u uniformi tar-regoli prudenzjali fl-Istati Membri parteċipanti kollha. Il-BĊE jeżerċita fir-rigward tal-istituzzjonijiet inqas sinjifikattivi superviżjoni "indiretta", li fil-kuntest tagħha dawn l-ANK jipprovdu l-kooperazzjoni u l-assistenza tagħhom lill-BĊE. Barra minn hekk, l-istess ANK jżommu l-kompetenza fl-oqsma mhux irregolati mir-Regolament MSU bażiku: il-protezzjoni tal-konsumaturi, is-swieq tal-istrumenti finanzjarji, il-ĠĦF/FT, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

132 B'mod iktar partikolari, fi ħdan dan il-MSU, mill-istruttura tal-Artikolu 6(4) sa (6) tar-Regolament MSU bażiku tirriżulta differenzazzjoni bejn is-superviżjoni prudenzjali tal-entitajiet "sinjifikattivi" u dik tal-entitajiet ikklassifikati bħala "inqas sinjifikattivi", fir-rigward ta' seba' mid-disa' kompiti li huma elenkati fl-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament.

133 Minn dan jirriżulta, fl-ewwel lok, li s-superviżjoni prudenzjali tal-entitajiet "sinjifikattivi" taqa' taħt il-BĊE biss. L-istess japplika għas-superviżjoni prudenzjali tal-entitajiet "inqas sinjifikattivi", fir-rigward tal-kompitu elenkat fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament MSU bażiku dwar l-awtorizzazzjoni u l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu.

134 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-entitajiet "inqas sinjifikattivi" u fir-rigward tal-kompiti l-oħra previsti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament MSU bażiku, minn qari flimkien tal-Artikolu 6(5) u (6) tal-imsemmi regolament jirriżulta li l-implimentazzjoni tagħhom hija mogħtija, taħt il-kontroll tal-BĊE, lill-ANK tal-Istati Membri parteċipanti, li għaldaqstant jeżerċitaw is-superviżjoni prudenzjali diretta tal-imsemmija entitajiet.

135 Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li mill-eżami tal-interazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) u dawk tal-Artikolu 6 tar-Regolament MSU bażiku, kif spjegati fil-punti 116 sa 121 iktar 'il fuq, jirriżulta li l-loġika tar-relazzjoni bejniethom kienet tikkonsisti fil-possibbiltà li l-kompetenzi esklużivi ddelegati lill-BĊE jkunu jistgħu jiġu implimentati f'qafas iddeċentralizzat, minflok it-twettiq ta' tqassim tal-kompetenzi bejn il-BĊE u l-ANK tal-Istati Membri parteċipanti fl-eżerċizzju tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament. Din il-konstatazzjoni hija sostnuta mill-qari tal-premessi tal-imsemmi regolament. Minn naħa, mill-premessi 15 u 28 tal-istess regolament jirriżulta li huma biss il-kompiti espressament mogħtija lill-BĊE li jaqgħu barra mill-kompetenza tal-Istati Membri u li s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji għal raġunijiet differenti minn dawk elenkati fl-Artikolu 4(1) tar-regolament inkwistjoni jibqgħu jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri. Minn dan isegwi neċessarjament li huwa fl-istadju tad-definizzjoni tal-kompiti mogħtija lill-BĊE mill-Artikolu 4(1) tar-regolament inkwistjoni li seħħ it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-BĊE u l-imsemmija ANK. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li, minkejja li l-premessa 28 tar-Regolament MSU bażiku tipprovdi lista ta' kompiti ta' superviżjoni li għandhom jibqgħu fil-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali, din ma tinkludi l-ebda wieħed mill-kompiti elenkati mill-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament. L-imsemmija premessa lanqas ma tippreżenta s-superviżjoni diretta tal-entitajiet inqas sinjifikattivi bħala li tikkostitwixxi l-eżerċizzju ta' kompetenza li taqa' taħt l-awtoritajiet nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, T-122/15, EU:T:2017:337, punti 54 sa 57).

136 Fit-tielet lok, fi ħdan il-MSU magħmul mill-BĊE u mill-ANK tal-Istati Membri parteċipanti, minn naħa, mill-istruttura tal-Artikolu 6(2) u (3) tar-Regolament MSU bażiku jirriżulta li kemm il-BĊE kif ukoll l-imsemmija ANK għandhom ikunu suġġetti għal dmir ta' kooperazzjoni u obbligu li jiskambjaw informazzjoni. B'mod partikolari, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-imsemmi regolament, "l-[ANK] għandhom b'mod partikolari jipprovdu lill-BĊE bl-informazzjoni meħtieġa kollha għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti konferiti lill-BĊE". Barra minn hekk, skont il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, huma l-imsemmija ANK li għandhom jassistu lill-BĊE fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe att marbut mal-kompiti msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament u li huwa relatat mal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha, b'mod partikolari l-assistenza fl-attivitajiet ta' kontroll tiegħu.

137 Fil-fatt, ġie kkunsidrat li s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ikklassifikati bħala "inqas sinjifikattivi" kienet imsemmija fil-premessi 38 sa 40 tar-Regolament MSU bażiku, jiġifieri eżattament wara l-premessa 37 tal-istess regolament, li tenfasizza li "l-[ANK] għandhom ikunu responsabbli biex jassistu lill-BĊE fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe att relatat mal-eżerċitar tal-kompiti superviżorji tal-BĊE" u li, "[d]an għandu jinkludi b'mod partikolari valutazzjoni kontinwa ġurnata b'ġurnata tas-sitwazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu u relatata ma' verifiki fuq il-post". Dan l-arranġament tal-premessi tal-imsemmi regolament jimplika li s-superviżjoni prudenzjali diretta eżerċitata mid-diversi ANK fil-kuntest tal-MSU kienet maħsuba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bħala modalità ta' assistenza lill-BĊE, iktar milli bħala l-eżerċizzju ta' kompetenza awtonoma (sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, T-122/15, EU:T:2017:337, punt 58).

138 Min-naħa l-oħra, l-eżerċizzju tas-superviżjoni prudenzjali diretta mid-diversi ANK huwa rregolat mill-BĊE, li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 6(5)(a) u (b) tar-Regolament MSU bażiku, għandu s-setgħa, minn naħa, li jikkomunika lill-imsemmija ANK "regolamenti, linji gwida jew struzzjonijiet ġenerali lill-[ANK], skont liema l-kompiti definiti fl-Artikolu 4 [tal-imsemmi regolament] jitwettqu" u, min-naħa l-oħra, li jiddeċiedi "li jeżerċita direttament hu stess

is-setgħat rilevanti kollha għal istituzzjoni ta' kreditu waħda jew aktar". Barra minn hekk jaqgħu wkoll taħt din ir-regolazzjoni mill-BĊE tas-superviżjoni diretta eżerċitata mid-diversi ANK, minn naħa, is-setgħat ta' superviżjoni previsti fl-Artikolu 6(5)(c) ta' dan ir-regolament, li jirreferu għall-paragrafu 7(c) tal-imsemmi artikolu u, min-naħa l-oħra, is-setgħat ta' superviżjoni u ta' investigazzjoni, previsti mill-Artikoli 10 sa 13 tar-regolament inkwistjoni, li l-BĊE jista' jiddeċiedi li jeżerċita direttament fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinjifikattivi, skont l-Artikolu 4(6)(d) tal-istess regolament.

139 Għalhekk, għandu jiġi rrilevat li l-BĊE jibqa' d-detentur ta' prerogattivi importanti anki fiċ-ċirkustanzi fejn d-diversi ANK jeżerċitaw il-kompiti ta' superviżjoni msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u (d) sa (i) tar-Regolament MSU bażiku u li l-eżistenza ta' tali prerogattivi tindika n-natura subordinata tal-intervent tal-awtoritajiet nazzjonali, meta dawn jimplimentaw l-imsemmija kompiti (sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, T-122/15, EU:T:2017:337, punt 59).

140 Fir-raba' lok, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni lil istituzzjoni ta' kreditu, previst fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament MSU bażiku, il-kooperazzjoni bejn il-BĊE u d-diversi ANK hija espressa, konformement mal-Artikolu 14(5) tal-imsemmi regolament, minn naħa, bl-obbligu ta' konsultazzjoni ta' dawn l-ANK, fil-każ fejn il-BĊE jirtira l-awtorizzazzjoni fuq inizjattiva proprja u, min-naħa l-oħra, bil-possibbiltà għal dawn l-awtoritajiet li jipproponu l-imsemmi rtirar lill-BĊE.

141 Meta ANK, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament MSU bażiku, tipproponi l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, il-BĊE, konformement mat-tieni subparagrafu ta' din id-dispożizzjoni u mal-Artikolu 83(2) tar-Regolament Qafas tal-MSU, għandu jieħu inkunsiderazzjoni bis-sħiħ ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-irtirar mogħtija minn din l-ANK, il-konsultazzjonijiet ma' din tal-aħħar u, jekk ikun il-każ, mal-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni, kif ukoll l-osservazzjonijiet tal-istituzzjoni ta' kreditu inkwistjoni. Huwa għandu jwettaq ukoll l-eżami proprju tiegħu tal-eżistenza taċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw l-irtirar u għalhekk jiddeċiedi li jaċċetta jew jirrifjuta l-abbozz ta' deċiżjoni tal-ANK ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni.

142 Fil-ħames lok, għandu jiġi enfasizzat li mill-premessi 28 u 29 tar-Regolament MSU bażiku jirriżulta li l-kompitu tal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu jibqa' kompetenza nazzjonali u li l-BĊE għandu, f'dan ir-rigward, dmir ta' kooperazzjoni fil-konfront tal-awtoritajiet nazzjonali.

143 Fis-sitt lok, fir-rigward tar-rabta bejn il-ĠĦF/FT u s-superviżjoni prudenzjali, hemm lok li jiġi kkonstatat li, fost iċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw l-irtirar tal-awtorizzazzjoni bankarja, minn naħa, l-Artikolu 18(f) tad-Direttiva 2013/36 isemmi l-ksur previst fl-Artikolu 67(1) ta' din id-direttiva, li fosthom hemm elenkat il-ksur serju tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2005/60, dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 18(e) tal-imsemmija direttiva jsemmi l-każijiet l-oħra ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni previsti mid-dritt nazzjonali.

144 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, għalkemm l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36 jirreferi għas-setgħa tal-ANK ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, bit-teħid inkunsiderazzjoni tat-tqassim tal-kompiti bejn l-imsemmija ANK u l-BĊE, previst mill-Artikolu 4 tar-Regolament MSU bażiku, u b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-kompetenza għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni saret kompetenza esklużiva tal-BĊE, li dan tal-aħħar jista' jeżerċita, skont l-Artikolu 14(5)

tal-imsemmi regolament, fuq proposta tal-ANK, l-Artikolu 18 ta' din id-direttiva għandu jiġi mifhum bħala li jirreferi għas-setgħa ta' proposta għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni, li taqa' taħt il-kompetenza tal-ANK.

145 Fis-seba' lok, fir-rigward tal-interazzjonijiet bejn il-MSU u l-MUR, mill-premessa 11 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 255, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament tal-MUR") jirriżulta li s-superviżjoni u r-riżoluzzjoni huma żewġ aspetti komplementari fil-kuntest tal-Unjoni Bankarja Ewropea u għalhekk, bħala prinċipju, ma humiex alternattivi għal xulxin.

146 Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li l-iskopijiet tal-MSU u tal-MUR huma differenti. Kif tfakkar il-premessa 7 tar-Regolament tal-MUR, il-MSU huwa intiż sabiex jiżgura politika ta' superviżjoni mikroprudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-livell Ewropew u l-implimentazzjoni koerenti u effikaċi tagħha fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro u fl-Istati Membri mhux fiż-żona tal-euro li jagħżlu li jipparteċipaw fih. Dan huwa intiż ukoll għas-superviżjoni makroprudenzjali u, fl-aħħar istanza, l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Il-MUR, min-naħa l-oħra, għandu bħala kompitu essenzjali l-ġestjoni tas-sitwazzjonijiet ta' kriżi li diġà seħħew, il-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni iktar effikaċi, sabiex jiġi evitat li d-danni riżultanti min-nuqqasijiet tal-banek jinxterdu, skont regoli uniformi u proċedura uniformi, kif jirriżulta mill-premessi 6 u 8 u mill-Artikolu 1 tal-imsemmi regolament. Għalhekk, għalkemm iż-żewġ sistemi jikkollaboraw għall-iskop finali ta' solidità u ta' stabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni, il-MSU jaġixxi b'mod preventiv għall-kriżijiet filwaqt li l-MUR jaġixxi b'mod riżoluttiv għall-kriżijiet.

147 Fit-tmien lok, id-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas attwali jew prevedibbli li jistgħu jinħarġu mill-BĊE jew mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu sinjifikattivi, jew mid-diversi ANK jew mill-awtoritajiet nazzjonali tar-riżoluzzjoni, fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinjifikattivi, kif jirriżulta mill-Artikolu 7(3) tar-Regolament tal-MUR, huma atti preparatorji li jippreċedu, iżda li ma jwasslux neċessarjament għall-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni. L-adozzjoni tagħha taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tas-SRB jew tal-awtoritajiet nazzjonali tar-riżoluzzjoni, skont l-importanza tal-istituzzjoni ta' kreditu.

148 Barra minn hekk, l-evalwazzjonijiet ta' nuqqas attwali jew prevedibbli bl-ebda mod ma jikkostitwixxu deċiżjonijiet formali dwar in-nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligi regolatorji ta' istituzzjoni ta' kreditu, iżda huma atti preparatorji li ma jimmodifikawx is-sitwazzjoni legali tal-istituzzjoni ta' kreditu inkwistjoni. Fil-fatt, dawn l-atti jipprovdu evalwazzjoni tal-fatti mill-BĊE (jew mill-ANK) dwar il-kwistjoni tan-nuqqas attwali jew prevedibbli tal-imsemmija istituzzjoni, li bl-ebda mod ma hija obbligatorja, iżda tikkostitwixxi l-bażi għall-adozzjoni, mis-SRB (jew mill-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni), ta' skemi ta' riżoluzzjoni jew ta' deċiżjonijiet li jistabbilixxu li riżoluzzjoni ma tkunx fl-interess pubbliku (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-6 ta' Mejju 2019, ABLV Bank vs BĊE, T-281/18, EU:T:2019:296, punti 36, 48 u 49).

149 Fil-fatt, mill-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-MUR jirriżulta li tali skema tiġi adottata biss jekk ikunu ssodisfatti ċerti kundizzjonijiet. B'mod partikolari, mhux talli l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun tinsab f'sitwazzjoni ta' nuqqas attwali jew prevedibbli, iżda talli ma għandu jkun hemm l-ebda prospett raġonevoli li miżuri oħra ta' natura privata jew miżuri prudenzjali jimpedixxu n-nuqqas tagħha f'terminu raġonevoli. Barra minn hekk, miżura ta' riżoluzzjoni għandha tkun neċessarja fl-interess pubbliku.

150 F'dan ir-rigward, skont il-ġurisprudenza, skont il-premessa 26 tar-Regolament tal-MUR, għalkemm il-BĊE (u b'analoġija, id-diversi ANK) u s-SRB (u, b'analoġija, l-awtoritajiet nazzjonali tar-riżoluzzjoni) għandhom ikunu f'pożizzjoni li jevalwaw jekk istituzzjoni ta' kreditu hijiex f'sitwazzjoni ta' nuqqas attwali jew prevedibbli, huwa esklużivament is-SRB (u, b'analoġija, l-awtoritajiet nazzjonali tar-riżoluzzjoni) li għandu jevalwa l-kundizzjonijiet meħtieġa għal riżoluzzjoni u jadotta skema ta' riżoluzzjoni jekk iqis li l-kundizzjonijiet kollha jkunu ssodisfatti, kif jirriżulta wkoll b'mod espliċitu mill-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-MUR. Ċertament, il-BĊE (u b'analoġija, d-diversi ANK) għandu l-kompetenza li jikkomunika evalwazzjoni dwar l-ewwel kundizzjoni, jiġifieri n-nuqqas attwali jew prevedibbli, imma din hija biss sempliċi evalwazzjoni, li bl-ebda mod ma torbot lis-SRB (u, b'analoġija, lill-awtoritajiet nazzjonali tar-riżoluzzjoni) (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-6 ta' Mejju 2019, ABLV Bank vs BĊE, T-281/18, EU:T:2019:296, punt 34).

151 Fid-disa' lok, mill-premessa 57 tar-Regolament tal-MUR jirriżulta, minn naħa, li l-fatt li entità ma tissodisfax ir-rekwiżiti għal awtorizzazzjoni ma għandux jiġġustifika minnu nnifsu d-dħul fi proċedura ta' riżoluzzjoni, speċjalment jekk l-entità tibqa' jew x'aktarx li tibqa' vijabbli. Min-naħa l-oħra, entità għandha tiġi kkunsidrata li qiegħda f'sitwazzjoni ta' nuqqas attwali jew prevedibbli fejn tkun qiegħda tikser jew x'aktarx ser tkun qiegħda tikser fil-futur qarib ir-rekwiżiti għaż-żamma tal-awtorizzazzjoni.

152 Ma teżistix ekwivalenza funzjonali bejn evalwazzjoni tan-nuqqas attwali jew prevedibbli u rtirar tal-awtorizzazzjoni. Fil-fatt, għalkemm huwa veru li tali evalwazzjoni tista' tkun ibbażata fuq l-evalwazzjoni tal-fatt li l-kundizzjonijiet għaż-żamma tal-awtorizzazzjoni ma għadhomx issodisfatti skont l-Artikolu 18(4)(a) tar-Regolament tal-MUR, dawn iż-żewġ atti ma huma bl-ebda mod ekwivalenti. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-kundizzjonijiet tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni elenkati fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36 huma manifestament differenti mill-kunsiderazzjonijiet li fuqhom hija bbażata l-evalwazzjoni tan-nuqqas attwali jew prevedibbli, kif ipprovduti fl-Artikolu 18(4) tal-imsemmi regolament (digriet tas-6 ta' Mejju 2019, ABLV Bank vs BĊE, T-281/18, EU:T:2019:296, punt 46).

153 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi eżaminat dan il-grupp ta' motivi.

*b) Fuq l-ewwel parti dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE sabiex jirtira l-awtorizzazzjonijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, peress li l-ANK kienet diġà adottat dikjarazzjoni ta' nuqqas attwali jew prevedibbli*

154 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, hemm lok li jiġi rrilevat li d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 tikkonċerna l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għall-aċċess għall-attivitajiet ta' istituzzjoni ta' kreditu lit-tieni rikorrenti minħabba ksur ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali Estonjan li jissanzjona, permezz ta' din il-miżura, l-assenza ta' arranġamenti ta' governanza u ta' sistema effikaċi fil-qasam tal-ĠĦF/FT, in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' istruzzjoni maħruġa mill-ANK u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni jew ta' dokumenti qarrieqa.

155 Fit-tieni lok, għandu jiġi osservat li l-BĊE adotta d-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018, sussegwentement dik tas-17 ta' Lulju 2018, fuq proposta tal-FSA, l-ANK Estonjana, skont l-Artikolu 4(1)(a) u l-Artikolu 14(5) tar-Regolament MSU bażiku kif ukoll skont l-Artikolu 83(1) tar-Regolament Qafas tal-MSU.

156 Fit-tielet lok, fil-kuntest ta' tali deċiżjoni u tal-implimentazzjoni ddeċentralizzata tal-kompetenza esklużiva tiegħu fil-qasam tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni, peress li t-tieni rikorrenti hija istituzzjoni ta' kreditu inqas sinjifikattiva, il-BĊE kellu, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament MSU bażiku u l-Artikolu 83(2)(b) u (c) tar-Regolament Qafas tal-MSU, kemm jieħu inkunsiderazzjoni bis-sħiħ ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-irtirar, mogħtija mill-ANK, kif ukoll jikkoopera ma' din tal-aħħar permezz ta' konsultazzjonijiet dwar l-eventwali miżuri ta' riżoluzzjoni li l-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni kellha tqis neċessarji.

157 Fir-raba' lok, mill-punt 3.2(d) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 jirriżulta li l-FSA, li hija, fl-Estonja, kemm l-ANK fil-kuntest tal-MSU kif ukoll l-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni fil-kuntest tal-MUR (Artikolu 3 tal-Liġi Estonjana dwar il-Prevenzjoni u r-Riżoluzzjoni ta' Kriżijiet Finanzjarji), adottat, fl-10 ta' April 2017, id-Deċiżjoni FOLTF għar-raġuni li t-tieni rikorrenti kienet wettqet diversi ksur tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-awtorizzazzjoni b'tali mod li din setgħet tiġi rtirata lilha, kif tipprevedi l-premessa 57 tar-Regolament tal-MUR.

158 Fil-fatt, skont il-premessa 57 tar-Regolament tal-MUR, entità għandha tiġi kkunsidrata li qiegħda f'sitwazzjoni ta' nuqqas attwali jew prevedibbli fejn tkun qiegħda tikser jew x'aktarx ser tkun qiegħda tikser ir-rekwiżiti għaż-żamma tal-awtorizzazzjoni.

159 Sussegwentement, mill-punt 3.1(b) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 jirriżulta li, fid-data tas-7 ta' Frar 2018, il-FSA, fir-rwol tagħha ta' awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni, adottat deċiżjoni li tistabbilixxi li riżoluzzjoni ma kinitx fl-interess pubbliku. Hija din id-deċiżjoni li r-rikorrenti jirreferu għaliha, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, bħala t-"tieni Deċiżjoni FOLTF".

160 Għalhekk, għalkemm il-FSA kienet adottat id-Deċiżjoni FOLTF, li għaliha hija kellha l-kompetenza, u li għaldaqstant l-ewwel kundizzjoni prevista mill-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament tal-MUR, għall-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni, kienet issodisfatta, kien ġie kkunsidrat li ma kienx hemm interess pubbliku sabiex jiġu implimentati miżuri ta' riżoluzzjoni, b'tali mod li t-tielet kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(c) tal-imsemmi regolament ma kinitx issodisfatta. Għaldaqstant, l-imsemmija deċiżjoni f'dan il-każ ma wasslitx lill-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni (il-FSA) għall-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni, peress li l-kundizzjonijiet previsti ma kinux kumulattivament issodisfatti.

161 Għall-kuntrarju, mill-punt 3.1(c) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 jirriżulta li, fis-6 ta' Marzu 2018, il-FSA adottat proposta għal deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni u li l-BĊE, wara li rċieva din il-proposta, ta lit-tieni rikorrenti l-possibbiltà li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar din tal-aħħar, biex mbagħad jadotta d-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018, u sussegwentement dik tas-17 ta' Lulju 2018, li tibbaża fuq ir-raġunijiet u l-evalwazzjonijiet fattwali u r-riżultati tal-verifiki u tal-ispezzjonijiet imwettqa mill-FSA.

162 Issa, l-ewwel, il-BĊE kkunsidra ġustament, fil-punt 2.1 tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, li huwa kellu l-kompetenza esklużiva sabiex jadotta deċiżjoni fil-qasam tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni. Tali konklużjoni hija konformi, minn naħa, mal-Artikolu 4(1)(a) u mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament MSU bażiku kif ukoll mal-Artikolu 83 tar-Regolament Qafas tal-MSU u, min-naħa l-oħra, mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 135 iktar 'il fuq.

163 It-tieni, huwa konformement mat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-ANK tal-Istati Membri parteċipanti u l-BĊE fi ħdan il-MSU, mad-dispożizzjonijiet applikabbli u mal-ġurisprudenza, imsemmija fil-punti 136, 137, 140 u 141 iktar ’il fuq, li l-FSA bagħtet lill-BĊE proposta għal deċiżjoni ta’ rtirar tal-awtorizzazzjoni u li dan tal-aħħar kien ibbaża ruħu fuq ir-raġunijiet tagħha sabiex jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu.

164 Fil-fatt, peress li t-tieni rikorrenti hija istituzzjoni ta’ kreditu inqas sinjifikattiva, minn naħa, kienet il-FSA, jiġifieri l-ANK Estonjana, li kellha twettaq il-verifiki fattwali neċessarji kif ukoll tħejji u tassisti lill-BĊE fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta’ kull att marbut mal-kompiti msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament MSU bażiku, li fosthom hemm id-deċiżjoni ta’ rtirar tal-awtorizzazzjoni.

165 Min-naħa l-oħra, skont id-dispożizzjonijiet u l-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 138 u 139 u ’il fuq, il-BĊE kellu setgħa li jirregola l-azzjoni ta’ superviżjoni diretta eżerċitata mill-FSA, li l-BĊE uża, f’dan il-każ, billi pproċeda għal diversi konsultazzjonijiet mal-FSA, speċjalment mix-xahar ta’ April 2017, u wara l-aħħar spezzjoni, kif ikkonferma l-BĊE waqt is-seduta.

166 It-tielet, il-BĊE kellu ċertament il-kompetenza sabiex jadotta d-deċiżjoni tas-17 ta’ Lulju 2018, minkejja u indipendentement mid-deċiżjonijiet invokati mir-rikorrenti.

167 F’dan ir-rigward, l-argumenti tar-rikorrenti li jgħidu li l-BĊE ma kellux il-kompetenza sabiex jadotta d-deċiżjoni tas-17 ta’ Lulju 2018, peress li l-ANK kienet adottat deċiżjoni dwar in-nuqqas attwali jew prevedibbli tat-tieni rikorrenti, jirriżultaw minn qari żbaljat tal-interazzjoni bejn il-MSU, minn naħa, u l-MUR, min-naħa l-oħra, kif ukoll minn ċerti żbalji fattwali.

168 Fil-fatt, ir-rikorrenti jqisu, essenzjalment, li l-MSU u l-MUR huma sistemi alternattivi, li, għall-kuntrarju ta’ dak li kien previst preċedentement mid-dritt nazzjonali, l-assenza ta’ teħid ta’ miżura ta’ riżoluzzjoni ma għandhiex il-konsegwenza li l-istituzzjoni ta’ kreditu tiġi llikwidata skont id-dritt nazzjonali u li l-BĊE ma għandux, wara deċiżjoni FOLTF, il-kompetenza sabiex jiddeċiedi li jirtiralha l-awtorizzazzjoni.

169 Madankollu, għall-kuntrarju ta’ dak li jsostnu r-rikorrenti, il-FSA ma adottatx żewġ deċiżjonijiet, iżda, minn naħa, id-Deċiżjoni FOLTF, jiġifieri dikjarazzjoni ta’ nuqqas attwali jew prevedibbli, fl-10 ta’ April 2017 u, min-naħa l-oħra, fir-rwol tagħha ta’ awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni, deċiżjoni li tistabbilixxi li riżoluzzjoni ma kinitx fl-interess pubbliku, fis-7 ta’ Frar 2018, kif jirriżulta b’mod ċar mid-deċiżjoni tas-17 ta’ Lulju 2018, li s-siltiet tagħha ġew imfakkra fil-punti 157 u 159 iktar ’il fuq.

170 L-atti inkwistjoni huma distinti, peress li dikjarazzjoni ta’ nuqqas attwali jew prevedibbli hija waħda mill-prerekwiżiti sabiex tiġi adottata deċiżjoni finali dwar ir-riżoluzzjoni, jiġifieri skema ta’ riżoluzzjoni skont l-Artikolu 18(6) tar-Regolament tal-MUR. Madankollu, dan il-prerekwiżit huwa kundizzjoni neċessarja, iżda mhux suffiċjenti għall-adozzjoni ta’ miżura ta’ riżoluzzjoni, kif jirriżulta mill-punt 149 iktar ’il fuq.

171 Din l-interpretazzjoni ġiet ikkonfermata mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 148 iktar ’il fuq, li tgħid li d-dikjarazzjoni ta’ nuqqas attwali jew prevedibbli tipprovdi evalwazzjoni tal-fatti mill-ANK dwar il-kwistjoni tan-nuqqas attwali jew prevedibbli tal-imsemmija istituzzjoni, li bl-ebda mod ma hija obbligatorja, iżda tikkostitwixxi l-bażi għall-adozzjoni, mill-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni, ta’ skemi ta’ riżoluzzjoni jew ta’ deċiżjonijiet li jistabbilixxu li riżoluzzjoni ma hijiex fl-interess pubbliku.

172 Hija deċiżjoni ta' dan it-tieni tip li l-FSA, fir-rwol tagħha ta' awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni, adottat f'dan il-każ.

173 Issa, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, tali deċiżjoni bl-ebda mod ma tipprojbixxi lill-BĊE milli jadotta sussegwentement deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni.

174 Għall-kuntrarju, hemm lok li jitqies li, sa fejn id-dikjarazzjoni ta' nuqqas attwali jew prevedibbli, li tista' tiġi adottata, b'mod partikolari, meta l-kundizzjonijiet għal irtirar tal-awtorizzazzjoni huma ssodisfatti, kif jirriżulta mill-premessa 57 tar-Regolament tal-MUR u kif tirrikonoxxi wkoll it-tieni rikorrenti, u li tista' tittieħed bħala bażi għall-adozzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni, ma tagħtix lok għal tali miżura, skont l-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni kompetenti li tadottaha abbażi tal-Artikolu 7(3)(e) tal-imsemmi regolament (fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu inqas sinjifikattiva), il-BĊE jista' jiddeċiedi li jipproċedi għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu li ma għadhiex tosserva l-kundizzjonijiet għaż-żamma ta' tali awtorizzazzjoni.

175 Fil-fatt, għalkemm il-MUR tikkondividi l-istess kompitu bħal dak intiż mill-MSU, ta' protezzjoni tal-istabbiltà u tas-sigurtà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni, u huwa għalhekk komplementari meta mqabbel ma' dan tal-aħħar, kif jirriżulta mill-premessa 11 tar-Regolament tal-MUR, madankollu dan jista' jiġi applikat meta entità tkun tinsab f'sitwazzjoni ta' insolvenza jew ta' riskju li ssir insolventi u jipprevedi ġestjoni tal-kriżijiet finanzjarji ladarba dawn iseħħu, kif jirriżulta mill-premessa 7 tal-imsemmi regolament.

176 Barra minn hekk din il-konklużjoni hija kkonfermata mill-premessa 57 tar-Regolament tal-MUR, li tgħid li "[l]-fatt li entità ma tissodisfax ir-rekwiżiti għal awtorizzazzjoni ma għandux jiġġustifika minnu nnifsu d-dħul fi proċess ta' riżoluzzjoni, speċjalment jekk l-entità tibqa' jew x'aktarx li tibqa vijabbli", kif ukoll mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 152 iktar 'il fuq.

177 Il-miżuri adottati skont il-MSU u l-MUR jistgħu jeskludu lil xulxin, kif ġie allegat mir-rikorrenti, biss fil-każ fejn entità mhux biss talli ma jkollhiex tibqa' tiggarantixxi l-kundizzjonijiet għaż-żamma tal-awtorizzazzjoni, iżda wkoll meta ma tibqax solventi.

178 F'dan il-każ biss, il-BĊE għandu jagħti l-prijorità lil miżura ta' riżoluzzjoni adottata mis-SRB jew minn awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni (skont l-importanza tal-istituzzjoni ta' kreditu), abbażi tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u ta' kooperazzjoni ma' dawn l-awtoritajiet l-oħra, spjegat fl-Artikolu 14(5) u (6) tar-Regolament MSU bażiku kif ukoll fl-Artikolu 83(3) u fl-Artikolu 84 tar-Regolament Qafas tal-MSU. Barra minn hekk, il-BĊE għandu l-obbligu, skont l-Artikolu 83(2) tal-imsemmi regolament qafas, li jieħu inkunsiderazzjoni kif xieraq il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali tar-riżoluzzjoni, qabel ma jadotta d-deċiżjoni tiegħu ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni.

179 Il-koeżistenza tal-MSU u tal-MUR ma tistax tinftiehem bħala li teskludi l-possibbiltà li l-awtorità kompetenti fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali, jiġifieri l-BĊE, tirtira l-awtorizzazzjoni, fl-assenza ta' kundizzjonijiet sabiex tiġi adottata miżura ta' riżoluzzjoni, jiġifieri meta ma jkunx hemm ir-riskju li l-istituzzjoni ta' kreditu inkwistjoni ma tibqax vijabbli.

180 Fil-fatt, dan ikun ekwivalenti għall-eżenzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jkunu sodi minn perspettiva finanzjarja, mill-obbligu ta' osservanza tar-regoli prudenzjali l-oħra li jkunu imposti fuqhom għall-finijiet taż-żamma tal-awtorizzazzjoni tagħhom.

181 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li jgħid li d-"Deċiżjonijiet FOLTF" għandhom jiġu kkomunikati lilhom, huwa biżżejjed li jiġi enfasizzat li d-deċiżjoni finali li permezz tagħha l-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni stabbilixxiet li ma kienx hemm interess pubbliku għar-riżoluzzjoni u d-dikjarazzjoni ta' nuqqas attwali jew prevedibbli tal-FSA jaqgħu taħt proċedura distinta minn dik li wasslet għad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, b'tali mod li l-assenza ta' komunikazzjoni tad-Deċiżjoni FOLTF lit-tieni rikorrenti ma għandhiex effett fuq il-legalità tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018. Barra minn hekk, sa fejn ir-raġunijiet li hija bbażata fuqhom id-Deċiżjoni FOLTF jikkoinċidu mar-raġunijiet li hija bbażata fuqhom il-proposta għal deċiżjoni tal-FSA ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, kif riprodotta fid-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala li huma magħrufa mill-imsemmija rikorrenti li hija d-destinatarja ta' dawn id-deċiżjonijiet tal-aħħar.

182 Barra minn hekk, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet pprovduti fil-punti 173 sa 180 iktar 'il fuq dwar l-interazzjonijiet bejn is-sistemi ta' MSU u ta' MUR, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-argumenti tar-rikorrenti dwar ir-referenza fid-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 għal dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali allegatament imħassra mid-dħul fis-seħħ ta' dawn iż-żewġ sistemi, u b'mod partikolari għall-Artikolu 118 tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, huma ineffettivi.

183 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li din il-parti ma tistax tintlaqa'.

*c) Fuq it-tieni parti dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE sabiex jevalwa l-kwistjonijiet fil-qasam tal-ĠĦF/FT*

184 Ir-rikorrenti jikkontestaw essenzjalment il-kompetenza tal-BĊE sabiex jadotta deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni minħabba l-ksur tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-ĠĦF/FT, qasam li fih ma għandux kompetenza. L-irtirar tal-awtorizzazzjoni jkun iġġustifikat biss, għall-kuntrarju, għal raġunijiet prudenzjali.

185 Fl-ewwel lok, kif jirriżulta mill-Artikolu 67 tad-Direttiva 2013/36, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni huwa previst ukoll fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza mill-istituzzjoni ta' kreditu tal-obbligi fil-qasam tal-ĠĦF/FT. Għalhekk, l-osservanza tal-obbligi f'dan il-qasam huma manifestament rilevanti fil-kuntest tas-superviżjoni prudenzjali, peress li, kif jenfasizzaw il-premessi 1 u 2 tad-Direttiva 2005/60, l-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil ta' flus jista' jhedded l-istabbiltà, l-integrità u r-reputazzjoni tagħha kif ukoll tas-suq uniku.

186 Il-fatt li l-formulazzjoni tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36 terġa' ssemmi l-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni sabiex jirtiraw l-awtorizzazzjoni ma jistax iqajjem dubju dwar ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni, kif din tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament MSU bażiku attwalment fis-seħħ.

187 Fil-fatt, għalkemm l-Istati Membri jibqgħu kompetenti għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-ĠĦF/FT, kif tipprevedi espliċitament il-premessa 28 tar-Regolament MSU bażiku, il-BĊE huwa esklużivament kompetenti għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha, indipendentement minn jekk humiex sinjifikattivi jew inqas sinjifikattivi, anki meta dan ikun ibbażat, bħal f'dan il-każ, fuq ir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 67(1)(d), (e) u (o) tad-Direttiva 2013/36, li jirreferi għalih l-Artikolu 18 ta' din id-direttiva, peress li l-Artikolu 14(5) tal-imsemmi regolament jistabbilixxi bħala kundizzjoni għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni l-eżistenza ta' raġuni waħda jew iktar li jiġġustifikaw l-irtirar skont

l-Artikolu 18 tal-imsemmija direttiva. Għalhekk, ir-rikorrenti ma jistgħux, ġustament, iqajmu dubju, għal din ir-raġuni, dwar il-kompetenza tal-BĊE sabiex jadotta d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018.

188 Fit-tieni lok, fir-rigward tar-raġunijiet tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkonstataw b'mod validu li dawn jikkorrispondu tabilħaqq għal uħud mir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, u b'mod partikolari għal dawk li jinsabu fl-Artikolu 18(e) u (f) tad-Direttiva 2013/36, kif jeżiġi l-Artikolu 14(5) tar-Regolament MSU bażiku. B'mod partikolari, l-Artikolu 18(f) tal-imsemmija direttiva jikkonċerna l-każ ta' ksur mill-istituzzjoni ta' kreditu, imsemmi fl-Artikolu 67(1) ta' din id-direttiva.

189 F'dan il-każ, it-tieni rikorrenti ġiet akkużata bil-ksur elenkat fl-Artikolu 67(1)(d), (e) u (o) tad-Direttiva 2013/36 fil-kuntest tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018. Dan il-ksur jikkonċerna rispettivament l-assenza ta' arranġamenti ta' governanza meħtieġa mid-diversi ANK konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 74 tal-imsemmija direttiva, l-ommissjoni ta' informazzjoni jew il-komunikazzjoni ta' informazzjoni ineżatta jew inkompleta, dwar l-osservanza tal-obbligu li jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti ta' fondi proprji, lill-ANK u t-twettiq ta' ksur serju tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2005/60 fil-qasam tal-ĠĦF/FT.

190 Għaldaqstant, u bit-teħid inkunsiderazzjoni wkoll tal-kunsiderazzjonijiet żviluppati fil-punti 185 u 187 iktar 'il fuq, l-argumenti tar-rikorrenti li jikkonċernaw in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE sabiex juża l-istrument tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni għall-ksur fil-qasam tal-ĠĦF/FT għandhom jiġu miċħuda.

191 Barra minn hekk, fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-argument tar-rikorrenti li jgħid li t-tqassim tal-kompetenzi bejn l-ANK tal-Istati Membri parteċipanti u l-BĊE fi ħdan il-MSU u l-prinċipju ta' proporzjonalità jimponu li, qabel l-irtirar tal-awtorizzazzjoni bankarja għal ksur tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ĠĦF/FT, tkun ġiet eżawrita l-firxa sħiħa ta' miżuri oħra disponibbli (multi, projbizzjoni li jiġu eżerċitati ċerti tipi ta' attivitajiet, proċeduri kriminali), għandu jiġi miċħud.

192 Fil-fatt, mill-fajl jirriżulta li l-FSA tat lit-tieni rikorrenti diversi okkażjonijiet biex tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti regolatorji fil-qasam tal-ĠĦF/FT, kif jirriżulta mill-punti 25, 26 u 29 iktar 'il fuq, inkluż bl-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni, li lanqas din ma kienet ġiet osservata mill-imsemmija rikorrenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkritikaw b'mod validu lill-BĊE talli adotta deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni b'mod prematur jew bi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

193 Fit-tielet lok, sa fejn l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-osservanza minn istituzzjoni ta' kreditu tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-ĠĦF/FT jaqgħu mingħajr l-ebda dubju taħt il-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali, u li, f'dan il-każ, il-FSA ġustament eżerċitathom, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw b'mod validu ksur tal-kompetenzi proprji ta' din tal-aħħar mill-BĊE.

194 Fil-fatt, minn naħa, huwa konformement mat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-ANK tal-Istati Membri parteċipanti u l-BĊE fi ħdan il-MSU, enfasizzat fil-punti 131, 136, 137 u 140 iktar 'il fuq u, b'mod partikolari, mal-eżerċizzju ddeċentralizzat tal-kompetenzi esklużivi fil-qasam tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni, irrikonoxxut mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 135 iktar 'il fuq, li l-FSA wettqet id-dmir tagħha ta' kooperazzjoni u ta' assistenza tal-BĊE, kif previst mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) u mill-Artikolu 6(3) tar-Regolament MSU bażiku, l-ewwel, billi

wettqet il-kontrolli u l-verifiki materjali meħtieġa, it-tieni, billi daħlet f'komunikazzjoni mal-istituzzjoni ta' kreditu inkwistjoni sabiex issolvi l-problemi fi stadju bikri, inkluż billi kkonsultat lill-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni kkostitwita wkoll fi ħdanha, u t-tielet, billi fasslet abbozz ta' deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, skont l-Artikolu 14(5) tal-imsemmi regolament.

195 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkritikaw b'mod validu lill-BĊE talli bbaża d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 fuq din il-proposta għal deċiżjoni tal-FSA ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, peress li, meta ANK tipproponi l-irtirar tal-awtorizzazzjoni lill-BĊE, kemm mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(5) tar-Regolament MSU bażiku kif ukoll mill-Artikolu 83(2) tar-Regolament Qafas tal-MSU jirriżulta li l-BĊE huwa obbligat jieħu inkunsiderazzjoni bis-sħiħ ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-imsemmi rtirar mogħtija minn din l-ANK.

196 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-BĊE talab ukoll l-osservazzjonijiet tat-tieni rikorrenti dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-FSA ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni u ħadhom inkunsiderazzjoni, konformement mal-Artikolu 83(2)(d) tar-Regolament Qafas tal-MSU.

197 Huwa għalhekk mingħajr ksur tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-ANK tal-Istati Membri parteċipanti u l-BĊE fi ħdan il-MSU, li, f'dan il-każ, il-fatti li jikkostitwixxu ksur tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ĠĦF/FT kienu ġew stabbiliti mill-FSA filwaqt li l-evalwazzjoni ġuridika li tiddetermina jekk dawn il-fatti jiġġustifikawx irtirar tal-awtorizzazzjoni kif ukoll l-evalwazzjoni tal-proporzjonalità ġew irriżervati għall-kuntrarju lill-BĊE.

198 Għaldaqstant, fid-dawl ta' dak li ntqal, l-argumenti, imressqa mir-rikorrenti fil-kuntest ta' dan il-grupp ta' motivi, dwar l-assenza ta' għarfien espert u kompetenza organizzati fi ħdan il-BĊE fil-qasam tal-ĠĦF/FT huma ineffettivi.

199 Bit-teħid inkunsiderazzjoni ta' dak li ntqal, hemm lok li din il-parti tiġi miċħuda.

*d) Fuq it-tielet parti dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE sabiex jirrifjuta l-awtolikwidazzjoni tat-tieni rikorrenti u l-bejgħ tal-bank lil investitur ieħor*

200 Ir-rikorrenti essenzjalment jikkritikaw lill-BĊE talli adotta deċiżjoni li tirrifjuta l-awtolikwidazzjoni tat-tieni rikorrenti jew il-bejgħ tal-istituzzjoni ta' kreditu lil investituri oħra.

201 B'mod preliminari, fir-rigward tal-awtolikwidazzjoni tat-tieni rikorrenti, għandu jiġi ppreċiżat li, skont l-Artikolu 117 tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, sabiex tipproċedi għall-awtolikwidazzjoni tagħha, istituzzjoni ta' kreditu għandha tippreżenta talba għax-xoljiment volontarju lill-FSA, li hija għalhekk l-awtorità kompetenti sabiex taċċetta jew tiċħad tali talba.

202 Mill-fajl jirriżulta li, minn naħa, it-tieni rikorrenti ma tallegax li ressqet talba għall-awtolikwidazzjoni u, min-naħa l-oħra, hija tikkritika lill-BĊE talli ma tahiex l-okkażjoni biex tressaqha. Issa, l-imsemmija rikorrenti ma ressqitx tali talba. Barra minn hekk, il-BĊE ċertament la huwa obbligat iħeġġeġ lil istituzzjoni ta' kreditu tressaq talba għall-awtolikwidazzjoni lil awtorità nazzjonali, u lanqas ma għandu l-kompetenza sabiex jieħu deċiżjoni formali ta' awtorizzazzjoni jew ta' rifjut ta' talba għall-awtolikwidazzjoni, kif jammettu l-partijiet.

203 Minn dan jirriżulta li l-argumenti tar-rikorrenti huma rilevanti biss sa fejn dawn jirrigwardaw fir-realtà l-evalwazzjoni tal-BĊE dwar il-proporzjonalità tad-deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, magħmula fil-punt 3.3.2 tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, u dawn ser jiġu

eżaminati fil-kuntest tal-analiżi ddedikata għall-proporzjonalità tal-imsemmi rtirar (ara l-punti 306 sa 344 iktar ’il quddiem). L-istess jgħodd għall-argumenti dwar in-nuqqas ta’ kompetenza tal-BĊE sabiex jimpedixxi l-bejgħ tal-istituzzjoni ta’ kreditu lil investituri oħra, imressqa fil-kuntest tal-ħmistax-il motiv tar-rikors.

204 Bit-teħid inkunsiderazzjoni ta’ dak li ntqal, hemm lok li din il-parti tiġi miċħuda.

*e) Fuq ir-raba’ parti dwar l-użu ħażin ta’ poter*

205 Insostenn ta’ din il-parti, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-BĊE ma aċċettax l-awtolikwidazzjoni tat-tieni rikorrenti (u lanqas il-bejgħ tagħha lil investituri oħra jew miżuri oħra inqas intrużivi) u rtira l-awtorizzazzjoni tagħha għal raġunijiet li ma humiex relatati mas-superviżjoni prudenzjali, u b’mod partikolari għall-konsegwenzi f’termini ta’ pubbliċità favorevoli li huwa u l-FSA siltu minn dan, bi ksur tal-premessa 75 u tal-Artikolu 19 tar-Regolament MSU bażiku, li jimponu lill-BĊE jeżerċita l-kompiti tiegħu indipendentement minn kwalunkwe influwenza politika.

206 Il-BĊE, sostnut mill-Kummissjoni, jirribatti li dan il-motiv huwa manifestament infondat.

207 B’mod preliminari, għandu jitfakkar li, skont il-premessa 75 tar-Regolament MSU bażiku, “[s]abiex iwettaq il-kompiti superviżorji tiegħu b’mod effikaċi, il-BĊE għandu jeżerċita l-kompiti superviżorji kkonferiti lilu b’indipendenza sħiħa, b’mod partikolari ħieles minn influwenza politika żejda u minn interferenza min-naħa tal-industrija li jaffettwaw l-indipendenza operazzjonali tiegħu”.

208 Barra minn hekk, mill-premessa 15 tar-Regolament MSU bażiku jirriżulta li l-BĊE ngħata kompiti superviżorji speċifiċi li huma kruċjali biex tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti u effikaċi tal-politika tal-Unjoni li tirrigwarda s-superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu, inkluż l-adozzjoni ta’ miżuri meħuda biex tintlaħaq stabbiltà makroprudenzjali, skont modalitajiet speċifiċi li jirriflettu r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali. L-Artikolu 19(1) tal-imsemmi regolament huwa fformulat kif ġej:

“Meta jkun qed iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b’dan ir-Regolament, il-BĊE u l-[ANK] li jkunu qed jaġixxu fi ħdan il-MSU għandhom jaġixxu b’mod indipendenti. Il-membri tal-Bord Superviżorju Bankarju u l-Kumitat ta’ tmexxija għandhom jaġixxu b’mod indipendenti u oġġettiv fl-interess uniku tal-Unjoni kollha kemm hi u la m’għandhom ifittxu u lanqas m’għandhom jieħdu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni, jew minn xi gvern ta’ Stat Membru jew minn xi korp pubbliku jew privat ieħor.”

209 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-kunċett ta’ użu ħażin ta’ poter jirreferi għall-fatt li awtorità amministrattiva tkun użat il-poteri tagħha għal għan differenti minn dak li għalih tkun ingħatat dawn il-poteri. Deċiżjoni tkun ivvizzjata b’użu ħażin ta’ poter biss jekk jidher, abbażi ta’ indizji oġġettivi, rilevanti u konkordanti, li din tkun ittieħdet għal tali għan. Barra minn hekk, fil-każ li jiġu mfittxija diversi għanijiet, anki jekk raġuni mhux iġġustifikata tkun inkluża ma’ raġunijiet validi, id-deċiżjoni xorta waħda ma tkunx ivvizzjata b’użu ħażin ta’ poter sakemm din ma tissagrifikax l-għan essenzjali (ara s-sentenza tat-13 ta’ Diċembru 2017, Crédit mutuel Arkéa vs BĊE, T-52/16, EU:T:2017:902, punt 210 u l-ġurisprudenza ċċitata).

210 F'dan il-każ, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti baqgħu ma pproduċewx prova li l-BĊE, billi adotta d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, fittex għan li ma huwiex l-implimentazzjoni tal-kompitu tiegħu ta' superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Barra minn hekk, huma ma pproduċew l-ebda prova ta' natura li turi eventwali assenza ta' indipendenza fir-rigward tal-BĊE, bi ksur tal-Artikolu 19 tar-Regolament MSU bażiku.

211 Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 hija bbażata fuq numru ta' raġunijiet ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni previsti mill-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36, li jirreferu għal ksur serju tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ĠĦF/FT. Minn dan jirriżulta li l-motivazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni hija konformi mal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mill-kompiti ta' superviżjoni mogħtija lill-BĊE.

212 Għaldaqstant, din il-parti għandha tiġi miċħuda wkoll.

213 B'hekk, dan il-grupp ta' motivi għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

*2. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmirijiet ta' diliġenza u ta' imparzjalità fl-eżami tal-BĊE*

214 Skont ir-rikorrenti, il-BĊE ma evalwax b'attenzjoni u b'imparzjalità l-elementi kollha rilevanti tal-kawża. Madankollu, huma llimitaw ruħhom li jikkritikaw lill-BĊE talli sempliċement aċċetta l-konklużjonijiet tal-FSA, li kienu bbażati fuq informazzjoni qarrieqa pprovduta minn din l-ANK, mingħajr ma wettaq l-eżami rispettiv tiegħu tar-raġunijiet sottostanti tal-abbozz ta' deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni.

215 Il-BĊE jikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

216 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dmir ta' diliġenza jimplika l-obbligu tal-istituzzjoni kkonċernata li teżamina b'attenzjoni u b'imparzjalità l-elementi rilevanti kollha tal-każ ineżami (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München, C-269/90, EU:C:1991:438, punt 14, u tas-16 ta' Settembru 2013, ATC *et* vs Il-Kummissjoni, T-333/10, EU:T:2013:451, punt 84).

217 F'dan il-każ, l-ewwel, għandu jiġi kkonstatat, bi qbil mal-BĊE, li d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 fiha espożizzjoni kompleta u ċara tal-motivi li jiġġustifikaw l-irtirar li, minn naħa, huma bbażati fuq l-evalwazzjonijiet tal-FSA bħala ANK għas-superviżjoni prudenzjali tat-tieni rikorrenti (istituzzjoni ta' kreditu inqas sinjifikattiva) u, min-naħa l-oħra, jikkonċernaw evalwazzjoni awtonoma tal-BĊE dwar l-osservanza ta' kundizzjonijiet oħra sabiex jiddeċiedi dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, inkluża l-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tal-miżura ta' rtirar.

218 It-tieni, il-kritika fformulata b'mod ġenerali fir-rigward ta' allegata assenza ta' diliġenza u ta' imparzjalità tal-BĊE tista' tirnexxi biss jekk jiġu kkonfutati b'mod iċċirkustanzjat l-eventwali nuqqasijiet li twettqu mill-BĊE fil-kuntest tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018.

219 It-tielet, hemm lok li jiġi rrilevat, bi qbil mal-BĊE, li l-konstatazzjonijiet ta' ksur imwettaq mill-FSA, mhux ikkontestati b'mod utli mit-tieni rikorrenti, kellhom jiġu ttrattati mill-BĊE bħala fatti stabbiliti u bħala li ma kinux jeħtieġu, konsegwentement, rieżami mill-BĊE. Għalhekk, dan tal-aħħar, ġustament, illimita ruħu li jivverifika jekk dan il-ksur kienx jikkostitwixxi raġunijiet li jiġġustifikaw l-irtirar tal-awtorizzazzjoni. Dan l-eżami twettaq fil-punti 3.3.1 u 3.3.2 tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018.

220 Ir-raba', is-sempliċi allegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar il-fatt li l-BĊE sempliċement ibbaża fuq il-konklużjonijiet tal-ANK għandhom jiġu miċħuda wkoll għall-istess raġunijiet bħal dawk żviluppati fil-punti 194 sa 198 iktar 'il fuq.

221 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li l-affermazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 hija bbażata fuq informazzjoni qarrieqa pprovduta mill-FSA tikkostitwixxi sempliċi allegazzjoni li ma hija ssostanzjata mill-ebda prova u, għaldaqstant, għandha tiġi miċħuda.

222 Minn dak li ntqal jirriżulta li t-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

223 Sa fejn it-tielet motiv jirrigwarda l-eżistenza ta' żbalji ta' evalwazzjoni fil-proposta għal deċiżjoni tal-FSA, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet reċentement li, fil-każ fejn id-dritt tal-Unjoni ma kellux l-għan li jistabbilixxi tqassim bejn żewġ kompetenzi, waħda nazzjonali u l-oħra tal-Unjoni, li kellhom għanijiet distinti, iżda kien jistabbilixxi, għall-kuntrarju, is-setgħa deċiżjonali esklużiva ta' istituzzjoni tal-Unjoni, hija l-qorti tal-Unjoni, abbażi tal-ġurisdizzjoni esklużiva tagħha li tistħarreġ il-legalità tal-atti tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, li kellha tiddeċiedi dwar il-legalità tad-deċiżjoni finali adottata mill-istituzzjoni tal-Unjoni inkwistjoni u li kellha teżamina, sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-partijiet ikkonċernati, id-difetti eventwali li jivvizzjaw l-atti preparatorji jew il-proposti maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali li huma ta' natura li jaffettwaw il-validità ta' din id-deċiżjoni finali (ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, Berlusconi u Fininvest, C-219/17, EU:C:2018:1023, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

224 F'tali ċirkustanzi, il-qorti tal-Unjoni għandha tivverifika d-difetti eventwali li jivvizzjaw il-legalità tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-FSA kif riprodott fid-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, sa fejn dawn id-difetti huma kkontestati mir-rikorrenti fil-kuntest tal-motivi l-oħra tagħhom.

225 Għaldaqstant għandu jiġi eżaminat jekk it-tieni rikorrenti rnexxilhiex tqajjem dubju dwar l-evalwazzjonijiet magħmula fid-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018.

*3. Fuq ir-raba' u l-ħames motiv, ibbażati fuq żbalji ta' evalwazzjoni jew fuq l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti elementi rilevanti tal-kawża*

*a) Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tar-rwol pożittiv tat-tmexxija l-ġdida tat-tieni rikorrenti*

226 Ir-rikorrenti jallegaw li d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 ma tiħux inkunsiderazzjoni r-rwol pożittiv tat-tmexxija l-ġdida tat-tieni rikorrenti u li, fid-dawl tal-kompetenza u tar-reputazzjoni tajba ta' din it-tmexxija, implimentata minn Novembru 2017, il-BĊE ma kellux jirtira l-awtorizzazzjoni tagħha f'Marzu 2018.

227 Il-BĊE jikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

228 Fl-ewwel lok, sa fejn ir-rikorrenti jinvokaw nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-BĊE ta' element rilevanti, għandu jiġi kkonstatat li, fil-punt 3.3.1(b)(ii) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, il-bidla fit-tmexxija tat-tieni rikorrenti kienet ittieħdet inkunsiderazzjoni kif xieraq u li r-raġunijiet

għalfejn din il-bidla ma kinitx ikkunsidrata bħala suffiċjenti sabiex tirrimedja għall-problemi kkonstatati fis-sistema ta' ġestjoni tar-riskji fil-qasam tal-ĠĦF/FT kienu ġew analizzati fid-dettall fl-imsemmija deċiżjoni.

229 Fil-fatt, l-ewwel, fid-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, il-BĊE kkunsidra b'mod partikolari li, għalkemm it-tmexxija l-ġdida tat-tieni rikorrenti, fil-kariga mill-1 ta' Novembru 2017, kienet imxiet mal-ilmenti tal-FSA, li jirrigwardaw in-nuqqas ta' kapaċità tal-imsemmija rikorrenti li tippreżenta strateġija mhux ambigwa dwar il-klijenti tagħha, definizzjoni ddettaljata tar-riskji għal dawn il-klijenti u evalwazzjoni finanzjarja tar-riskji operattivi, u li l-imsemmija tmexxija ħadet impenn li tibdel l-istrateġija kummerċjali ta' din ir-rikorrenti għall-perijodu 2018-2021, din kienet ikkonfermat ukoll li riedet tkompli tiffoka fuq is-swieq Russi u tal-Ukraina fl-attività prinċipali tagħha.

230 It-tieni, fid-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 kien ġie rrilevat li, skont id-dritt nazzjonali applikabbli (l-Artikoli 52(4) u 55(1) tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu), l-istrateġija kummerċjali ta' istituzzjoni ta' kreditu kienet iddeterminata mill-bord superviżorju u mhux mill-kunsill ta' amministrazzjoni.

231 It-tielet, fid-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 kien ġie rrilevat ukoll li, minkejja l-bidliet tal-membri tal-bord superviżorju tat-tieni rikorrenti, li wkoll seħħew bejn l-2012 u l-2018, iż-żewġ azzjonisti maġġoritarji tal-imsemmija rikorrenti baqgħu jagħmlu parti mill-imsemmi bord superviżorju u li l-FSA ma kienet identifikat l-ebda bidla fl-istrateġija fir-rigward tal-prinċipji ta' ġestjoni tar-riskji, u dan kien jippermetti b'mod raġonevoli li jiġi konkluż li dawn kienu pjuttost influwenzati miż-żewġ azzjonisti msemmija iktar 'il fuq. Din l-influwenza setgħet tiġi kkonfermata wkoll mill-fatt li, minkejja tliet bidliet fit-tmexxija bejn l-2012 u l-2017, din ir-rikorrenti qatt ma kienet bidlet il-mudell kummerċjali u l-attitudni tagħha dwar in-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti regolatorji fil-qasam tal-ĠĦF/FT.

232 Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-FSA fl-abbozz ta' deċiżjoni tagħha u l-BĊE fid-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 kienu kkonkludew li t-titjib osservat wara l-bidla fit-tmexxija tat-tieni rikorrenti ma kienx suffiċjenti sabiex jiżgura l-osservanza minn din tal-aħħar tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ĠĦF/FT.

233 Issa, dawn ir-raġunijiet, li barra minn hekk ma ġewx ikkontestati b'mod iċċirkustanzjat mir-rikorrenti fil-kuntest tar-rikors ippreżentat fil-Kawża T-584/18, minn naħa, juru li l-BĊE kien tabilħaqq ħa inkunsiderazzjoni t-tmexxija l-ġdida tal-imsemmija rikorrenti bħala element rilevanti tal-kawża u, min-naħa l-oħra, ma humiex ivvizzjati bi żball ta' evalwazzjoni.

234 Fit-tieni lok, sa fejn ir-rikorrenti jinvokaw żball ta' evalwazzjoni tal-BĊE fir-rigward tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, hemm lok li jiġi enfasizzat li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tat-tieni rikorrenti ma kienx ibbażat fuq nuqqas ta' kwalità tal-kunsill ta' amministrazzjoni, skont l-Artikolu 18(c) tad-Direttiva 2013/36 moqri flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-imsemmija direttiva, iżda fuq l-assenza ta' adozzjoni mill-imsemmija rikorrenti tal-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti regolatorji fil-qasam tal-ĠĦF/FT, fatt li, kif ġie osservat fil-punt 231 iktar 'il fuq, minkejja t-tmexxija l-ġdida ta' din ir-rikorrenti, ma ġiex ikkontestat b'mod validu mir-rikorrenti.

235 Fit-tielet lok, sa fejn l-argumenti tar-rikorrenti jirrigwardaw żball ta' evalwazzjoni tal-BĊE fl-evalwazzjoni tiegħu tal-proporzjonalità tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, meta mqabbla ma' miżuri oħra inqas intrużivi mill-irtirar tal-awtorizzazzjoni, għandu jsir riferiment għall-eżami tal-evalwazzjoni tal-proporzjonalità (ara l-punti 306 sa 344 iktar 'il quddiem).

236 Bit-teħid inkunsiderazzjoni ta' dak li ntqal, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud.

*b) Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tan-natura żbaljata tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet tat-tieni rikorrenti fil-Latvja*

237 Ir-rikorrenti jallegaw li l-BĊE ma setax jibbaża d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 fuq il-komunikazzjoni ta' informazzjoni mhux korretta lill-FSA fir-rigward tal-attivitajiet transkonfinali tat-tieni rikorrenti fil-Latvja. Fil-fehma tagħhom, l-ewwel, id-dikjarazzjonijiet fattwali allegatament mhux eżatti la huma ppreċiżati u lanqas ma huma ssostanzjati minn provi, filwaqt li huma qatt ma ħbew l-attivitajiet li t-tieni rikorrenti kienet teżerċita fil-Latvja, ikkomunikati bil-miftuħ fuq is-sit internet ta' din tal-aħħar. It-tieni, dawn id-dikjarazzjonijiet kienu jirrigwardaw biss kwistjoni ta' distinzjoni terminoloġika bejn "uffiċċju ta' rappreżentanza" u "dipartiment/uffiċċju transkonfinali" jew bejn "uffiċċju ta' appoġġ" u "fergħa". It-tielet, il-proċedura ta' passaport għall-eżerċizzju ta' attivitajiet finanzjarji transkonfinali f'pajjiżi oħra li l-imsemmija rikorrenti ma osservatx hija proċedura purament formali u l-istess rikorrenti kienet osservatha fir-rigward tal-attivitajiet tagħha fil-Ġermanja, fl-Isvezja u fir-Renju Unit. Ir-raba', din il-kwistjoni issa ma hijiex rilevanti, peress li din kienet is-suġġett ta' riżoluzzjoni quddiem qorti amministrattiva Latvjana u li la l-FSA u lanqas l-ANK Latvjana ma kienu imponew sanzjonijiet lil din ir-rikorrenti għal din ir-raġuni. Il-ħames, gravità partikolari tkun meħtieġa sabiex tali dikjarazzjonijiet iwasslu għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni.

238 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jqisu li l-FSA kellha attitudni ambivalenti mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni FOLTF u ma għamlithiex ċara lit-tieni rikorrenti li hija kienet tikkunsidra li l-kwistjoni kienet għadha miftuħa. Huma jibbażaw f'dan ir-rigward fuq l-istqarrija għall-istampa tal-imsemmija rikorrenti tat-28 ta' Lulju 2017, li fiha jingħata sunt tar-riżoluzzjoni quddiem l-ANK Latvjana u li minnha jirriżulta li l-kawża dwar l-attivitajiet tat-tieni rikorrenti fil-Latvja kienet magħluqa. Huma jżidu li jkun assurd li sempliċi ineżattezza tiġi kkunsidrata bħala raġuni għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu. Huma jitolbu lill-Qorti Ġenerali tordna lill-FSA u lill-BĊE jidentifikaw id-dikjarazzjonijiet allegatament qarrieqa u jikkomunikaw id-dokumenti li fihom il-FSA u l-BĊE kienu qajmu l-kwistjoni bħala li kienet għadha sospiża, minkejja r-riżoluzzjoni li saret quddiem il-qorti amministrattiva Latvjana. Huma jitolbu wkoll li jiġi ordnat li r-rappreżentanti tal-FSA u tal-BĊE jixhdu dwar dan il-punt.

239 Il-BĊE jikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

240 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li l-premessa 19 tad-Direttiva 2013/36 tipprovdi li "[l]-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Istati Membri domiċiljari tagħhom għandhom jitħallew iwettqu, fl-Unjoni kollha, kwalunkwe jew kull attività msemmija fil-lista tal-attivitajiet soġġetti għar-rikonoxximent reċiproku billi jistabilixxu fergħat jew billi jipprovdu servizzi."

241 Skont il-premessa 20 tad-Direttiva 2013/36, "[h]uwa xieraq li r-rikonoxximent reċiproku jiġi estiż għal dawk l-attivitajiet elenkati [...] meta jitwettqu minn istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu sussidjarji ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, sakemm dawn is-sussidjarji jkunu koperti mis-superviżjoni konsolidata tal-impriżi prinċipali (parent) tagħhom u jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet rigorużi."

242 Fil-kuntest tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tad-Direttiva 2013/36 dwar id-dritt ta' stabbiliment tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-Artikoli 35 u 36 jistabbilixxu rekwiżit ta' notifika u jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti.

243 L-Artikolu 35 tad-Direttiva 2013/36 jipprevedi li kull istituzzjoni ta' kreditu li tkun tixtieq tistabbilixxi fergħa fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini tagħha (paragrafu 1). Din in-notifika għandha tkun akkumpanjata minn informazzjoni dwar, b'mod partikolari, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun qiegħda tippjana li tistabbilixxi fergħa, programm tal-attivitajiet li jindika t-tip ta' operat previst u l-organizzazzjoni strutturali tal-fergħa, l-indirizz tal-Istat Membru ospitanti minn fejn ikunu jistgħu jinkisbu d-dokumenti u l-ismijiet tal-persuni responsabbli mit-tmexxija tal-fergħa (paragrafu 2).

244 L-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2013/36 jipprovdi li, "[m]eta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jirrifjutaw li jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, huma għandhom jagħtu r-raġunijiet għar-rifjut tagħhom lill-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-informazzjoni kollha".

245 L-Artikolu 36(1) sa (4) tad-Direttiva 2013/36 huwa fformulat kif ġej:

"1. Qabel ma l-fergħa tal-istituzzjoni ta' kreditu tibda bl-attivitajiet tagħha, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom, fi żmien xahrejn minn meta jirċievu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 35, iħejju għas-superviżjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu skont il-Kapitolu 4 u jekk meħtieġ, jindikaw il-kondizzjonijiet li bihom, fl-interess tal-ġid komuni, dawk l-attivitajiet għandhom jitwettqu fl-Istat Membru ospitanti.

2. Mal-wasla tal-komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, jew fil-każ li jiskadi l-perijodu previst fil-paragrafu 1 meta ma tasal l-ebda komunikazzjoni minn dan tal-aħħar, il-fergħa tkun tista' tiġi stabbilita u tkun tista' tibda bl-attivitajiet tagħha.

3. Fil-każ ta' xi bidla fi kwalunkwe informazzjoni kkomunikata skont il-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 35(2), l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tavża bil-miktub dwar il-bidla kkonċernata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u dak ospitanti, mill-inqas xahar qabel ma ssir il-bidla sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni biex tiġi stabbilita fergħa fi Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 35 u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jieħdu deċiżjoni li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-bidla skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Għandu jkun preżunt li l-fergħat li jkunu bdew bl-attivitajiet tagħhom, skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri ospitanti tagħhom, qabel l-1 ta' Jannar 1993, kienu soġġetti għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 35 u fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Dawn għandhom ikunu rregolati, mill-1 ta' Jannar 1993, mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u mill-Artikoli 33 u 52 u mill-Kapitolu 4."

246 L-Artikolu 39 tad-Direttiva 2013/36, intitolat "Proċedura ta' notifika", jipprevedi fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu li tkun tixtieq teżerċita l-libertà ta' forniment ta' servizzi bit-twettiq tal-attivitajiet tagħha fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għall-ewwel darba, għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari, bl-attivitajiet fil-lista tal-Anness I li tkun biħsiebha twettaq.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom, fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika prevista fil-paragrafu 1, jibagħtu dik in-notifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.”

247 L-Artikolu 67(1) tad-Direttiva 2013/36 huwa fformulat kif ġej:

“Dan l-Artikolu għandu japplika tal-inqas fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tkun kisbet awtorizzazzjoni permezz ta’ dikjarazzjonijiet foloz jew b’xi mezz irregolari ieħor;

[…]

(e) l-istituzzjoni ma tkunx irrappurtat informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta dwar il-konformità mal-obbligu li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta’ fondi proprji stipulati fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 99(1) ta’ dak ir-Regolament;

(f) l-istituzzjoni ma tkunx irrappurtat jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta lill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tad-data msemmija fl-Artikolu 101 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(g) istituzzjoni ma tkunx irrappurtat informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta dwar skopertura kbira lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur tal-Artikolu 394(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(h) l-istituzzjoni ma tkunx irrappurtat informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta dwar il-likwidità lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur tal-Artikolu 415(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(i) istituzzjoni tonqos li tirrapporta informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta dwar il-proporzjon tal-lieva finanzjarja lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur tal-Artikolu 430(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

[…]

(m) istituzzjoni ma tkunx żvelat l-informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta bi ksur tal-Artikolu 431(1), (2) u (3) jew l-Artikolu 451(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

[…]”

248 Fil-punt 3.3.1(d) tad-deċiżjoni tas-17 ta’ Lulju 2018, billi bbażа fuq l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-FSA ta’ rtirar tal-awtorizzazzjoni, il-BĊE kkunsidra li t-tieni rikorrenti kienet kisret il-leġiżlazzjoni Latvjana li tittrasponi l-Artikoli 35 sa 38 tad-Direttiva 2013/36, billi stabbilixxiet ruħha fil-Latvja permezz ta’ fergħa mingħajr ma osservat il-proċeduri previsti, u għalhekk illegalment, kif ukoll billi pprovdiet informazzjoni falza lill-FSA fir-rigward tal-istabbiliment tagħha fil-Latvja. Minn naħa, il-FSA kienet ibbażat fuq żewġ ittri li rċeviet mingħand l-imsemmija rikorrenti: fl-ewwel waħda, hija kienet ċaħdet li operat fergħa fil-Latvja, meta kien hemm prova tal-kuntrarju u, fit-tieni waħda, hija kienet affermat li għalqet il-fergħa tagħha fil-Latvja, meta din kienet għadha

operattiva. Min-naħa l-oħra, hija kienet ħadet inkunsiderazzjoni l-provi miġbura matul spezzjoni fuq il-post li hija kienet wettqet mill-5 ta' Settembru sal-14 ta' Novembru 2016, fejn kien jirriżulta li din ir-rikorrenti kienet ipprovdiet servizzi finanzjarji permezz ta' fergħa stabbilita fil-Latvja mix-xahar ta' Ottubru 2013.

249 Ir-rikorrenti jikkontestaw, essenzjalment, in-natura obbligatorja tal-proċedura ta' notifika (imsejħa ta' "passaport"), imsemmija fl-Artikoli 35 u 36 tad-Direttiva 2013/36.

250 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi osservat li d-Direttiva 2013/36 għandha bħala għan l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-aċċess għall-attivitajiet finanzjarji tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Unjoni kollha sabiex tippermetti li istituzzjoni awtorizzata fl-Istat Membru rispettiv tagħha tkun awtorizzata twettaq l-attivitajiet kollha tagħha jew parti minnhom fl-Unjoni kollha billi tistabbilixxi fergħa jew permezz ta' provvista ta' servizzi, filwaqt li tibbenefika mir-rikonoxximent reċiproku, kif jirriżulta wkoll mill-premessa 19 tal-imsemmija direttiva.

251 Barra minn hekk, mill-Artikoli 35 sa 38 tad-Direttiva 2013/36 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li joħloq, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li kienu jixtiequ jistabbilixxu fergħa fi Stat Membru ieħor, sistema ta' notifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini. Din tal-aħħar hija għalhekk l-awtorità kompetenti għall-evalwazzjoni tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' din il-fergħa għall-attivitajiet finanzjarji fi Stat Membru ieħor.

252 Is-setgħa ta' deċiżjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini tirrigwarda b'mod partikolari n-natura suffiċjenti u kompleta tal-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 35 tad-Direttiva 2013/36, li għandha tiġi kkomunikata lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat ospitanti, u l-kontroll tal-adegwatezza tal-istruttura amministrattiva jew tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni ta' kreditu li trid tistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor. Fil-każ ta' dubju, din l-informazzjoni ma tiġix ikkomunikata u l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tiġi informata bir-raġunijiet tar-rifjut.

253 Mis-setgħa li tiġi rrifjutata l-komunikazzjoni u mill-marġni li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandha sabiex tevalwa l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata mill-istituzzjoni ta' kreditu li tixtieq tistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor, tirriżulta n-natura mhux purament formali tal-proċedura ta' notifika, imsejħa ta' "passaport".

254 Barra minn hekk, mill-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2013/36 jirriżulta li l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tħejji s-superviżjoni tal-fergħa biss wara li tkun irċeviet l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 35 tal-istess direttiva. Minn dan jirriżulta li l-komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni tikkostitwixxi formalità essenzjali sabiex l-imsemmija awtorità kompetenti tkun tista' teżerċita l-attività tagħha ta' superviżjoni fuq il-fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu ta' Stat Membru ieħor.

255 Din il-konklużjoni hija kkonfermata minn qari teleoloġiku u sistematiku tad-Direttiva 2013/36 u, b'mod partikolari, tal-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu V ta' din id-direttiva. Fil-fatt, ir-raġuni għall-eżistenza ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija li l-possibbiltà li istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru teżerċita l-libertà tagħha ta' provvista ta' servizzi u d-dritt tagħha ta' stabbiliment fi Stati Membri oħra tiġi rrikonċiljata mar-rekwiżit tas-superviżjoni prudenzjali tal-fergħat eventwali tal-imsemmija istituzzjoni fi Stati Membri oħra. Bl-għan li jiġu ffaċilitati kemm l-eżerċizzju ta' dan id-dritt kif ukoll ir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet fi ħdan l-Unjoni, fi żmien fejn il-kompetenza għall-għoti ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet kienet taqa'

taħt is-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali, il-leġiżlatur għażel, fid-Direttiva 2013/36, li jikkonċentra f'idejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini r-responsabbiltà li tivverifika l-eżistenza tal-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' attivitajiet finanzjarji ta' fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu. Din l-awtorità tinsab fil-fatt fl-aħjar pożizzjoni sabiex issir taf l-istruttura organizzazzjonali u l-politika kummerċjali ta' din tal-aħħar u sabiex tassisti, billi tipprovdi din l-informazzjoni, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti fil-kompitu tagħha ta' superviżjoni tal-fergħa stabbilita fit-territorju li għalih hija responsabbli.

256 Bit-teħid inkunsiderazzjoni ta' dak li ntqal, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-proċedura ta' notifika, imsejħa ta' "passaport", għandha natura vinkolanti.

257 Issa, ir-rikorrenti ma jikkontestawx il-fatt li t-tieni rikorrenti ma nedietx il-proċedura ta' notifika, iżda sempliċement qajmu dubju dwar il-gravità tal-aġir tagħha li huma jqisu li kien sempliċi ksur ta' rekwiżiti purament formali. Madankollu, mill-iżviluppi esposti fil-punti 248 sa 256 iktar 'il fuq, jirriżulta li l-proċedura ta' notifika miksura mill-imsemmija rikorrenti ma tikkostitwixxix sempliċi formalità, iżda obbligu legali. Għaldaqstant, hija stabbilixxiet fergħa fil-Latvja u eżerċitat attivitajiet finanzjarji b'mod illegali.

258 Barra minn hekk, sa fejn il-FSA pprovdiet lill-BĊE spjegazzjoni ddettaljata tar-riżultati tal-investigazzjonijiet tagħha dwar din il-kwistjoni li minnha jirriżulta barra minn hekk li t-tieni rikorrenti kienet tipprovdi servizzi finanzjarji fil-Latvja kemm lil klijenti Latvjani kif ukoll lil pajjiżi terzi, u li dawn il-klijenti rreklutati fil-Latvja kienu ġġeneraw, bejn Novembru 2013 u Awwissu 2016, 66 % tad-dħul totali tas-servizzi pprovduti mit-tieni rikorrenti, u li dawn ir-riżultati bl-ebda mod ma ġew ikkontestati b'mod iċċirkustanzjat mis-sempliċi allegazzjonijiet mhux issostanzjati tat-tieni rikorrenti, dawn il-fatti għandhom jitqiesu bħala stabbiliti.

259 Issa, il-provvista ta' servizzi finanzjarji lill-klijenti Latvjani u l-parti sinjifikattiva li din kienet tirrappreżenta fid-dħul tat-tieni rikorrenti juru li l-fergħa fil-Latvja ma setgħetx tikkostitwixxi sempliċi uffiċċju ta' rappreżentanza jew ta' appoġġ.

260 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-evalwazzjonijiet tal-FSA li jikkonċernaw in-natura falza tal-informazzjoni li kienet ġiet ipprovduta lilha fiż-żewġ ittri tas-26 ta' Settembru 2013 u tad-9 ta' Frar 2016 huma żbaljati. Fil-fatt, filwaqt li r-rikorrenti jsostnu li l-attivitajiet tal-imsemmija fergħa ma kinux indirizzati lil-Latvjani, iżda lil klijenti minn pajjiżi terzi, mill-elementi ddettaljati miġbura mill-FSA matul l-ispezzjoni tagħha fuq il-post jirriżulta li 66 % tad-dħul tal-imsemmija rikorrenti kien joriġina mill-attivitajiet ta' din il-fergħa u li 3 % tal-kontijiet miftuħa f'din il-fergħa kienu miżmuma minn residenti Latvjani. Għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti lanqas biss ippruvaw jikkontestaw iċ-ċifri pprovduti mill-FSA lill-BĊE.

261 Finalment, għandhom jiġu miċħuda l-argumenti li permezz tagħhom ir-rikorrenti jikkritikaw lill-BĊE talli ma analizzax il-gravità tal-aġir tat-tieni rikorrenti.

262 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi enfasizzat li l-komunikazzjoni ta' informazzjoni falza lil awtorità nazzjonali ta' superviżjoni tippreżenta gravità intrinsika sa fejn din tista' tqajjem dubju dwar l-affidabbiltà tal-informazzjoni kkomunikata mill-istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għal superviżjoni, neċessarja sabiex jiġu żgurati l-effettività u l-effikaċja tal-kompitu tagħhom kif ukoll is-sistema ta' fiduċja reċiproka bejn id-diversi ANK, li l-ħolqien tal-proċedura ta' notifika, imsejħa ta' "passaport", huwa intiż li jiżgura fi ħdan il-MSU.

263 L-importanza li d-diversi ANK jkollhom l-informazzjoni neċessarja u li jkunu jistgħu jafdaw f'informazzjoni korretta sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom ta' superviżjoni prudenzjali u, għaldaqstant, il-gravità tal-aġir ta' istituzzjoni ta' kreditu li tikser l-obbligi tagħha ta' informazzjoni hija kkonfermata wkoll mill-formulazzjoni tal-Artikolu 67(1)(a), (e) sa (i) u (m) tad-Direttiva 2013/36, li jipprevedi bħala każ ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni (skont ir-riferiment magħmul mill-Artikolu 18(f) tal-istess direttiva għal din id-dispożizzjoni) l-ommissjoni ta' informazzjoni fil-każijiet taħt il-punti (e) sa (i) u (m) ta' dan l-aħħar artikolu u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni mhux korretta għall-finijiet tal-kisba ta' awtorizzazzjoni fil-każ tal-punt (a) tal-istess artikolu.

264 Min-naħa l-oħra, ċertament, il-BĊE kellu jieħu inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' "riżoluzzjoni ġudizzjarja amministrattiva" bejn l-istituzzjoni ta' kreditu u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, li permezz tagħha l-imsemmija istituzzjoni kienet ħadet l-impenn li ttemm il-ksur inkwistjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tiegħu tal-proporzjonalità tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, peress li ma huwiex suffiċjenti għal dan l-għan li jiġi sostnut li l-imsemmi ksur jikkostitwixxi raġunijiet għal tali rtirar skont id-dritt nazzjonali Estonjan (punti 2 u 15 tal-Artikolu 17(1) tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu).

265 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest tar-"riżoluzzjoni ġudizzjarja amministrattiva" inkwistjoni, it-tieni rikorrenti kienet ħadet l-impenn li tosserva bis-sħiħ id-deċiżjoni tal-ANK Latvjana li kienet tipprojbixxilha li tipprovdi servizzi finanzjarji fil-Latvja u li tirrekluta klijenti ġodda fil-Latvja, u li kienet tobbligaha ttemm ir-relazzjonijiet kuntrattwali tagħha mal-klijenti eżistenti fil-Latvja u r-relazzjonijiet kummerċjali tagħha mal-klijenti rreklutati fil-kuntest tal-prinċipju ta' libertà tal-provvista ta' servizzi fil-Latvja.

266 Barra minn hekk, minn naħa, ir-"riżoluzzjoni ġudizzjarja amministrattiva" inkwistjoni ma tistax tillegalizza l-aġir illegali tat-tieni rikorrenti għall-passat, iżda tista' biss tevita miżuri eventwali oħra, inklużi sanzjonijiet, għall-futur.

267 Min-naħa l-oħra, mill-istqarrija għall-istampa tal-ANK Latvjana jirriżulta li, sabiex tkompli tipprovdi s-servizzi tagħha fil-Latvja, it-tieni rikorrenti kellha qabel kollox tikseb l-awtorizzazzjoni konformement mal-proċeduri previsti fil-leġiżlazzjoni. Dan juri li s-sitwazzjoni ma kinitx kompletament riżolta, sa fejn l-imsemmija rikorrenti kienet għadha ma nedietx proċedura intiża għall-kisba ta' awtorizzazzjoni.

268 Minn dak li ntqal jirriżulta li r-raba' motiv ma jistax jiġi milqugħ. Għaldaqstant, dan il-grupp ta' motivi għandu jiġi miċħud.

*4. Fuq is-sitt, it-tnax u t-tmintax-il motiv, ibbażati fuq żball ta' evalwazzjoni sa fejn il-BĊE bbaża b'mod żbaljat fuq il-ksur tar-rakkomandazzjoni tal-FSA u fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali*

269 Permezz tat-tmintax-il motiv tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, sa fejn, fir-rakkomandazzjoni, il-FSA ma ddefinixxietx preċiżament l-aspettattivi tagħha dwar ir-rekwiżiti regolatorji li kellha tosserva fil-qasam tal-ĠĦF/FT. L-imsemmija rakkomandazzjoni pprevediet fil-parti operattiva tagħha multa ta' EUR 32 000 fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti, fatt li seta' joħloq aspettattiva leġittima fir-rigward tat-tieni rikorrenti li, qabel ma jkun hemm irtirar tal-awtorizzazzjoni, l-imsemmija ANK tieħu miżuri prudenzjali inqas intrużivi. Fil-kuntest tas-sitt motiv, ir-rikorrenti josservaw li din l-ANK fl-abbozz ta'

deċiżjoni tagħha ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni u l-BĊE fid-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 ma ddefinixxewx ir-rekwiżiti regolatorji u l-kriterji standardizzati li l-imsemmija rikorrenti ma kinitx osservat u li fil-konfront tagħhom kienet twettqet l-evalwazzjoni ta' nuqqas ta' konformità.

270 Fil-kuntest tat-tnax-il motiv, ir-rikorrenti jallegaw li l-ksur ta' rakkomandazzjoni ta' ANK ma jikkostitwixxix raġuni valida għal irtirar tal-awtorizzazzjoni, u dan b'mod speċjali meta, bħal fil-każ ineżami, ir-rakkomandazzjoni hija fformulata b'mod ambigwu, mingħajr ma ġew ippreċiżati liema miżuri korrettivi konkreti għandhom jiġu adottati. It-test tar-rakkomandazzjoni tal-FSA flimkien mar-risposta tal-BĊE jirreferu għall-kontenut ta' rapport tal-ispezzjoni fuq il-post imwettqa bejn it-13 ta' April u t-12 ta' Ġunju 2015, li madankollu ma huwiex inkluż fil-proċess. L-oneru tal-prova tan-natura konkreta tal-kontenut tal-istruzzjoni jaqa' fuq il-BĊE. Id-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 tagħti wieħed x'jifhem b'mod ambigwu li l-imsemmija rakkomandazzjoni ma kinitx ġiet kompletament osservata jew li din ma kinitx ġiet osservata fit-terminu stabbilit. Tali raġuni ma tiġġustifikax l-iktar miżura ta' superviżjoni intrużiva, jiġifieri rtirar tal-awtorizzazzjoni. Finalment, ir-rikorrenti jsostnu li t-tieni rikorrenti talbet kjarifiki fir-rigward tal-kontenut konkret tar-rekwiżiti regolatorji fil-qasam tal-ĠĦF/FT, iżda li hija ma rċevithomx.

271 Il-BĊE jiċħad l-argumenti tar-rikorrenti.

272 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 74(1) u (2) tad-Direttiva 2013/36:

"1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu struttura organizzattiva ċara b'linji ta' responsabbiltà ddefiniti tajjeb, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riskji li huma jew li jistgħu jkunu esposti għalihom, mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inkluż proċeduri amministrattivi u kontabbilistiċi tajba, u politiki u prattiki ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' ġestjoni tar-riskji soda u effettivi u jippromwovuha.

2. L-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu komprensivi u proporzjonati għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fil-mudell tan-negozju u l-attivitajiet tal-istituzzjoni. Għandu jittieħed kont tal-kriterji tekniċi stabbiliti fl-Artikoli 76 sa 95."

273 Skont il-ġurisprudenza, il-prinċipju ta' ċertezza legali jimponi li jsir riferiment għall-istat tad-dritt fis-seħħ matul l-applikazzjoni tat-test kontenzjuż (sentenza tal-14 ta' Lulju 1971, Henck, 12/71, EU:C:1971:86, punt 5) u jeżiġi li kull att tal-istituzzjonijiet li jipproduċi effetti legali jkun ċar u preċiż u li l-persuna kkonċernata għandha tkun mgħarrfa bih b'tali mod li tista' tkun taf b'ċertezza minn meta din il-miżura tibda teżisti u minn meta jibdew l-effetti legali tagħha (ara s-sentenza tat-22 ta' Jannar 1997, Opel Austria vs Il-Kunsill, T-115/94, EU:T:1997:3, punt 124 u l-ġurisprudenza ċċitata).

274 F'dan il-każ, fil-punt 3.3.1(c) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, il-BĊE rrileva, fuq il-bażi tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-FSA, li t-tieni rikorrenti ma kinitx osservat ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni, adottata fit-8 ta' Awwissu 2016, li permezz tagħha din tal-aħħar kienet obbligata, l-ewwel, tapplika r-regoli proċedurali, it-tieni, tapplika b'mod korrett l-Artikolu 13(1)(3) sa (5) tal-Liġi Estonjana fil-Qasam tal-ĠĦF/FT, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-mument tal-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni, u tevita li tibda relazzjonijiet kummerċjali, jekk ikun il-każ, it-tielet, tivverifika li l-imsemmija dispożizzjonijiet kienu ġew applikati b'mod korrett għar-relazzjonijiet kummerċjali eżistenti u, jekk neċessarju, tapplika mill-ġdid il-proċeduri ta'

viġilanza fil-konfront tal-klijenti, ir-raba', tevita li twettaq tranżazzjonijiet, jekk ikun il-każ, skont l-Artikolu 27(2) tal-imsemmija liġi, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-mument tal-adozzjoni tal-imsemmija rakkomandazzjoni, il-ħames, tirreferi lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja meta attività jew ċirkustanzi oħra setgħu jkunu indizju tat-twettiq jew ta' tentattiv ta' ħasil ta' flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu, jew meta l-imsemmija rikorrenti kellha raġunijiet għalfejn taħseb jew tkun taf li inkwistjoni kien hemm ħasil ta' flus jew finanzjament tat-terroriżmu u, is-sitt, tipprovdi lill-FSA, qabel id-9 ta' Diċembru 2016, rapport dwar il-mod kif din ir-rikorrenti kienet ikkonformat ruħha ma' din ir-rakkomandazzjoni. Il-BĊE kkonkluda li, peress li ma kinitx ikkonformat ruħha bis-sħiħ mar-rakkomandazzjoni inkwistjoni fit-terminu previst, it-tieni rikorrenti kienet kisret għalhekk il-punt 14 tal-Artikolu 17(1) tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u li dan il-ksur tad-dritt nazzjonali kien jikkostitwixxi raġuni oħra għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni, skont l-Artikolu 18(f) tad-Direttiva 2013/36.

275 Ir-rikorrenti jikkunsidraw, essenzjalment, li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni ma setgħetx tiġi osservata, peress li kienet limitata sabiex tfakkar id-dispożizzjonijiet li t-tieni rikorrenti kellha tikkonforma ruħha magħhom u li l-għan li terġa' tiġi stabbilita l-legalità ma huwiex għan leġittimu sabiex l-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu tiġi rtirata.

276 Fl-ewwel lok, għall-kuntarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, l-għan ta' miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni huwa li jintemm il-ksur repetut tar-rekwiżiti regolatorji li l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha huma obbligati josservaw. F'dan il-kuntest, l-adozzjoni mill-ANK ta' rakkomandazzjoni sempliċement tikkonferma li d-destinatarju tagħha kellu diversi okkażjonijiet biex jikkonforma ruħu u li l-iktar miżura intrużiva, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, ġiet adottata biss fl-aħħar istanza.

277 Fit-tieni lok, ma huwiex plawżibbli li, wara diversi twissijiet mill-ANK u diversi skambji ma' din tal-aħħar dwar dan is-suġġett, inkluża l-possibbiltà li jiġu ppreżentati osservazzjonijiet dwar ir-rapporti ta' spezzjonijiet li ġew ikkomunikati lilha u li jintalab tagħrif formalment jew informalment matul il-proċedura, istituzzjoni ta' kreditu ma tifhimx kif timplimenta dispożizzjonijiet legali, bħal dawk fis-seħħ fil-qasam tal-ĠĦF/FT. Barra minn hekk, hemm lok li tiġi miċħuda l-allegazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li l-FSA u l-BĊE rrifjutawlhom it-tagħrif li huma kienu talbu, peress li din bl-ebda mod ma hija ssostanzjata.

278 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi ppreċiżat li l-FSA wettqet erba' spezzjonijiet fuq il-post. Ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni kienet ġiet adottata fit-8 ta' Awwissu 2016, wara l-ewwel spezzjoni fuq il-post li saret fl-2015. Waqt it-tieni spezzjoni fuq il-post matul il-ħarifa 2016, il-FSA kkonstatat li n-nuqqasijiet ikkonstatati kienu għadhom jippersistu u li t-tieni rikorrenti kienet għadha ma kkonformatx ruħha mal-imsemmija rakkomandazzjoni. Wara din it-tieni spezzjoni fuq il-post, din ir-rikorrenti kellha l-opportunità li tissottometti osservazzjonijiet u nżammu diversi laqgħat mal-FSA matul il-ħarifa 2016. Il-FSA wettqet it-tielet spezzjoni fuq il-post f'Settembru 2017, li r-rapport tagħha kien ġie kkomunikat fl-4 ta' Ottubru 2017 lill-imsemmija rikorrenti, li setgħet tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha. Minbarra l-possibbiltà dejjem miftuħa għall-istess rikorrenti biex titlob spjegazzjonijiet lill-FSA jekk l-indikazzjonijiet ipprovduti diversi drabi dwar l-unitajiet strutturali li kellhom jinħalqu, l-unitajiet tal-persunal neċessarji, ir-regoli proċedurali meħtieġa, ir-regoli ta' separazzjoni li kellha tinżamm bejn l-unitajiet speċifiċi u l-fluss ta' informazzjoni li kellu jiġi implimentat ma kinux suffiċjenti għaliha, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti inkwistjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha erbatax-il xahar bejn din ir-rakkomandazzjoni u l-komunikazzjoni tal-imsemmi rapport u sitt xhur oħra sal-irtirar tal-awtorizzazzjoni biex tifhem ir-rekwiżiti regolatorji u tikkonforma ruħha magħhom.

279 Fit-tielet lok, għalkemm il-BĊE josserva li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni għandha tinqara flimkien mar-rapport tat-tieni spezzjoni fuq il-post, ikkomunikat lit-tieni rikorrenti, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni tas-17 ta’ Lulju 2018 hija ċara u preċiża biżżejjed dwar ir-rekwiżiti regolatorji li l-imsemmija rikorrenti kellha tikkonforma ruħha magħhom.

280 Fir-rigward tal-insuffiċjenza tal-arranġamenti ta’ governanza kkritikata, id-deċiżjoni tas-17 ta’ Lulju 2018 tippreċiża li, minkejja l-eżistenza, fi ħdan it-tieni rikorrenti, ta’ unitajiet organizzazzjonali u ta’ regoli proċedurali xierqa, dawn l-unitajiet ma kellhomx biżżejjed persunal u kellhom wisq funzjonijiet, u r-regoli proċedurali interni ma kinux applikati b’mod korrett. Dawn in-nuqqasijiet kienu ġew osservati fir-rigward ta’ tliet linji ta’ difiża relatati rispettivament mal-kontrolli tat-tranżazzjonijiet individwali mwettqa mill-amministraturi tal-klijenti, mal-funzjonijiet ta’ identifikazzjoni, ta’ ġestjoni u ta’ monitoraġġ tar-riskji, l-assenza ta’ separazzjoni effettiva bejn l-ewwel u t-tieni linja ta’ difiża (teħid ta’ riskji u ġestjoni tar-riskji) li jwasslu għal sitwazzjonijiet ta’ kunflitt ta’ interessi serji, u mal-funzjonijiet ta’ awditu intern. Filwaqt li, diġà matul is-snin 2013 u 2014, l-uffiċjali responsabbli mill-identifikazzjoni, mill-ġestjoni u mill-monitoraġġ tar-riskji kienu identifikaw u ssenjalaw lill-kunsill ta’ amministrazzjoni li d-dispożizzjonijiet interni ma kinux osservati, huwa ma rreaġixxiex b’mod adegwat, bi ksur tal-punt 31 tal-Artikolu 55(2) tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta’ Kreditu, li jittrasponi l-Artikolu 88 tad-Direttiva 2013/36. Barra minn hekk, il-kunsill ta’ amministrazzjoni ma pprovdiex il-persunal neċessarju lill-uffiċjali responsabbli mill-konformità, li jirrappreżentaw it-tieni linja ta’ difiża, bi ksur tal-Artikolu 31(2) tal-Liġi Estonjana fil-Qasam tal-ĠĦF/FT li tittrasponi d-Direttiva 2015/849, fil-verżjoni tagħha applikabbli fil-mument tal-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni.

281 Fir-rigward tan-nuqqasijiet ikkritikati fil-qasam tal-ĠĦF/FT, id-deċiżjoni tas-17 ta’ Lulju 2018 tippreċiża li kien ġie osservat numru sinjifikattiv ta’ tranżazzjonijiet mhux tas-soltu. L-iżborż medju tat-tieni rikorrenti fl-2015 kien erba’ darbiet ogħla u l-inkass medju seba’ darbiet ogħla mill-medja tas-sistema bankarja Estonjana. Dawn il-pagamenti kienu twettqu prinċipalment minn klijenti li jippreżentaw livell ta’ riskju għoli f’dan il-qasam u kienu jirrappreżentaw madwar 97 % tat-trasferimenti kollha mwettqa fl-Estonja fl-2015. Minkejja t-twissijiet repetuti tal-FSA dwar in-neċessità li l-imsemmija rikorrenti timplimenta strateġija kummerċjali ġdida li tissodisfa t-tħassib espress u minkejja t-tħabbir tat-tliet kunsilli ta’ amministrazzjoni differenti ta’ din ir-rikorrenti dwar ir-rieda li jibdlu l-mudell kummerċjali, ir-riżultati tat-tielet spezzjoni fuq il-post kienu wrew li l-istrateġija kummerċjali tal-istess rikorrenti ma kinitx inbidlet b’mod sinjifikattiv u li għalhekk din tal-aħħar kienet għadha topera f’parti tas-suq ikkaratterizzata minn riskji ogħla f’dan ir-rigward.

282 Kien ippreċiżat ukoll li l-assenza ta’ regoli effikaċi fil-qasam tal-ĠĦF/FT għall-ġestjoni tar-riskji marbuta mal-mudell kummerċjali tat-tieni rikorrenti kienet ġiet osservata, minn naħa, fir-rigward tal-miżuri ta’ viġilanza tal-klijenti fil-mument tal-istabbiliment ta’ relazzjoni kuntrattwali ġdida kif ukoll l-assenza ta’ kontroll kontinwu tar-relazzjonijiet kummerċjali eżistenti u, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kontroll ta’ tranżazzjonijiet imwettqa u tal-profil ta’ riskju tal-klijenti inkwistjoni. In-nuqqasijiet osservati kienu ġew ikkunsidrati bħala li kellhom natura strutturali u li ma kinux jikkonċernaw biss każijiet iżolati.

283 Barra minn hekk, minkejja ċerti modifiki fil-politiki ta’ kontroll tar-riskju fil-qasam tal-ĠĦF/FT u t-tnaqqis magħmul mit-tieni rikorrenti fil-klijenti b’riskju ogħli, dawn il-miżuri kienu ġew ikkunsidrati bħala ineffikaċi, sa fejn dawn ma kinux jiggarantixxu kontroll kontinwu tar-relazzjonijiet kummerċjali eżistenti, inkluż fir-rigward tal-oriġini tal-fondi użati

fit-tranżazzjonijiet imwettqa, u la kienu jidentifikaw u lanqas jivverifikaw it-tranżazzjonijiet kumplessi, relatati u ta' ammont għoli b'mod mhux tas-soltu jew it-tranżazzjonijiet mingħajr għan ekonomiku ċar.

284 Iktar minn hekk, l-attivitajiet tal-kunsill ta' amministrazzjoni u tal-bord superviżorju tat-tieni rikorrenti fil-qasam tal-ĠĦF/FT u tal-ġestjoni tar-riskji kienu ġew ikkunsidrati bħala irregolari, sa fejn il-kunsill ta' amministrazzjoni la kien stabbilixxa l-livell ta' tolleranza tar-riskji tal-imsemmija rikorrenti, la kien implimenta sistema separata ta' evalwazzjoni tar-riskji f'dan il-qasam, u lanqas ma kien ipprepara analiżi tar-riskji operattivi, li tinkludi analiżi fil-fond tar-riskji f'dan il-qasam, bi ksur tal-punti 2 u 3 tal-Artikolu 55(2) tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu.

285 Il-BĊE ħa tabilħaqq inkunsiderazzjoni l-bidla tal-kunsill ta' amministrazzjoni tat-tieni rikorrenti li seħħet fix-xahar ta' Novembru 2017 kif ukoll id-dikjarazzjonijiet ta' dan tal-aħħar li permezz tagħhom iddistanzja ruħu fir-rigward tal-politiki kummerċjali preċedenti, irrikonoxxa l-assenza persistenti ta' strateġija mhux ambigwa fir-rigward tal-klijenti tiegħu u ħabbar ir-rieda tiegħu li jfassal strateġija kummerċjali ġdida għas-snin 2018 sa 2021. Madankollu, il-BĊE osserva, minn naħa, li l-kunsill ta' amministrazzjoni l-ġdid ikkonferma l-intenzjoni tal-imsemmija rikorrenti li tkompli bl-istrateġija kummerċjali preċedenti tagħha, u dan kien iħalli dubju dwar il-possibbiltà konkreta għal din ir-rikorrenti li timplimenta tassew il-bidliet imħabbra.

286 Min-naħa l-oħra, il-BĊE fakkar li, għalkemm bidla fil-kunsill ta' amministrazzjoni setgħet tinfluwenza l-istrateġija ta' istituzzjoni ta' kreditu, l-approvazzjoni tad-deċiżjonijiet strateġiċi tagħha, skont l-Artikolu 52(4) tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, kienet pjuttost taqa' taħt il-kompetenza tal-bord superviżorju. F'dan il-każ, il-bidla fil-kompożizzjoni ta' dan tal-aħħar madankollu ma kinitx affettwat lil żewġ membri, żewġ azzjonisti maġġoritarji tat-tieni rikorrenti, li probabbilment kellhom influwenza fuq l-istrateġija u l-prinċipji ta' ġestjoni tar-riskji tal-imsemmija rikorrenti, b'tali mod li l-ebda bidla radikali u sostanzjali ma setgħet tiġi implimentata jew raġonevolment prevista għall-futur. F'dan ir-rigward, it-titjib tas-sistema, propost minn din ir-rikorrenti quddiem il-FSA kien ġie kkunsidrat bħala insuffiċjenti f'termini ta' konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli fil-qasam tal-ĠĦF/FT.

287 Għalhekk, jidher ċar li r-rekwiżiti regolatorji miksura huma deskritti b'mod iddettaljat ħafna fir-rigward ta' sitwazzjonijiet konkreti, li jirrigwardaw b'mod partikolari, l-ewwel, l-assenza ta' arranġamenti ta' governanza adattati għall-mudell kummerċjali tat-tieni rikorrenti, li kien jikkonċentra fuq il-provvista ta' servizzi finanzjarji lil klijenti professjonali mhux residenti b'valur nett għoli u li jippreżentaw profil ta' riskju għoli, kif kienu jeżiġu d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 74 tad-Direttiva 2013/36, it-tieni, l-insuffiċjenza tal-unitajiet organizzazzjonali inkarigati mill-implimentazzjoni tar-regoli proċedurali ta' difiża u ta' ġestjoni tar-riskji fil-qasam tal-ĠĦF/FT, li jikkonċernaw b'mod partikolari l-identifikazzjoni, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tar-riskji, l-identifikazzjoni tal-klijenti qabel il-bidu tar-relazzjonijiet kuntrattwali kif ukoll matul ir-relazzjonijiet kuntrattwali, il-kontrolli tat-tranżazzjonijiet individwali mwettqa mill-amministraturi tal-klijenti, l-assenza ta' separazzjoni bejn il-funzjonijiet ta' kontroll tat-teħid ta' riskji, minn naħa, u l-ġestjoni ta' riskji, min-naħa l-oħra, li jistgħu jwasslu għall-ħolqien ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interessi, it-tielet, in-nuqqasijiet dwar il-funzjonijiet ta' awditu intern, ir-raba', l-assenza ta' proċeduri interni jew in-nuqqas ta' osservanza tal-proċeduri interni eżistenti, il-ħames, l-eżistenza ta' numru sinjifikattiv ta' tranżazzjonijiet mhux tas-soltu marbuta ma' klijenti b'riskju għoli, li kienu jirrappreżentaw madwar 97 % tat-trasferimenti kollha mwettqa fl-Estonja (fl-2015), is-sitta, l-assenza ta' viġilanza tal-klijenti fil-mument tal-istabbiliment ta' relazzjoni kuntrattwali ġdida kif ukoll l-assenza ta' kontroll kontinwu tar-relazzjonijiet

kummerċjali eżistenti, inkluż fir-rigward tal-oriġini tal-fondi u l-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet kumplessi, ta' ammont għoli b'mod mhux tas-soltu jew mingħajr għan ekonomiku ċar u, is-seba', l-attivitajiet li jikkostitwixxu nuqqas mill-kunsill ta' amministrazzjoni u mill-bord superviżorju, fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskji fil-qasam tal-ĠĦF/FT, li la kienu ddeterminaw il-livell ta' riskju tollerabbli tat-tieni rikorrenti, la kienu implimentaw sistema separata ta' evalwazzjoni tar-riskju fil-qasam tal-ĠĦF/FT, u lanqas ma kienu ppreparaw analiżi tar-riskji operattivi.

288 Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni rikorrenti ma setgħet tinvoka validament l-ebda ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 273 iktar 'il fuq.

289 Fir-raba' lok, għandu jiġi kkonstatat li t-tieni rikorrenti fl-ebda mument ma kkontestat il-fatt li hija ma kinitx osservat ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni kollha fit-terminu stabbilit jew li, skont id-dritt nazzjonali Estonjan, in-nuqqas ta' osservanza ta' rakkomandazzjoni tal-FSA huwa raġuni li tiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni.

290 F'dan ir-rigward, mill-fajl jirriżulta li dawn in-nuqqasijiet kollha fil-qasam tal-ĠĦF/FT, imfakkra fil-punt 287 iktar 'il fuq, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-persistenza tagħhom għal diversi snin u l-portata tagħhom, kienu kkunsidrati bħala strutturali u ma kinux ġew ikkorreġuti kif xieraq mill-miżuri ta' titjib li kienet adottat it-tieni rikorrenti. B'mod partikolari, is-sempliċi "tnaqqis" tal-klijenti b'riskju għoli ma setax isolvi l-kwistjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq. Barra minn hekk, il-bidla għal darba oħra fil-kunsill ta' amministrazzjoni ma kinitx tat l-effetti mixtieqa, peress li l-istrateġija kummerċjali tat-tieni rikorrenti ma kinitx inbidlet b'mod sostanzjali u li ma kienx jidher probabbli li din tinbidel f'terminu raġonevoli, għar-raġunijiet esposti fil-punti 229 sa 232 iktar 'il fuq.

291 Bl-eċċezzjoni għar-riferimenti għat-titjib approvat dwar it-tnaqqis tal-klijenti b'riskju għoli u għall-bidla tal-kunsill ta' amministrazzjoni, it-tieni rikorrenti ma tikkontestax b'mod iċċirkustanzjat in-nuqqasijiet kollha msemmija fil-punt 287 iktar 'il fuq.

292 Minn dan jirriżulta li, peress li n-nuqqas ta' osservanza tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni jikkostitwixxi effettivament raġuni għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni skont id-dritt nazzjonali, u għalhekk skont l-Artikolu 18(f) tad-Direttiva 2013/36, u li t-tieni rikorrenti ma osservatx ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni kollha fit-terminu stabbilit, għandu jiġi konkluż li l-BĊE ma wettaq l-ebda żball ta' evalwazzjoni meta bbaża ruħu wkoll fuq din ir-raġuni sabiex jiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni.

293 Fil-ħames lok, sa fejn ir-rikorrenti jikkritikaw lill-BĊE talli ma ddefinixxiex ir-rekwiżiti regolatorji li fid-dawl tagħhom għandu jiġi evalwat in-nuqqas ta' osservanza tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni mit-tieni rikorrenti, hemm lok li jiġi rrilevat li dawn ir-rekwiżiti huma stabbiliti fid-dispożizzjonijiet legali li jinsabu fid-dritt nazzjonali Estonjan li jittrasponi d-direttivi fil-qasam tal-ĠĦF/FT. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu implimentati skont il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull istituzzjoni ta' kreditu. Il-mod ta' konformità għalhekk għandu jiġi adattat għal dawn tal-aħħar u jaqa' taħt l-isfera ta' kompetenza tal-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha. Meta l-awtorità ta' sorveljanza kompetenti, f'dan il-każ il-FSA, tikkunsidra li l-modalitajiet adottati mill-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata ma humiex xierqa, hija tikkomunika dan lil din tal-aħħar u tissuġġerilha miżuri korrettivi. F'dan il-każ, kif ġie enfasizzat fil-punt 278 iktar 'il fuq, l-imsemmija rikorrenti kellha l-okkażjoni li tifhem fil-kuntest tad-diversi skambji tagħha mal-FSA l-miżuri korrettivi adegwati li hija setgħet u kellha tieħu sabiex tikkonforma ruħha mal-imsemmija rekwiżiti.

294 Fis-sitt lok, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni ma kinitx tippermetti li jiġi mifhum li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tat-tieni rikorrenti kien possibbiltà fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti regolatorji fil-qasam tal-ĠĦF/FT u jqisu, essenzjalment, li l-imsemmija rikorrenti kienet tirriskja biss multi, għandu jiġi rrimarkat, bi qbil mal-BĊE, li l-punt 4.8 tal-imsemmija rakkomandazzjoni jiddikjara b'mod espliċitu li "s-sanzjoni li l-FSA setgħet tagħti għall-ksur ikkonstatat kienet l-irtirar tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 17(1) tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, u li, madankollu, skont il-paragrafu 2 ta' din l-istess dispożizzjoni, qabel ma tiddeċiedi dwar l-irtirar ta' awtorizzazzjoni, il-FSA setgħet toħroġ rakkomandazzjoni, indirizzata lill-istituzzjoni ta' kreditu u tiddefinixxi terminu għar-rimedju tan-nuqqasijiet li jwasslu għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni".

295 Minn dan għandu jiġi konkluż li t-tieni rikorrenti, wara r-rakkomandazzjoni inkwistjoni, kienet konxja tan-nuqqasijiet ikkonstatati, ta' dak li kellha tagħmel biex tirrimedja għalihom kif ukoll tar-riskju li, fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza, l-awtorizzazzjoni tagħha tkun f'perikolu.

296 Konsegwentement, dan il-grupp ta' motivi għandu jiġi miċħud.

*5. Fuq is-seba' sal-ħdax, it-tlettax sal-ħmistax u s-sbatax-il motiv, ibbażati fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

297 Fil-kuntest tas-sbatax-il motiv, ir-rikorrenti jinvokaw il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, billi jsostnu li d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 tapplika miżura tal-aħħar istanza, jiġifieri l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, li hija sproporzjonata meta mqabbla man-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti regolatorji. L-ewwel, huma jirrifjutaw li l-għan tal-"istabbiliment mill-ġdid tal-legalità" ta' tali miżura huwa għan leġittimu, peress li dan huwa wisq astratt. Din il-miżura għandha, għall-kuntrarju, tkun iġġustifikata minn għan speċifiku leġittimu ta' regolazzjoni. It-tieni, ir-rikorrenti ma jaqblux mal-analiżi tan-natura xierqa tal-miżura inkwistjoni, billi jsostnu, minn naħa, li, peress li l-FSA hija l-ANK fil-qasam tal-ĠĦF/FT, il-konformità mar-regoli f'dan il-qasam għandha tiġi implimentata prinċipalment permezz ta' miżuri meħuda skont il-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam u mhux minn miżuri ta' superviżjoni bankarja. Min-naħa l-oħra, il-miżura kkonċernata ma hijiex mezz xierqa biex jiġi kkastigat nuqqas imwettaq fil-passat, peress li l-miżuri ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu intiżi biss għal sitwazzjonijiet attwali jew ikunu maħsuba sabiex jipprevjenu sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità fil-futur. Peress li l-kwistjoni tal-attivitajiet tat-tieni rikorrenti fil-Latvja kienet ingħalqet permezz ta' riżoluzzjoni ġudizzjarja, tali miżura tkun evidentement sproporzjonata meta mqabbla ma' dan l-allegat ksur fil-passat. It-tielet, skont ir-rikorrenti, il-BĊE interpreta ħażin il-kriterju tan-neċessità tal-miżura inkwistjoni. Ir-raba', huma jikkunsidraw li l-eżami tan-natura raġonevoli tal-istess miżura, imwettaq mill-BĊE, huwa wkoll astratt u inutli, peress li dan jillimita ruħu li jqabbel b'mod astratt l-interess pubbliku għaż-żamma tal-legalità mal-interessi privati ta' bank, filwaqt li dan kellu jqabbel għan ta' regolazzjoni konkret, bħall-prevenzjoni ta' riskju speċifiku, mal-imsemmija interessi privati. Barra minn hekk, huma jqisu li l-BĊE kellu jissostanzja l-gravità tal-akkużi ta' nuqqas ta' konformità billi jqabbilhom ma' każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità fl-industrija bankarja. Fl-aħħar, huma jallegaw li l-BĊE ma ħax inkunsiderazzjoni miżuri alternattivi oħra inqas intrużivi, bħall-impożizzjoni ta' miżuri konkreti li jikkonċernaw kwistjonijiet speċifiċi f'termini preċiżi jew inkella sanzjonijiet jew multi jew anki miżuri kontra l-amministraturi tal-istituzzjoni ta' kreditu jew il-ħatra ta' persuna kompetenti sabiex jiggwida l-isforzi tal-imsemmija rikorrenti sabiex tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti regolatorji miksura.

298 Permezz tas-seba' sad-disa' motiv, ir-rikorrenti jikkontestaw, essenzjalment, l-evalwazzjoni tal-BĊE, sa fejn huwa la ħa inkunsiderazzjoni biżżejjed il-fatt li parti sinjifikattiva tal-attivitajiet tat-tieni rikorrenti ma kinitx tagħti lok għal riskju sinjifikattiv fil-qasam tal-ĠĦF/FT, u lanqas it-tnaqqis sinjifikattiv tal-klijenti fil-kategoriji li jippreżentaw riskju ogħla, billi kkonkluda b'mod żbaljat li, minkejja l-progress tagħha, ma setax ikun mistenni b'mod raġonevoli li l-imsemmija rikorrenti tirrimedja għall-problemi kkonstatati f'terminu raġonevoli.

299 B'mod partikolari, fil-kuntest tas-seba' motiv, ir-rikorrenti jippreċiżaw li peress li l-ksur kien ċirkonskritt għal parti tal-attivitajiet tagħhom, il-BĊE kellu jimponi l-waqfien biss tal-attivitajiet li jippreżentaw l-iktar riskji, minflok jirtira l-awtorizzazzjoni tagħha.

300 Fil-kuntest tat-tmien motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-BĊE ma tax biżżejjed importanza lit-tnaqqis sinjifikattiv tal-klijenti tat-tieni rikorrenti fil-kategoriji ta' riskju għoli u li, għalkemm huwa veru li kull nuqqas ta' konformità għandu jiġi kkorreġut, ikun manifestament mhux korrett li jiġi sostnut li kull nuqqas ta' konformità jiġġustifika rtirar tal-awtorizzazzjoni.

301 Fil-kuntest tad-disa' motiv, ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji dejjem kienet possibbli u għalhekk li l-BĊE ma setax jikkonkludi li kull rimedju minbarra l-irtirar tal-awtorizzazzjoni ma kienx ikun realistiku.

302 Fil-kuntest tal-għaxar u tal-ħdax-il motiv, ir-rikorrenti jikkritikaw it-teħid inkunsiderazzjoni, bħala miżuri alternattivi għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni, evalwati mill-BĊE fl-eżami tiegħu tal-proporzjonalità tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni fil-punt 3.3.2(b)(ii) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, rispettivament, tal-bidla ulterjuri tal-kunsill ta' amministrazzjoni tat-tieni rikorrenti, filwaqt li kien ikun biżżejjed li dak li kien għadu kemm inħatar fix-xahar ta' Novembru 2017 jitħalla jaħdem, u tas-sospensjoni tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti, peress li dawn kienu diġà rtiraw minn kull involviment dirett fil-ġestjoni tal-imsemmija rikorrenti.

303 Fil-kuntest tat-tlettax-il motiv, billi jikkontestaw l-evalwazzjoni tal-BĊE, fil-punt 3.3.2(b)(iv) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 fir-rigward tal-miżura alternattiva li tikkonsisti fl-adozzjoni ta' tieni rakkomandazzjoni tal-FSA li tipprojbixxi l-provvista ta' servizzi finanzjarji, ir-rikorrenti jsostnu li tali projbizzjoni ġenerali hija ekwivalenti *de facto* għal irtirar tal-awtorizzazzjoni u li l-FSA ma kellhiex il-kompetenza biex tadottaha. Għall-kuntrarju, huma jirrepetu li t-tieni rakkomandazzjoni tal-FSA, li tipprojbixxi parti mill-attivitajiet tagħha, jiġifieri l-provvista ta' servizzi finanzjarji lill-klijenti mhux residenti biss, kienet possibbli u kienet tkun inqas intrużiva mill-irtirar tal-awtorizzazzjoni. Huma jikkontestaw il-fatt li tali projbizzjoni kienet ittemm il-vijabbiltà finanzjarja tat-tieni rikorrenti.

304 Finalment, permezz tal-argumenti tagħhom imressqa fil-kuntest tal-erbatax u tal-ħmistax-il motiv, ibbażati fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE sabiex jirrifjuta l-awtolikwidazzjoni tat-tieni rikorrenti u l-bejgħ tagħha lil investitur ieħor, ir-rikorrenti jqajmu dubju dwar l-evalwazzjoni tal-BĊE dwar in-natura mhux xierqa ta' dawn il-miżuri, fil-kuntest tal-eżami tal-proporzjonalità tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni. Skont ir-rikorrenti, barra minn hekk, il-BĊE aġixxa b'mod arbitrarju filwaqt li ma ħalliex il-ħin neċessarju sabiex isir il-bejgħ. Huma jqisu wkoll li l-imsemmija awtolikwidazzjoni kienet ġiet eskluża għas-sempliċi raġuni li l-BĊE xtaq jikseb effett ta' pubbliċità pożittiva.

305 Il-BĊE jikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

306 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 5(4) TUE, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jeċċedu dak li huwa meħtieġ sabiex jitwettqu l-għanijiet tat-Trattati. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom japplikaw il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit fil-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, anness mat-TFUE.

307 B'applikazzjoni ta' ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeżiġi li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu adattati sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u ma jeċċedux il-limiti ta' dak li huwa neċessarju għall-ilħuq ta' dawn l-għanijiet, filwaqt li meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva, u l-inkonvenjenzi li jinħolqu ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet previsti (ara s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, T-122/15, EU:T:2017:337, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

308 Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-evalwazzjoni tal-proporzjonalità ta' miżura għandha tiġi kkonċiljata mal-osservanza tal-marġni ta' diskrezzjoni possibbilment irrikonoxxuta lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni permezz tal-adozzjoni tagħha (ara s-sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, C-450/17 P, EU:C:2019:372, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

309 F'dan il-każ, wara li stabbilixxa li kienu jeżistu diversi raġunijiet li jiġġustifikawha fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet applikabbli, fil-punt 3.3.2 tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, il-BĊE analizza l-proporzjonalità tal-miżura tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni.

310 Fl-ewwel lok, il-BĊE analizza n-natura adegwata tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni sabiex jintlaħaq l-għan li jintemm il-ksur serju u fit-tul imwettaq mit-tieni rikorrenti, filwaqt li kkonkluda li, meqjusa il-ksur marbut mal-assenza ta' arranġamenti ta' governanza robusti, il-ksur tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-ĠĦF/FT, in-nuqqas ta' osservanza ta' deċiżjoni vinkolanti ta' awtorità ta' sorveljanza nazzjonali, is-sottomissjoni ta' informazzjoni qarrieqa lil din l-awtorità u l-isfruttament illegali ta' fergħa fi Stat Membru ieħor, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni kien adattat sabiex jintlaħaq dan l-għan.

311 Fit-tieni lok, il-BĊE eżamina n-natura neċessarja tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, u b'mod partikolari jekk kinux jeżistu miżuri alternattivi oħra inqas intrużivi, adattati sabiex jintlaħaq bl-istess mod l-għan tal-istabbiliment mill-ġdid tal-legalità. Huwa ħa inkunsiderazzjoni l-għażliet li ġejjin: l-ewwel, ir-revoka tal-kunsill ta' amministrazzjoni tat-tieni rikorrenti, fejn ikkonkluda li din il-miżura ma kinitx tkun xierqa, peress li l-bidliet preċedenti fl-istrateġija kummerċjali, li seħħew taħt tliet kunsilli ta' amministrazzjoni differenti, ma kinux żguraw l-osservanza tal-leġiżlazzjoni applikabbli, it-tieni, il-waqfien jew is-sospensjoni tad-drittijiet tal-vot ta' ċerti azzjonisti tal-imsemmija rikorrenti, fejn ikkonkluda li din il-miżura ma kinitx tkun effikaċi, fid-dawl tal-kwalità ta' membru tal-bord superviżorju tal-azzjonisti maġġoritarji, li setgħu jkomplu jeżerċitaw influwenza determinanti fuq l-istrateġija ta' din ir-rikorrenti, anki mingħajr id-dritt tal-vot, it-tielet, il-ħruġ ta' rakkomandazzjoni ġdida mill-FSA, li huwa warrab peress li, minn naħa, l-istess rikorrenti ma kinitx osservat l-ewwel rakkomandazzjoni u għalhekk ma kienx hemm aspettattiva raġonevoli li hija kienet ser tosserva rakkomandazzjoni oħra u, min-naħa l-oħra, li rakkomandazzjoni intiża sabiex timponi l-waqfien tal-attivitajiet ta' riskju għoli ma kinitx tkun vijabbli għar-rikorrenti inkwistjoni, li l-istrateġija kummerċjali tagħha kienet tikkonċentra preċiżament fuq il-klijenti li kellhom livell ta' riskju għoli, ir-raba', l-awtolikwidazzjoni tar-rikorrenti inkwistjoni, fejn ikkonkluda madankollu li din il-miżura ma

setgħetx tilħaq l-għan li tiġi stabbilita mill-ġdid il-legalità u li jiġu protetti d-drittijiet tad-depożitanti u li, f'tali każ, id-deċiżjoni li joħorġu mis-suq kienet kienet titħalla lill-azzjonisti, u l-ħames, il-bejgħ ta' tali rikorrenti lil investitur ieħor, li ġie mwarrab minħabba li ma kien jidher li jeżisti l-ebda impenn konkret u li l-pjan kummerċjali ppreżentat mix-xerrej potenzjali ma kienx jagħti biżżejjed elementi sabiex jiġi evalwat jekk l-operazzjoni kinitx twassal għal bidla sinjifikattiva fil-mudell kummerċjali ta' tali rikorrenti.

312 Fit-tielet lok, il-BĊE analizza n-natura raġonevoli tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni u pproċeda għall-ibbilanċjar bejn l-interess pubbliku għall-istabbiliment mill-ġdid tal-legalità u l-interess privat tat-tieni rikorrenti sabiex tiġi evitata l-miżura ta' rtirar u tkompli bl-attivitajiet tagħha.

313 Issa, hemm lok li jitqies li l-eżami mwettaq mill-BĊE dwar il-proporzjonalità tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni kien ġie strutturat u mwettaq b'mod komplet. Dan ma huwiex ivvizzjat b'illegalità u ma sarux żbalji ta' evalwazzjoni. Fi kwalunkwe każ, dan ir-raġunament ma huwiex ikkonfutat mill-ilmenti fformulati mir-rikorrenti.

314 Ir-rikorrenti jikkontestaw inutilment l-istadji kollha tal-analiżi mwettqa mill-BĊE tal-proporzjonalità tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni.

315 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jikkontestaw il-fatt li l-għan ta' stabbiliment mill-ġdid tal-legalità kien għan leġittimu sabiex tiġi adottata miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni. Insostenn tal-argument tagħhom, huma madankollu sempliċement jirrepetu li sempliċi illegalità ma għandhiex twassal għall-iktar miżura intrużiva. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-ksur u n-nuqqasijiet elenkati fil-paġni 5, 6 u 10 sa 20 tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 u mfakkra fil-punt 279 iktar 'il fuq, barra minn hekk mhux ikkontestati b'mod iċċirkustanzjat mir-rikorrenti, kif jirriżulta mill-punt 289 iktar 'il fuq, ma jistgħux jitqiesu bħala "sempliċi illegalità" jew illegalità minuri, bit-teħid inkunsiderazzjoni wkoll tal-pluralità tagħhom, tal-gravità tagħhom, tat-tul ta' żmien tagħhom kif ukoll tad-diversi okkażjonijiet sabiex dawn jiġu rrimedjati li ma tteħdux mit-tieni rikorrenti.

316 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jikkontestaw l-eżami mwettaq mill-BĊE tan-natura xierqa tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni. F'dan ir-rigward, minn naħa, l-argument tagħhom li jgħid li l-imsemmija miżura ma hijiex proporzjonata sabiex jiġi rrimedjat il-ksur fil-qasam tal-ĠĦF/FT, għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet bħal dawk imsemmija fil-punti 185 sa 195 iktar 'il fuq. Min-naħa l-oħra, ċertament, din il-miżura ma għandhiex tintuża sabiex jiġi ssanzjonat ksur fil-passat, kif ġie indikat fil-punt 267 iktar 'il fuq. Għalhekk, li kieku l-BĊE kien ibbaża l-evalwazzjoni tiegħu tal-proporzjonalità tal-miżura inkwistjoni biss fuq il-ksur relatat mal-istabbiliment ta' "sussidjarja" fil-Latvja mingħajr ma ġiet osservata l-proċedura ta' "passaport", din tista' titqiegħed f'dubju. Madankollu, f'dan il-każ, tali żball ma jkunx jista' jivvizzja b'illegalità r-raġunament kollu tal-BĊE dwar il-proporzjonalità tal-miżura kkonċernata, peress li l-BĊE kkunsidra din tal-aħħar bħala proporzjonata fid-dawl tal-ksur kollu kkritikat lit-tieni rikorrenti.

317 Fil-fatt, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandu l-BĊE fil-kuntest tal-adozzjoni ta' miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, l-evalwazzjoni tan-natura xierqa tal-imsemmija miżura ma tistax f'dan il-każ tiġi kkunsidrata bħala manifestament żbaljata fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 308 iktar 'il fuq kif ukoll tal-pluralità, tal-gravità u tat-tul tal-ksur imwettaq mit-tieni rikorrenti kif ukoll tal-probabbiltà żgħira li din tal-aħħar tikkonforma ruħha kompletament mar-rekwiżiti regolatorji f'terminu ta' żmien aċċettabbli, li

jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-iktar miżura intrużiva u ma jippermettux li jiġi konkluż li eventwali żball fl-evalwazzjoni tal-proporzjonalità fir-rigward tal-ksur tal-proċedura ta' "passaport" jista' jinfluwenza b'mod determinanti r-riżultat tal-evalwazzjoni globali mwettqa mill-BĊE.

318 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jqajmu dubju dwar il-konklużjonijiet tal-BĊE dwar in-natura raġonevoli tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni. F'dan ir-rigward, minn naħa, l-allegazzjoni li tgħid li l-BĊE wettaq eżami wisq ambigwu bejn interess ġenerali astratt għal-legalità u l-interessi privati rispettivi tagħha ma hijiex issostanzjata bil-fatti, peress li huwa stabbilit, fil-punt 315 iktar 'il fuq, li l-BĊE analizza l-gravità tal-ksur, it-tul ta' żmien tiegħu, id-diversi okkażjonijiet sabiex jiġi rrimedjat li ma ġewx sfruttati mit-tieni rikorrenti kif ukoll it-telf tal-fiduċja tal-pubbliku fis-swieq finanzjarji Estonjani u Ewropej u billi kkonkluda li l-interess pubbliku marbut mal-istabbiliment mill-ġdid tal-legalità kien jinvolvi l-interess privat ta' din ir-rikorrenti sabiex ma tiġix suġġetta għall-imsemmija miżura. Min-naħa l-oħra, l-argument li jgħid li l-BĊE ma ssostanzjax il-gravità tal-akkużi ta' nuqqas ta' konformità permezz ta' eżami komparattiv mas-sitwazzjoni ta' istituzzjonijiet oħra ta' kreditu fir-rigward tal-konformità tagħhom mar-regoli fil-qasam tal-ĠĦF/FT għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punt 315 iktar 'il fuq kif ukoll għal dawk esposti fil-kuntest tal-analiżi tal-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (ara l-punt 353 iktar 'il quddiem).

319 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jikkontestaw l-analiżi tan-natura neċessarja tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni. Min-naħa, hija tikkontesta l-interpretazzjoni tal-kriterju tan-neċessità magħmula mill-BĊE.

320 F'dan ir-rigward, huwa veru li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 307 iktar 'il fuq, meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva. Madankollu, sabiex il-miżuri alternattivi jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati bħala xierqa, dawn xorta waħda għandhom ikunu effikaċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, C-89/09, EU:C:2010:772, punt 80, u tas-6 ta' Settembru 2017, Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill, C-643/15 u C-647/15, EU:C:2017:631, punt 236).

321 Issa, peress li l-BĊE ħa inkunsiderazzjoni l-uniċi miżuri alternattivi li jistgħu jkunu wkoll effikaċi daqs il-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, għandu jitqies, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, li huwa interpreta b'mod korrett il-kriterju tan-neċessità.

322 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jikkontestaw l-analiżi tad-diversi miżuri alternattivi għall-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni u jallegaw li l-BĊE ma ħax inkunsiderazzjoni miżuri alternattivi oħra inqas intrużivi, bħall-impożizzjoni ta' miżuri konkreti li jikkonċernaw kwistjonijiet speċifiċi f'termini preċiżi jew inkella sanzjonijiet jew multi jew anki miżuri kontra l-amministraturi tal-istituzzjoni ta' kreditu jew il-ħatra ta' persuna kompetenti sabiex jiggwida l-isforzi tat-tieni rikorrenti sabiex tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti regolatorji miksura.

323 L-ewwel, fir-rigward tal-impożizzjoni ta' miżuri konkreti f'termini stretti, dan l-argument jikkoinċidi, essenzjalment, ma' dak dwar l-impożizzjoni tat-tieni rakkomandazzjoni, li ser jiġi ttrattat fil-punti 331 sa 333 iktar 'il quddiem. It-tieni, fir-rigward tas-sanzjonijiet jew il-multi, għandu jiġi kkonstatat, bi qbil mal-BĊE, li s-sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi ma jagħmlux parti mill-miżuri prudenzjali li l-BĊE seta' janalizza bħala alternattivi għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni. It-tielet, fir-rigward tal-miżuri l-oħra ssuġġeriti mir-rikorrenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-amministraturi tal-istituzzjoni ta' kreditu, hemm lok li jiġi kkunsidrat li

dawn il-miżuri kienu jippreżentaw l-istess inkonvenjenzi bħall-miżuri l-oħra esklużi mill-BĊE, jiġifieri li dawn ma kinux jippermettu li jintlaħaq l-għan tal-istabbiliment mill-ġdid tal-fiduċja fis-swieq finanzjarji Estonjani u Ewropej fl-iqsar terminu possibbli, bit-teħid inkunsiderazzjoni tat-tul ta' żmien tal-ksur imwettaq preċedentement, kif ġie rrilevat fil-punt 3.3.2(b) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018.

324 F'dan ir-rigward, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-gravità, in-natura strutturali u irrimedjabbli u l-persistenza tal-ksur matul perijodu twil kif ukoll it-telf tal-fiduċja fil-kapaċità u fir-rieda reali tat-tieni rikorrenti li tirrimedja għan-nuqqasijiet ikkritikati, kif immanifestati mill-passività ta' din tal-aħħar fil-konformità tagħha mar-rekwiżiti regolatorji u mit-twettiq ta' ksur ulterjuri wara d-diversi interventi tal-FSA bejn l-2015 u l-2018. L-aġir tal-imsemmija rikorrenti kien ittieħed inkunsiderazzjoni wkoll fl-evalwazzjoni tal-prospettivi raġonevoli ta' kull waħda mill-miżuri alternattivi li ttemm il-ksur imwettaq. In-nuqqas ta' osservanza ta' rakkomandazzjoni tal-FSA, l-assenza ta' bidla fl-istrateġija kummerċjali, minkejja d-diversi bidliet fil-kunsill ta' amministrazzjoni, l-influwenza (anki indiretta) eżerċitata mill-azzjonisti maġġoritarji li kellhom siġġu fil-bord superviżorju ta' din ir-rikorrenti, li ma setgħetx titwaqqaf, anki fil-każ ta' sospensjoni jew ta' terminazzjoni tad-drittijiet tal-vot tagħhom, il-konċentrazzjoni prinċipali u persistenti tal-attivitajiet tal-istess rikorrenti fuq klijenti mhux residenti u li jippreżentaw livell ta' riskju għoli, flimkien mal-assenza ta' arranġamenti ta' governanza u ta' regoli proċedurali ta' ġestjoni tar-riskji adegwati għal dan il-mudell kummerċjali kienu kollha jikkostitwixxu elementi li jistgħu jqajmu dubju dwar l-effikaċja tal-miżuri alternattivi analizzati. Dan kien jgħodd b'mod partikolari, għall-inqas, għall-miżuri kollha li ma setgħux iwasslu għall-waqfien totali tal-attivitajiet tar-rikorrenti inkwistjoni (jiġifieri r-revoka tal-kunsill ta' amministrazzjoni, is-sospensjoni jew it-terminazzjoni tad-drittijiet tal-vot ta' ċerti azzjonisti u l-ħruġ ta' rakkomandazzjoni ġdida mill-FSA).

325 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni ma kinitx tmur lil hinn minn dak li kien adegwat u neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet intiżi sabiex jintemm il-ksur imwettaq mit-tieni rikorrenti.

326 Ċertament, l-awtolikwidazzjoni tat-tieni rikorrenti jew il-bejgħ ta' din tal-aħħar lil investitur ieħor kienu miżuri li setgħu jiggarantixxu wkoll tali effett. Dawn l-għażliet, li ma kinux ipprojbiti, setgħu inċidentalment jitwettqu mir-rikorrenti qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018.

327 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat, l-ewwel, li l-fattur taż-"żmien" kien ittieħed inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-proporzjonalità u tal-kapaċità ta' dawn il-miżuri sabiex jiġi solvut il-ksur ikkonstatat, mill-BĊE, li kkunsidra b'mod ċar li dawn il-proposti tar-rikorrenti kienu tardivi, ifformulati biss fil-kuntest tal-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-FSA ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, li kien ġie nnotifikat lilhom mill-BĊE, u li l-implimentazzjoni tagħhom ma kinitx imminenti. Barra minn hekk, ir-realtà ta' dan il-ksur ma kinitx tqiegħdet f'dubju mid-diversi motivi fformulati mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

328 It-tieni, l-adozzjoni mill-BĊE tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni segwiet ukoll f'dan il-każ għan ta' dissważjoni, ta' "prevenzjoni ġenerali" tar-repetizzjoni fis-suq tas-servizzi finanzjarji ta' aġir bħall-ksur tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ĠĦF/FT. Fil-fatt, jirriżulta mill-punt 3.3.2(b)(i), intitolat "self-liquidation", tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, li fih il-BĊE kkunsidra li l-awtolikwidazzjoni tat-tieni rikorrenti tgħatti r-raġunijiet sostanzjali għalfejn l-awtorizzazzjoni tagħha tiġi rtirata u li tali awtolikwidazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 16(3) tal-Liġi Estonjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, iktar milli fuq l-Artikolu 17 ta' din tal-aħħar, u dan

jaħbi l-fatt li l-imsemmija rikorrenti kienet wettqet ksur serju, li jiġġustifika li l-waqfien tal-attivitajiet tagħha jiġi forzat u ma jkunx volontarju. Skont il-BĊE, dan jikkostitwixxi għan leġittimu fl-applikazzjoni tal-liġi li l-bażi legali tal-azzjoni tiegħu għandha tiġi kkomunikata wkoll, kif jipprevedi l-Artikolu 20(5) tad-Direttiva 2013/36.

329 Għalhekk, f'dan il-każ, l-għażliet tal-awtolikwidazzjoni u tal-bejgħ lil investitur ieħor ma kinux jikkostitwixxu miżuri alternattivi għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet legalment imfittxija mill-BĊE, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 320 iktar 'il fuq.

330 Fir-rigward tas-seba' u tat-tlettax-il motiv, dawn għandhom jiġu eżaminati flimkien, sa fejn huma marbuta mill-qrib. Fil-fatt, permezz tas-seba' motiv, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-BĊE talli ma ħax inkunsiderazzjoni l-fatt li t-tieni rikorrenti kienet teżerċita wkoll attivitajiet mhux riskjużi. Huma jqisu li l-BĊE seta' għalhekk jadotta l-inqas miżura intrużiva billi jwaqqaf biss il-parti tal-attivitajiet tagħha ta' riskju. Għalkemm huwa fformulat bħala li huwa intiż għall-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' element rilevanti tal-kawża, l-imsemmi motiv huwa intiż fir-realtà sabiex iqajjem dubju dwar il-proporzjonalità tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-eżistenza ta' miżuri oħra inqas intrużivi, fosthom il-waqfien tal-parti tal-attivitajiet illegali tagħha biss. Fil-kuntest tat-tlettax-il motiv, ir-rikorrenti jikkontestaw l-esklużjoni mill-BĊE ta' tali għażla, jiġifieri l-adozzjoni tat-tieni rakkomandazzjoni mill-FSA li timponi l-waqfien tal-attivitajiet tagħhom biss li huma intiżi għal klijenti mhux residenti li jippreżentaw livell ta' riskju għoli.

331 Kif jirrimarka ġustament il-BĊE, mill-punt 3.2.2(b)(iv) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 jirriżulta li l-possibbiltà li l-FSA tadotta rakkomandazzjoni oħra (li tikkostitwixxi miżura amministrattiva vinkolanti) li tipprojbixxi lit-tieni rikorrenti milli tipprovdi servizzi finanzjarji jew li tillimita din il-projbizzjoni għall-provvista ta' servizzi lill-klijenti mhux residenti b'riskju għoli, u li tikkorrispondi għall-waqfien tal-attivitajiet illegali, kienet ittieħdet inkunsiderazzjoni mill-BĊE.

332 Fil-fatt, il-BĊE kien ċaħad din il-miżura bħala li ma kinitx adegwata, minħabba li, minn naħa, it-tieni rikorrenti kienet diġà destinatarja ta' rakkomandazzjoni inkwistjoni u li hija ma kinitx ikkonformat ruħha magħha, u b'hekk ħalliet dubju dwar il-kapaċità jew ir-rieda reali tal-imsemmija rikorrenti li tikkonforma ruħha magħha u, min-naħa l-oħra, l-attivitajiet b'riskju għoli kienu jikkostitwixxu l-iktar parti sinjifikattiva tad-dħul ta' din ir-rikorrenti u, konsegwentement, il-waqfien tagħhom kien jikkawża telf operattiv sinjifikattiv fix-xahar, li jirriżulta f'riskju għall-vijabbiltà tagħha u għalhekk għad-depożitanti tagħha.

333 Għaldaqstant, l-ewwel, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkritikaw b'mod validu lill-BĊE talli ma ħax inkunsiderazzjoni biżżejjed il-fatt li t-tieni rikorrenti kellha attivitajiet mhux riskjużi u jsostnu li l-BĊE seta' għalhekk jadotta l-inqas miżura intrużiva tal-waqfien ta' parti biss mill-attivitajiet tagħha, peress li din il-miżura preċedentement ma kinitx ġiet ikkunsidrata bħala effikaċi. It-tieni, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti, permezz tal-affermazzjoni ġenerali tagħhom li ma kienet issostanzjata bl-ebda mod, intiża li tiċħad ir-riskju għall-vijabbiltà kkawżat minn din l-għażla u invokat mill-BĊE, ma jirnexxilhomx jikkonfutaw tali evalwazzjoni, li hija ta' natura effettivament raġonevoli.

334 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrenti intiżi sabiex jikkontestaw l-assenza ta' rieda tat-tieni rikorrenti li tikkonforma ruħha mar-rakkomandazzjoni inkwistjoni li jammontaw għas-sempliċi allegazzjoni li tgħid li l-imsemmija rakkomandazzjoni kellha natura ambigwa u li ma kienx possibbli li tikkonforma ruħha magħha, għandhom jiġu miċħuda għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punti 276 sa 288 iktar 'il fuq. Iktar minn hekk, hemm lok li jiġi rrimarkat li

r-rikorrenti la jikkontestaw ir-realtà tal-assenza ta' konformità ma' din ir-rakkomandazzjoni, kif ikkonstatata fid-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, u lanqas ma jressqu argumenti li jistgħu juru kif l-imsemmija rikorrenti setgħet tikkonforma ruħha b'mod konkret ma' tieni rakkomandazzjoni tal-FSA, li tipprojbixxi l-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħha ta' riskju għoli.

335 Għaldaqstant, is-seba' u t-tlettax-il motiv għandhom jiġu miċħuda.

336 Fil-kuntest tat-tmien motiv, ir-rikorrenti jikkritikaw, essenzjalment, lill-BĊE talli ma tax biżżejjed importanza lit-tnaqqis sinjifikattiv ta' klijenti tat-tieni rikorrenti fil-kategoriji ta' riskju għoli.

337 F'dan il-każ, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, fil-punt 3.3.1(b)(i) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, il-BĊE tassew ħa inkunsiderazzjoni t-tnaqqis ta' klijenti tat-tieni rikorrenti fil-kategoriji ta' riskju għoli u l-għeluq tal-kontijiet bankarji tagħhom, b'mod partikolari dwar il-kontijiet relatati ma' konoxxenzi u ma' assoċjati ta' azzjonisti tal-imsemmija rikorrenti, flimkien ma' miżuri oħra effettivament adottati minn din ir-rikorrenti bl-għan li tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti regolatorji miksura. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-BĊE enfasizza, fuq il-bażi tal-konstatazzjonijiet tal-FSA, li l-problema ma kinitx limitata għal dan il-grupp ta' klijenti, iżda kellha natura strutturali. Barra minn hekk, kien għadu jeżisti ksur ieħor ta' diversi rekwiżiti regolatorji dwar l-assenza ta' arranġamenti ta' governanza suffiċjenti u adattati għall-mudell kummerċjali, li hija kellha u li kien għadu ma nbidilx b'mod sostanzjali, anki fil-preżenza ta' tnaqqis ta' klijenti b'riskju għoli jew tal-bidla fil-kunsill ta' amministrazzjoni, fatt li ma huwiex ikkuntestat mir-rikorrenti.

338 Fil-fatt, ir-rikorrenti sempliċement jikkontestaw il-fatt li l-BĊE kellu jeżiġi l-konformità totali, filwaqt li jikkunsidraw li huwa kellu jikkuntenta ruħu b'konformità parzjali u bl-isforzi magħmula mit-tieni rikorrenti, u dan anki wara t-twissijiet kollha li l-FSA kienet diġà indirizzat lill-imsemmija rikorrenti u l-okkażjonijiet li din tal-aħħar kellha sabiex tikkonforma ruħha, qabel l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma jqajmux dubju dwar il-konklużjoni tal-BĊE li tgħid li kien għadu jeżisti ksur ieħor. Iktar minn hekk, it-teżi li tgħid li l-konformità totali mar-rekwiżiti regolatorji ma kinitx possibbli, tmur kontra l-kritika li tgħid li l-BĊE ma tax biżżejjed żmien lit-tieni rikorrenti sabiex tilħaq din il-konformità totali.

339 F'dawn iċ-ċirkustanzi, anki t-tmien motiv għandu jiġi miċħud.

340 Fir-rigward tad-disa' motiv, hemm lok li jiġi kkonstatat li dan huwa ddikjarat b'mod ġenerali u ma jippreżentax espożizzjoni ċara u preċiża biżżejjed, b'tali mod li ma jissodisfax ir-rekwiżiti formali minimi, meħtieġa mill-Artikolu 76 tar-Regoli tal-Proċedura. Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li dan il-motiv huwa ammissibbli, jekk jirrigwarda l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' kwalunkwe miżura oħra, mingħajr identifikazzjoni reali, huwa biżżejjed li jitfakkar, bi qbil mal-BĊE, li dan tal-aħħar ma huwiex obbligat janalizza kull miżura teoretikament possibbli, iżda biss dawk li huma rilevanti u li għandhom prospett raġonevoli li jilħqu l-istess għanijiet. Issa, mill-punt 311 iktar 'il fuq (kif ukoll mill-punt 3.3.2(b) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018) jirriżulta li l-BĊE wettaq, b'mod iddettaljat, tali eżami. Jekk l-intenzjoni tat-tieni rikorrenti hija, għall-kuntrarju, li tikkritika l-konklużjonijiet tal-BĊE li permezz tagħhom jirrifjuta l-miżuri alternattivi l-oħra meħuda inkunsiderazzjoni u analizzati, għandu jsir riferiment għall-kunsiderazzjonijiet żviluppati fil-kuntest tal-analiżi tal-motivi l-oħra, li permezz tagħhom it-tieni rikorrenti tifformula kritiki iktar preċiżi kontra l-evalwazzjoni ta' kull waħda minn dawn il-miżuri alternattivi.

341 Għalhekk, id-disa' motiv għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, bħala infondat.

342 Permezz tal-għaxar u tal-ħdax-il motiv, ir-rikorrenti jikkontestaw it-teħid inkunsiderazzjoni mill-BĊE ta' miżuri alternattivi għall-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni relatati mar-revoka tal-kunsill ta' amministrazzjoni tat-tieni rikorrenti u t-terminazzjoni tad-drittijiet tal-vot ta' ċerti azzjonisti tal-imsemmija rikorrenti.

343 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-miżuri alternattivi inkwistjoni kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni u sussegwentement ġew miċħuda mill-BĊE. Għalhekk, dawn ma jistgħux jippreġudikaw lit-tieni rikorrenti. Minn dan jirriżulta li l-għaxar u l-ħdax-il motiv għandhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi.

344 Finalment, fir-rigward tal-erbatax u tal-ħmistax-il motiv, sa fejn jirrigwardaw, iktar milli problema ta' nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE (ara l-punt 203 iktar 'il fuq), l-ikkonfutar tal-evalwazzjoni tal-proporzjonalità mill-BĊE fir-rigward tal-miżuri alternattivi għall-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni relatati mal-awtolikwidazzjoni tat-tieni rikorrenti u mal-bejgħ ta' din tal-aħħar lil investitur ieħor, dawn għandhom jiġu miċħuda għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punti 326 sa 329 iktar 'il fuq.

345 Bit-teħid inkunsiderazzjoni ta' dak kollu preċedenti, hemm lok li jiġi konkluż li l-analiżi tal-proporzjonalità tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni ma hijiex ivvizzjata bi żbalji ta' evalwazzjoni.

346 Għaldaqstant, hemm lok li dan il-grupp ta' motivi jiġi miċħud.

*6. Fuq is-sittax u t-tmintax-il motiv, ibbażati fuq il-ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali*

347 Fil-kuntest tas-sittax-il motiv, ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 tikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni sa fejn din ma tinkludi l-ebda analiżi komparattiva bejn is-sitwazzjoni tat-tieni rikorrenti u dik ta' banek oħra komparabbli, fl-Estonja jew barra minnha, fil-qasam tal-ĠĦF/FT. Huma jsostnu li l-imsemmija deċiżjoni ma fiha l-ebda informazzjoni rilevanti li ġejja mill-FSA f'dan ir-rigward u li din tal-aħħar għażlet lill-imsemmija rikorrenti sabiex tagħmel eżempju minnha, mhux minħabba l-gravità tan-nuqqasijiet tagħha, iżda pjuttost minħabba d-daqs żgħir tagħha, is-solidità finanzjarja tagħha li kellha tiffaċilità l-likwidazzjoni tagħha kif ukoll minħabba li hija kienet misjuda minn barranin li kellu jkollhom iktar diffikultajiet sabiex jopponulha.

348 Il-BĊE jikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

349 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, stabbilit permezz tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017, Milkova, C-406/15, EU:C:2017:198, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata, u l-Opinjoni 1/17 (Ftehim CET Unjoni-Kanada), tat-30 ta' April 2019, EU:C:2019:341, punt 176 u l-ġurisprudenza ċċitata).

350 Barra minn hekk, l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandha tiġi rrikonċiljata ma' dik tal-prinċipju ta' legalità, li jimplika li ħadd ma jista' jinvoka favurih illegalità li twettqet favur ħaddieħor (ara s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, T-122/15, EU:T:2017:337, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

351 Iktar minn hekk, ġie deċiż, b'mod partikolari fir-rigward ta' sanzjonijiet għall-ksur fil-qasam tal-kompetizzjoni, li l-prassi deċiżjonali preċedenti ta' istituzzjoni ma kinitx isservi bħala qafas legali għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni u li d-deċiżjonijiet li jikkonċernaw każijiet differenti kellhom biss natura indikattiva fir-rigward tal-eżistenza ta' diskriminazzjonijiet (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni, C-439/11 P, EU:C:2013:513, punt 134 u l-ġurisprudenza ċċitata).

352 F'dan il-każ, hemm lok li jiġi enfasizzat li r-rikorrenti jinvokaw ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament billi sempliċement jinvokaw l-assenza ta' analiżi komparattiva bejn il-ksur li ġie kkritikat lit-tieni rikorrenti u dak imwettaq minn istituzzjonijiet ta' kreditu oħra.

353 Issa, fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li analiżi komparattiva bejn il-persuna responsabbli minn illegalità u l-persuni l-oħra li wettqu illegalitajiet oħra simili ma hijiex neċessarja sabiex tiġi kkontestata kwalunkwe illegalità fil-konfront ta' persuna fiżika jew ġuridika. L-unika analiżi li huwa neċessarju li titwettaq hija dik li tikkonċerna l-evalwazzjoni tar-realtà tal-fatti li jikkostitwixxu ksur fil-konfront ta' dispożizzjoni legali li timponi ċertu aġir. Il-gravità ta' aġir ma għandhiex tiġi evalwata fil-konfront tal-gravità tal-aġir ta' persuni oħra, iżda biss fil-konfront tal-istandards legali meħtieġa mid-dispożizzjonijiet legali applikabbli, peress li din il-gravità hija rilevanti biss sabiex jiġi ddeterminat il-qies xieraq tas-sanzjoni. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 351 iktar 'il fuq jirriżulta li, anki kieku kien hemm deċiżjonijiet oħra li jikkonċernaw l-irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjonijiet oħra ta' kreditu għal ksur tar-rekwiżiti regolatorji fil-qasam tal-ĠĦF/FT, il-BĊE ma jkunx marbut minn tali deċiżjonijiet.

354 Fit-tieni lok, sa fejn ir-rikorrenti jirrepetu li l-BĊE ma setax juża r-regoli fil-qasam tal-ĠĦF/FT għal finijiet prudenzjali, peress li huwa ma għandux kompetenza f'dan il-qasam, dan l-argument għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet esposti fil-punti 185 sa 190 iktar 'il fuq u għandu jitfakkar li l-ksur tar-regoli fil-qasam tal-ĠĦF/FT jikkostitwixxi raġuni għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni prevista mill-Artikolu 18(f) tad-Direttiva 2013/36, moqri flimkien mal-Artikolu 67(1) tal-imsemmija direttiva.

355 Finalment, hemm lok li jiġu miċħuda wkoll is-sempliċi allegazzjonijiet tar-rikorrenti li ma huma ssostanzjati bl-ebda mod dwar l-allegati raġunijiet li għalihom il-BĊE kien għażel lit-tieni rikorrenti bħala l-ewwel istituzzjoni ta' kreditu li għandha tiġi ssanzjanata fl-Estonja għall-ksur ta' regoli fil-qasam tal-ĠĦF/FT.

356 Minn dan jirriżulta li lanqas dan il-motiv ma jista' jiġi milqugħ.

357 Fil-kuntest tat-tmintax-il motiv, ir-rikorrenti jallegaw li d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 tikser ukoll il-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali, sa fejn il-FSA evitat kull eżami konkret tat-tħassib allegat u qarrqet bit-tim ta' ġestjoni l-ġdid tat-tieni rikorrenti billi ma żvelatlux l-allegati evalwazzjonijiet intiżi sabiex jiġi ddeterminat jekk l-istituzzjoni ta' kreditu kinitx f'sitwazzjoni ta' nuqqas attwali jew prevedibbli. Barra minn hekk, l-imsemmija rikorrenti ma kinitx f'pożizzjoni li tistenna rtirar tal-awtorizzazzjoni wara r-rakkomandazzjoni tal-FSA.

358 Il-BĊE, sostnut mill-Kummissjoni, jikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

359 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt li wieħed jinvoka l-prinċipju ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi japplika għal kull parti f’kawża li fil-konfront tagħha istituzzjoni tal-Unjoni tkun ħolqot aspettattivi leġittimi. Id-dritt li dan il-prinċipju jiġi invokat madankollu jippreżupponi li jkunu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi. L-ewwel, l-amministrazzjoni tal-Unjoni għandha tkun tat lill-persuna kkonċernata garanziji preċiżi, bla kundizzjonijiet u konsistenti, li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli. It-tieni, dawn il-garanziji għandhom ikunu tali li jnisslu aspettattiva leġittima fil-persuna indirizzata. It-tielet, il-garanziji mogħtija għandhom ikunu konformi mar-regoli applikabbli (ara s-sentenza tas-7 ta’ Ottubru 2015, Accorinti *et* vs BĊE, T-79/13, EU:T:2015:756, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata).

360 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, għalkemm il-possibbiltà li tiġi invokata l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, bħala prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, hija miftuħa għal kull operatur ekonomiku li fih ikunu nħolqu aspettattivi fondati minn istituzzjoni, xorta waħda jibqa’ l-fatt li, meta operatur ekonomiku prudenti u avżat ikun jista’ jipprevedi l-adozzjoni ta’ miżura tal-Unjoni li tista’ taffettwa l-interessi tiegħu, huwa ma jistax jinvoka l-benefiċċju ta’ tali prinċipju meta din il-miżura tiġi adottata. Minbarra dan, l-operaturi ekonomiċi ma jistgħux jibbażaw l-aspettattivi leġittimi tagħhom fuq iż-żamma ta’ sitwazzjoni eżistenti li tista’ tiġi emendata fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u dan speċjalment f’qasam bħal dak tal-politika monetarja, li l-għan tiegħu jitlob aġġustament kostanti skont il-varjazzjonijiet tas-sitwazzjoni ekonomika (ara s-sentenza tas-7 ta’ Ottubru 2015, Accorinti *et* vs BĊE, T-79/13, EU:T:2015:756, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

361 Finalment, il-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jistax jiġi invokat minn persuna li tkun kisret id-dritt fis-seħħ (ara s-sentenza tat-23 ta’ Jannar 2019, Fallimento Traghetti del Mediterraneo, C-387/17, EU:C:2019:51, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

362 F’dan il-każ, b’mod preliminari, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti jallegaw ksur tal-prinċipju ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi fuq il-bażi tal-uniċi u l-istess argumenti bħal dawk imressqa insostenn tal-allegazzjoni tagħhom ta’ ksur tal-prinċipju ta’ ċertezza legali, mingħajr ma jinvokaw l-ebda garanzija preċiża u bla kundizzjonijiet li t-tieni rikorrenti setgħet irċeviet mill-FSA jew mill-BĊE fir-rigward taż-żamma tal-awtorizzazzjoni tagħha. Barra minn hekk, l-aġir ikkritikat huwa aġir tal-ANK u mhux tal-BĊE.

363 Iktar minn hekk, fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li mhux talli t-tieni rikorrenti ma rċevietl-ebda garanzija preċiża, fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 359 iktar ’il fuq, li ma kienx ser ikun hemm irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha, iżda talli hija kellha wkoll biżżejjed twissijiet tal-kuntrarju mill-FSA.

364 Fil-fatt, mill-punt 3.2(d) tad-deċiżjoni tas-17 ta’ Lulju 2018 jirriżulta li, l-ewwel, il-FSA kellha żewġ laqgħat mal-bord superviżorju u mal-kunsill ta’ amministrazzjoni tat-tieni rikorrenti, fit-2 ta’ Settembru u fit-30 ta’ Ottubru 2015, u laqgħa mal-proprjetarju u mal-kunsill ta’ amministrazzjoni, fit-30 ta’ Novembru 2015, li matulhom il-FSA wissiet li l-imsemmija rikorrenti kellha tibdel l-arranġamenti ta’ governanza tagħha u l-proċeduri tagħha ta’ viġilanza tal-klijenti u li jekk il-ksur fil-qasam tal-ĠĦF/FT jippersisti, kienet possibbli kwalunkwe miżura prudenzjali. It-tieni, wara l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni, fid-9 ta’ Awwissu 2016, il-FSA kellha laqgħa oħra ma’ membru tal-bord superviżorju ta’ din ir-rikorrenti li matulha hija ddiskutiet l-istabbiliment illegali ta’ fergħa fil-Latvja u ċċarat li hija kienet tqis li l-ksur ikkonstatat kien serju u li hija kienet sejra tieħu inkunsiderazzjoni l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-istess rikorrenti jekk

din tal-aħħar ma tirrimedjax għall-problemi kkonstatati. It-tielet, hija kellha wkoll żewġ laqgħat oħra fix-xahar ta' Novembru 2016 u fix-xahar ta' Jannar 2017 mal-kunsill ta' amministrazzjoni tar-rikorrenti inkwistjoni li matulhom hija enfasizzat il-ħtieġa li jinbidlu l-arranġamenti ta' governanza ta' din tal-aħħar u indikat mill-ġdid li jekk il-ksur ma jintemmx, tista' tittieħed kwalunkwe miżura prudenzjali. Ir-raba', fit-28 ta' Frar 2017, hija kkomunikat lir-rikorrenti kkonċernata li hija kienet tikkunsidra li l-imsemmija rakkomandazzjoni kienet ġiet parzjalment miksura u, fil-5 ta' April 2017, hija indirizzatilha talba għal informazzjoni dwar l-implikazzjoni possibbli tagħha fi pjan ta' ħasil ta' flus, imsejjaħ fil-midja bħala "Russian Laundromat" (stabbiliment Russu għall-ħasil). Il-ħames, hija ħarġet, fl-10 ta' April 2017, dikjarazzjoni li tgħid li r-rikorrenti kienet f'sitwazzjoni ta' nuqqas attwali jew prevedibbli. Fis-7 ta' Frar 2018, hija adottat id-Deċiżjoni FOLFT li tgħid li ma kienx hemm interess pubbliku biex jittieħdu miżuri ta' riżoluzzjoni. Is-sitt, fis-7 ta' Awwissu 2017, hija rrifjutat li tinnotifika lil 23 pajjiż l-intenzjoni tar-rikorrenti inkwistjoni li tkompli tipprovdi servizzi finanzjarji transkonfinali. Is-seba', fil-kuntest ta' spezzjoni finali fuq il-post bejn l-4 u t-22 ta' Settembru 2017, hija osservat ksur ġdid fil-qasam tal-ĠĦF/FT. Finalment, kien biss fit-8 ta' Frar 2018 li l-FSA pproponiet lill-BĊE l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tar-rikorrenti inkwistjoni.

365 Fit-tieni lok, anki kieku kellu jitqies li t-tieni rikorrenti kienet irċeviet tali garanziji, hija ma tkunx tista' tinvokahom, peress li, minn naħa, fiċ-ċirkustanzi deskritti fil-punt 362 iktar 'il fuq, hija setgħet tipprevedi l-adozzjoni ta' miżura tal-Unjoni ta' natura li taffettwa l-interessi tagħha, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 360 iktar 'il fuq, u, min-naħa l-oħra, hija kienet tinsab f'pożizzjoni ta' illegalità, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 361 iktar 'il fuq.

366 Minn dak li ntqal jirriżulta li dan il-grupp ta' motivi għandu jiġi miċħud.

*7. Fuq l-għoxrin sat-tnejn u għoxrin motiv, ibbażati fuq il-ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali*

**367** Permezz tal-għoxrin u tal-wieħed u għoxrin motiv, ibbażati fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smigħ, ir-rikorrenti jqisu, l-ewwel, li t-terminu ta' ħamest ijiem mogħti lit-tieni rikorrenti sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-abbozz ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni kien insuffiċjenti, it-tieni li d-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas attwali jew prevedibbli ma kinux ġew ikkomunikati lilhom matul il-proċedura u li dawn kienu rilevanti, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-BĊE. It-tielet, huma jallegaw li l-BĊE ma spjegax fiex kienet tikkonsisti l-urġenza. Finalment, huma jsostnu li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Qafas tal-MSU li jipprevedu terminu ta' tlett ijiem għall-preżentazzjoni ta' osservazzjonijiet dwar l-abbozz ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni jirrappreżentaw limitazzjoni sproporzjonata u arbitrarja tad-dritt tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għal rimedju effettiv u huma, għaldaqstant, illegali.

368 Fil-kuntest tat-tnejn u għoxrin motiv, ir-rikorrenti jinvokaw il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, sa fejn ir-raġunament fil-bażi tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 huwa superfiċjali u ambigwu u ma jesprimix b'mod ċar liema huma n-nuqqasijiet partikolarment serji li jiġġustifikaw l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tat-tieni rikorrenti, fil-konfront tar-regoli ta' konformità fil-livell tal-industrija bankarja.

369 Il-BĊE, sostnut mill-Kummissjoni, jikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

*a) Fuq il-ksur tad-dritt għal smigħ*

370 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Qafas tal-MSU, intitolat "Id-dritt li wieħed jinstema":

"1. Qabel ma l-BĊE jkun jista' jadotta deċiżjoni superviżorja tal-BĊE indirizzata lil parti li taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet ta' dik il-parti, il-parti għandha tingħata l-opportunità li tikkummenta bil-miktub lill-BĊE dwar il-fatti, l-oġġezzjonijiet u r-raġunijiet legali relevanti għad-deċiżjoni superviżorja tal-BĊE. [...]

[...]

3. Il-parti għandha, fil-prinċipju, tingħata l-opportunità li tagħti l-kummenti tagħha bil-miktub fi skadenza ta' ġimagħtejn wara li tirċievi dikjarazzjoni li tistabbilixxi l-fatti, l-oġġezzjonijiet u r-raġunijiet legali li fuqhom il-BĊE jkun beħsiebu jibbaża d-deċiżjoni superviżorja tal-BĊE.

Fuq applikazzjoni tal-parti, il-BĊE jista' jestendi t-terminu ta' żmien kif xieraq.

F'ċirkustanzi partikolari, il-BĊE jista' jqassar it-terminu ta' żmien għal tlett ijiem tax-xogħol. It-terminu taż-żmien għandu jitqassar ukoll għal tlett ijiem tax-xogħol fis-sitwazzjonijiet koperti mill-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament MSU [bażiku].

4. Minkejja l-paragrafu 3, u suġġett għall-paragrafu 5, il-BĊE jista' jadotta deċiżjoni superviżorja tal-BĊE indirizzata lil parti li taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet ta' dik il-parti mingħajr ma jagħti lill-parti l-opportunità li tikkummenta dwar il-fatti, l-oġġezzjonijiet u r-raġunijiet legali relevanti għad-deċiżjoni superviżorja tal-BĊE qabel ma tiġi adottata jekk deċiżjoni urġenti tidher li tkun meħtieġa sabiex tiġi evitata ħsara sinifikanti għas-sistema finanzjarja.

5. Jekk tiġi adottata deċiżjoni superviżorja urġenti tal-BĊE b'mod konformi mal-paragrafu 4, il-parti għandha tingħata l-opportunità li tikkummenta bil-miktub dwar il-fatti, l-oġġezzjonijiet u r-raġunijiet legali relevanti għad-deċiżjoni superviżorja tal-BĊE mingħajr dewmien żejjed wara li tiġi adottata. Il-parti għandha, fil-prinċipju, tingħata l-opportunità li tipprovdi l-kummenti tagħha bil-miktub fi żmien ġimagħtejn minn meta tirċievi d-deċiżjoni superviżorja tal-BĊE. Fuq applikazzjoni mingħand il-parti, il-BĊE jista' jestendi t-terminu ta' żmien; madankollu, it-terminu ta' żmien ma jistax jaqbeż is-sitt xhur. Il-BĊE għandu jagħmel rieżami tad-deċiżjoni superviżorja tal-BĊE fid-dawl tal-kummenti tal-parti u jista' jew jikkonfermaha, jirrevokaha, jemendaha jew inkella jirrevokaha u jissostitwiha b'deċiżjoni superviżorja ġdida tal-BĊE.

[...]"

371 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt għal smigħ, li jiggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tesponi, b'mod utli u effettiv, il-fehmiet tagħha matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li tista' taffettwa b'mod sfavorevoli l-interessi tagħha, jagħmel parti integrali mir-rispett tad-drittijiet tad-difiża. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-regola li tipprovdi li d-destinatarju ta' deċiżjoni li tikkawża preġudizzju għandu jingħata l-opportunità li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma din tittieħed hija intiża sabiex tippermetti lill-awtorità kompetenti tieħu inkunsiderazzjoni b'mod effettiv l-informazzjoni rilevanti kollha (ara s-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary, C-189/18, EU:C:2019:861, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

372 F'dan il-każ, mill-punt 3.1(a) tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 jirriżulta li din tal-aħħar kienet ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 14(5) tar-Regolament MSU bażiku, it-terminu għall-osservazzjonijiet kien ta' tlett ijiem u li l-BĊE ddeċieda li jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali tiegħu sabiex jestendi dan it-terminu għal ħamest ijiem tax-xogħol.

373 Issa, l-ewwel, hemm lok li jiġi rrilevat li l-BĊE applika b'mod korrett id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Qafas tal-MSU dwar id-dritt għal smigħ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu destinatarji ta' deċiżjoni tal-BĊE, jiġifieri l-Artikolu 31(3) tal-imsemmi regolament qafas.

374 It-tieni, għandu jiġi kkunsidrat, bi qbil mal-BĊE, li l-leġiżlatur tal-Unjoni wettaq evalwazzjoni dwar in-natura raġonevoli tat-terminu previst minn dawn id-dispożizzjonijiet billi bbilanċja l-interessi opposti, minn naħa, l-interessi privati tal-istituzzjonijiet ta' kreditu biex ikollhom l-iktar żmien possibbli sabiex jifformulaw l-osservazzjonijiet tagħhom u, min-naħa l-oħra, l-interess pubbliku sabiex l-istabbiliment mill-ġdid tal-legalità jseħħ malajr kemm jista' jkun. Għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux iqajmu dubju dwar in-natura raġonevoli tat-termini stabbiliti fir-Regolament Qafas tal-MSU, mingħajr ma jqajmu eċċezzjoni ta' illegalità formali fil-konfront tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati.

375 Sa fejn ir-rikorrenti jqajmu eċċezzjoni ta' illegalità fil-konfront tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Qafas tal-MSU, dwar in-natura sproporzjonata tat-terminu previst sabiex jiġu ppreżentati l-osservazzjonijiet dwar abbozz ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, din għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli peress li ġiet ippreżentata tard. Fil-fatt, ir-rikorrenti fformulawha biss fl-istadju tar-replika. Issa, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-kuntest tat-tilwima huwa ddeterminat fir-rikors promotur u li eċċezzjoni ta' illegalità tkun inammissibbli fl-istadju tar-replika. Barra minn hekk, l-eċċezzjoni ta' illegalità ma hija bbażata, f'dan il-każ, fuq l-ebda punt ta' liġi jew ta' fatt li ħareġ matul il-proċedura fis-sens tal-Artikolu 84(2) tar-Regoli tal-Proċedura (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2005, Common Market Fertilizers vs Il-Kummissjoni, T-134/03 u T-135/03, EU:T:2005:339, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

376 It-tielet, l-allegazzjoni tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' urġenza hija ineffettiva, sa fejn f'dan il-każ il-BĊE ma applikax id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Qafas tal-MSU li jirreferu għaliha, jiġifieri l-Artikolu 31(4) u (5) tal-imsemmi regolament qafas. Fir-realtà, il-BĊE applika b'mod korrett it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 31(3) ta' dan ir-regolament qafas, peress li huwa adotta d-deċiżjoni tiegħu fuq il-bażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament MSU bażiku, sitwazzjoni li fiha t-terminu mogħti lill-partijiet biex jinstemgħu jitnaqqas għal tlett ijiem tax-xogħol.

*b) Fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża*

377 Fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet tad-difiża, ir-rikorrenti jżidu biss li d-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas attwali jew prevedibbli ma kinux ġew ikkomunikati lilhom.

378 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-punti 147 sa 152 iktar 'il fuq, id-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas attwali jew prevedibbli huma biss atti preparatorji mhux obbligatorji li jippreċedu skemi ta' riżoluzzjoni possibbli, fejn l-adozzjoni ma timplikax neċessarjament l-adozzjoni ta' tali skema skont ir-Regolament tal-MUR u li ma teżistix ekwivalenza funzjonali bejn evalwazzjoni tan-nuqqas attwali jew prevedibbli u rtirar tal-awtorizzazzjoni, anki jekk il-fatti fil-bażi taż-żewġ atti jistgħu jikkoinċidu, peress li l-kundizzjonijiet tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni huma manifestament differenti mill-kundizzjonijiet sottostanti għall-evalwazzjoni tan-nuqqas attwali jew prevedibbli.

379 Għalhekk, f'dan il-każ, kif jirrileva ġustament il-BĊE, id-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas attwali jew prevedibbli kienu bbażati fuq raġunijiet differenti mir-raġunijiet tad-deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni. Għall-kuntrarju, sa fejn dawn kienu jikkoinċidu, dawn ir-raġunijiet ġew riprodotti fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-FSA ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, l-unika waħda rilevanti f'dan il-każ, li t-tieni rikorrenti kellha l-okkażjoni li tesprimi ruħha dwarha. Għaldaqstant, l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-imsemmija dikjarazzjonijiet jista' jiġi miċħud bħala ineffettiv.

380 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkritikaw lill-FSA talli ma daħlitx fi djalogu mat-tmexxija u mal-azzjonisti tal-entità ssorveljata bl-għan li tinkiseb konformità sħiħa. Fil-fatt, mill-punti 23, 39 u 278 iktar 'il fuq jirriżulta li t-tieni rikorrenti mingħajr dubju kellha diversi twissijiet u okkażjonijiet sabiex tiddjaloga mal-FSA u li din tal-aħħar ikkollaborat biżżejjed sabiex tispjega matul il-proċedura kollha kif in-nuqqasijiet osservati kienu għadhom jippersistu.

*c) Fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni*

381 Għandu jitfakkar, b'mod preliminari li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament MSU bażiku, id-deċiżjonijiet tal-BĊE għandhom ikunu mmotivati.

382 Konformement mal-Artikolu 33(1) u (2) tar-Regolament Qafas tal-MSU, deċiżjoni superviżorja tal-BĊE għandha tkun akkumpanjata b'espożizzjoni tal-motivi li jiġġustifikaw dik id-deċiżjoni. L-espożizzjoni tal-motivi għandha tinkludi l-punti ta' fatt u ta' liġi essenzjali li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni superviżorja tal-BĊE.

383 L-Artikolu 39(1) tar-Regolament Qafas tal-MSU jippreċiża li "[e]ntità taħt superviżjoni għandha titqies bħala entità sinifikanti taħt superviżjoni jekk il-BĊE jiddetermina dan f'deċiżjoni tal-BĊE indirizzata lill-entità relevanti [...], waqt li jispjega r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata dik id-deċiżjoni".

384 Għandu jiġi enfasizzat li d-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 381 sa 383 iktar 'il fuq sempliċement ifakkru, fl-artikoli tar-Regolament MSU bażiku u tar-Regolament Qafas tal-MSU, l-obbligu ta' motivazzjoni li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni huma suġġetti għalih skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE (sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, T-122/15, EU:T:2017:337, punt 121).

385 L-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 296 TFUE jikkostitwixxi formalità essenzjali li hija distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, li taqa' taħt il-legalità sostantiva tal-att ikkontestat (ara s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, T-122/15, EU:T:2017:337, punt 122 u l-ġurisprudenza ċċitata).

386 F'dan ir-rigward, minn naħa, il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni li tkun adottat l-att, b'mod li tippermetti li l-persuni kkonċernati jkunu jafu bil-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u li l-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-motivazzjoni ta' deċiżjonijiet individwali, l-għan tal-obbligu li tingħata motivazzjoni għalhekk huwa, minbarra li jippermetti stħarriġ ġudizzjarju, li jipprovdi lill-parti kkonċernata indikazzjoni suffiċjenti sabiex tkun taf jekk id-deċiżjoni tistax tkun ivvizzjata b'difett li jippermetti li tiġi kkontestata l-validità tagħha (ara s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, T-122/15, EU:T:2017:337, punt 123 u l-ġurisprudenza ċċitata).

387 Min-naħa l-oħra, ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att inkwistjoni, tan-natura tal-motivi invokati u tal-interess li d-destinatarji tal-att jew persuni oħra direttament jew individwalment ikkonċernati minnu jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-formulazzjoni tiegħu, iżda wkoll tal-kuntest tiegħu kif ukoll tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, T-122/15, EU:T:2017:337, punt 124 u l-ġurisprudenza ċċitata).

388 F'dan il-każ, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 hija strutturata b'mod ċar ħafna (parti proċedurali, parti li tfakkar il-fatti li wasslu għall-kawża, parti li tagħti sunt tan-nuqqasijiet irrilevati bbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-FSA ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni u parti li tanalizza l-proporzjonalità tal-miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni bbażata fuq l-analiżi rispettiva tal-BĊE) u tesponi b'mod eżawrjenti l-punti ta' fatt u ta' liġi li fuqhom huma bbażati l-partijiet. Barra minn hekk, hemm lok li jiġi enfasizzat li l-imsemmija deċiżjoni tidħol f'kuntest ta' djalogu pluriannwali bejn it-tieni rikorrenti u l-FSA, kif deskritt fil-punt 364 iktar 'il fuq, li jippermetti li jiġi konkluż li t-tieni rikorrenti kienet taf mingħajr l-ebda dubju bil-kuntest fattwali u proċedurali intiż minn din id-deċiżjoni, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 387 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni ppermettiet li t-tieni rikorrenti tifhem ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-adozzjoni tagħha u li tifformula l-kontestazzjonijiet tagħha u li l-qorti tal-Unjoni teżerċita l-istħarriġ tagħha, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 386 iktar 'il fuq.

389 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li dan il-grupp ta' motivi għandu jiġi miċħud.

*8. Fuq it-tlieta u għoxrin u l-erbgħa u għoxrin motiv, ibbażati, b'mod partikolari, fuq il-ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl tat-tieni rikorrenti u tad-drittijiet tal-azzjonist fil-kuntest tal-proċedura ta' rieżami*

390 Fil-kuntest tat-tlieta u għoxrin motiv, ir-rikorrenti jallegaw ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl tat-tieni rikorrenti. Fil-fehma tagħhom, il-BĊE rrifjuta illegalment l-aċċess mitlub qabel il-preżentazzjoni tat-talba għal rieżami, filwaqt li d-dokumenti mitluba mill-ewwel rikorrenti kienu neċessarji għaliha sabiex tipprepara l-imsemmija talba, u, għall-kuntrarju, ta tali aċċess wara li l-BAR iddikjara ammissibbli t-talba għal rieżami, filwaqt li ġab l-aċċess fix-xejn billi pprovda biss 23 dokument mill-230 li kienu jinsabu fil-fajl, billi qies li d-dokumenti l-oħra kollha kienu kunfidenzjali.

391 Permezz tal-erbgħa u għoxrin motiv, ir-rikorrenti jinvokaw diversi ksur tad-drittijiet tal-ewwel rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura ta' rieżami li jivvizzja l-legalità tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, sal-punt li l-annullament tagħha jkun iġġustifikat.

392 Fl-ewwel lok, il-BĊE kien wettaq żball fid-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018, sa fejn din tinkludi l-informazzjoni mhux korretta li tgħid li l-istituzzjoni ta' kreditu biss setgħet tressaq talba għal rieżami, filwaqt li d-deċiżjoni tal-BAR kienet ikkunsidrat ukoll ammissibbli li l-azzjonist iressaq tali talba. Barra minn hekk, huwa ma nnotifikax din id-deċiżjoni lill-ewwel rikorrenti minkejja li hija kellha d-dritt titlob ir-rieżami tagħha.

393 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-BĊE talli ma tax lill-ewwel rikorrenti l-aċċess għall-fajl qabel is-seduta quddiem il-BAR, u b'hekk xekkilha milli tifformula b'mod korrett u tissostanzja biżżejjed it-talba tagħha għal rieżami, billi bbaża ruħu fuq allegati raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

394 Fit-tielet lok, id-dritt għal smigħ tal-ewwel rikorrenti kien ġie ristrett minħabba t-terminu eċċessivament qasir li ngħatalha sabiex tippreżenta osservazzjonijiet supplimentari wara l-aċċess għall-fajl.

395 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-BĊE ma tax aċċess lill-BAR għall-verżjoni sħiħa tad-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018, li kienet ippreżentata biss mill-ewwel rikorrenti f'verżjoni ċċensurata li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha wara li sabitha fuq is-sit internet tal-FSA. Il-possibbiltà li jinkiseb rieżami imparzjali u oġġettiv kienet ġiet ippreġudikata iktar mil-limitazzjoni tal-eżami tal-BAR għas-sempliċi raġunijiet legali kif ukoll għas-sempliċi lmenti invokati fit-talba għal rieżami, limitazzjoni prevista fl-Artikolu 10(2) tad-Deċiżjoni 2014/360, li ma għandha l-ebda bażi fl-Artikolu 24 tar-Regolament MSU bażiku.

396 Fil-ħames lok, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-BĊE talli ma involviex fil-proċedura ta' rieżami lir-rappreżentanti tat-tieni rikorrenti, la fil-persuna tal-istralċjarji u lanqas f'dik tal-ex diretturi, u dan imur manifestament kontra l-prinċipji ta' smigħ xieraq u jikser id-dritt għal smigħ tal-imsemmija rikorrenti, li hija s-suġġett ta' din l-aħħar deċiżjoni.

397 Fis-sitt lok, ir-rikorrenti jallegaw nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, sa fejn ir-raġunijiet taċ-ċaħda tat-talba għal rieżami ma kinux esposti fiha. Il-possibbiltà li tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-motivazzjoni tal-opinjoni ta' din il-kummissjoni ma tistax ittaffi l-assenza ta' motivazzjoni fl-imsemmija deċiżjoni, peress li r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 24(9) tar-Regolament MSU bażiku ma jistax jiġi ssodisfatt minn motivazzjoni *per relationem*.

398 Il-BĊE, sostnut mill-Kummissjoni, jikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

399 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li, permezz tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament MSU bażiku, tal-Artikolu 32 tar-Regolament Qafas tal-MSU u tal-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2014/360, id-drittijiet tad-difiża tal-persuni kkonċernati huma żgurati bis-sħiħ fl-iżvolġiment tal-proċedura. Huma għandhom id-dritt ta' aċċess għall-fajl tal-BĊE soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħrajn fil-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma jestendix għall-informazzjoni kunfidenzjali.

400 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament MSU bażiku, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' titlob ir-rieżami ta' deċiżjoni tal-BĊE li tkun indirizzata lejn dik il-persuna jew li tkun tikkonċerna direttament u individwalment lil dik il-persuna.

401 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li t-tieni rikorrenti ma ppreżentatx rikors għal rieżami skont l-Artikolu 24 tar-Regolament MSU bażiku, minkejja li kellha d-dritt tagħmel dan. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ewwel talba għal aċċess imressqa mill-ewwel rikorrenti, din tal-aħħar, fil-15 ta' April 2018, ressqet talba għal aċċess, wara t-tmiem tal-proċedura ta' superviżjoni inizjali li wasslet għad-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018.

402 Id-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018 ma kinitx maħsuba għall-ewwel rikorrenti u hija ma tistax titqies bħala li kienet direttament jew individwalment ikkonċernata minn din tal-aħħar, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, BĊE *et* vs Trasta Komercbanka *et*, C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, EU:C:2019:923, punti 108 sa 114 u 119).

403 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-BĊE ma wettaq l-ebda żball meta ma tax l-aċċess għall-fajl lill-ewwel rikorrenti li ma kinitx parti kkonċernata, fis-sens tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament MSU bażiku u tal-Artikoli 26 u 32 tar-Regolament Qafas tal-MSU, fil-mument tal-introduzzjoni tal-ewwel talba tagħha.

404 Fir-rigward tat-tieni talba għal aċċess, imressqa fis-26 ta' April 2018 flimkien mat-talba għal rieżami tad-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018, kif ukoll fir-rigward tal-ilmenti l-oħra li jikkonċernaw l-iżvolġiment tal-proċedura, hemm lok li jiġi enfasizzat li l-BAR aċċetta bħala ammissibbli t-talba għal rieżami tal-ewwel rikorrenti fuq il-bażi tal-Artikolu 24(5) tar-Regolament MSU bażiku. Il-kriterji ta' ammissibbiltà, stabbiliti minn din id-dispożizzjoni jikkoinċidu ma' dawk li huma previsti mill-Artikolu 263 TFUE għar-rimedji ġudizzjarji, kienu ġew ikkunsidrati bħala ssodisfatti għall-imsemmija rikorrenti fuq il-bażi tad-digriet tat-12 ta' Settembru 2017, Fursin *et* vs BĊE (T-247/16, mhux ippubblikat, EU:T:2017:623). Għaldaqstant, il-BAR aċċetta wkoll it-talba ta' aċċess għall-fajl ta' din ir-rikorrenti, fil-kwalità tagħha ta' rikorrenti għal rieżami, skont l-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2014/360.

405 Madankollu, f'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrimarkat li talba għal rieżami tal-ewwel rikorrenti ma kinitx tiġi ddikjarat ammissibbli fl-assenza tad-digriet tat-12 ta' Settembru 2017, Fursin *et* vs BĊE (T-247/16, mhux ippubblikat, EU:T:2017:623), u li dan tal-aħħar issa ġie annullat mill-Qorti tal-Ġustizzja permezz tas-sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, BĊE *et* vs Trasta Komercbanka *et* (C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, EU:C:2019:923). Konsegwentement, fir-realtà, l-imsemmija rikorrenti ngħatat possibbiltajiet, bħall-proċedura ta' rieżami, li hija rimedju supplimentari meta mqabbel mar-rimedju ġudizzjarju, u aċċess għall-fajl li hija ma kellhiex tibbenefika minnu.

406 F'dawn iċ-ċirkustanzi partikolari u li x'aktarx ma jerġgħux iseħħu, peress li d-digriet tat-12 ta' Settembru 2017, Fursin *et* vs BĊE (T-247/16, mhux ippubblikat, EU:T:2017:623), li fuqu bbaża ruħu l-BAR, ġie annullat mill-Qorti tal-Ġustizzja, u bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-inammissibbiltà tal-ewwel rikorrenti li tippreżenta dan ir-rikors, sa fejn dan jirrigwarda t-talba għal annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, kif jirriżulta minn dak li ġie espost fil-punt 100 iktar 'il fuq, kif ukoll tal-inammissibbiltà tat-tieni rikorrenti sabiex tinvokahom, peress li hija ma kinitx parti għall-proċedura ta' rieżami, billi għażlet li ma tressaqx it-talba, minkejja li kellha d-dritt li taħmel dan, il-motivi bbażati fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża fil-kuntest tal-proċedura ta' rieżami għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli.

407 Fi kwalunkwe każ, anki kieku kellu jitqies li dawn il-motivi għandhom jiġu kkunsidrati bħala ammissibbli, dawn ma jistgħux iwasslu għall-annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018, peress li, fl-assenza ta' dawn id-difetti proċedurali possibbli, id-deċiżjoni ma setgħetx twassal għal riżultat differenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Frar 1990, Franza vs Il-Kummissjoni, C-301/87, EU:C:1990:67, punt 31), u dan huwa kkonfermat mill-analiżi esposta fil-punti 105 sa 389 iktar 'il fuq.

*9. Fuq il-ħamsa u għoxrin motiv, ippreżentat insostenn tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż, ibbażat fuq l-illegalità tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018*

408 Il-ħamsa u għoxrin motiv, ippreżentat insostenn tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż, huwa bbażat fuq l-illegalità tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018.

409 Il-BĊE, sostnut mill-Kummissjoni, jikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

410 F'dan il-każ, l-ebda wieħed mill-motivi ppreżentati fil-Kawża T-584/18 ma jippermetti li tinsilet konklużjoni dwar l-illegalità tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018.

411 Għalhekk, dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

*10. Fuq it-talba għal miżuri istruttorji*

412 Ir-rikorrenti, diversi drabi fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, jitolbu li l-Qorti Ġenerali tadotta diversi miżuri istruttorji: l-ewwel, tordna lill-BĊE u lill-FSA jipproduċu dokumenti, fosthom id-Deċiżjonijiet FOLTF, it-tieni, tordna l-produzzjoni ta' atti li jagħtu prova li l-BĊE ħa deċiżjoni fil-qasam tal-awtolikwidazzjoni u x-xhieda tal-uffiċjali tal-BĊE kkonċernati; it-tielet, tordna lill-BĊE u lir-Repubblika tal-Estonja jiżvelaw il-konstatazzjonijiet ta' ksur tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ĠĦF/FT u x-xhieda tal-President tal-FSA u tal-uffiċjali tal-BĊE kkonċernati u, ir-raba', tordna lill-BĊE jindika d-dikjarazzjonijiet qarrieqa konkreti li kienu ngħataw mir-rikorrenti u jiżvela d-dokumenti li juru li l-BĊE u l-FSA kienu kkomunikaw ma' xulxin dwar il-problema tal-fergħa fil-Latvja, li kienet għadha problema mhux solvuta mir-riżoluzzjoni amministrattiva li saret fil-Latvja, kif ukoll tħarrek lill-President tal-FSA u lill-uffiċjali tal-BĊE kkonċernati sabiex jixhdu.

413 Il-BĊE joġġezzjona għat-talba għal miżuri istruttorji mitluba mir-rikorrenti, peress li l-miżuri mitluba ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa mill-ġurisprudenza kif ukoll mill-Artikolu 88 tar-Regoli tal-Proċedura intiżi, b'mod partikolari, għar-rilevanza u għan-neċessità tat-tagħrif mitlub sabiex jiġu stabbiliti ċerti fatti u tiġi deċiża t-tilwima.

414 B'mod preliminari, għandu jiġi rrilevat li t-talba tar-rikorrenti tikkostitwixxi talba għal miżuri istruttorji, fis-sens tal-Artikolu 91(b) sa (d) tar-Regoli tal-Proċedura, proposta skont l-Artikolu 88(1) tal-imsemmija regoli.

415 Mill-paragrafu 2 tal-Artikolu 88 ta' dawn ir-regoli tal-proċedura jirriżulta li t-talba msemmija fil-paragrafu 1 tagħhom għandha tindika bi preċiżjoni s-suġġett tal-miżuri mitluba u r-raġunijiet ta' natura li jiġġustifikaw dawn il-miżuri. Barra minn hekk, l-imsemmija dispożizzjoni tippreċiża li, meta din it-talba titressaq wara l-ewwel skambju ta' noti, il-parti li tressaq it-talba għandha tesponi r-raġunijiet għaliex ma setgħetx tressaqha qabel.

416 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, il-parti l-kbira tat-talbiet għal miżuri istruttorji, minbarra dik intiża għall-kisba tal-produzzjoni tad-"Deċiżjonijiet FOLTF", kienet tressqet għall-ewwel darba fl-istadju tar-replika. Ir-rikorrenti bl-ebda mod ma jispjegaw fit-talba tagħhom ir-raġunijiet li jiġġustifikaw dan id-dewmien. Għaldaqstant, dawn għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli.

417 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li t-talbiet għal miżuri istruttorji ma humiex preċiżi biżżejjed fir-rigward tas-suġġett tagħhom u tar-rilevanza tax-xhieda u tad-dokumenti li għandhom jiġu prodotti.

418 Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat, bi qbil mal-BĊE u mal-Kummissjoni, minn naħa, li l-punti li fuqhom ir-rikorrenti jitolbu li jinstemgħu x-xhieda ma humiex intiżi sabiex jiġu stabbiliti l-fatti, iżda sabiex tiġi kkonfermata sensiela ta' sempliċi allegazzjonijiet mhux issostanzjati tar-rikorrenti. Issa, dawn l-allegazzjonijiet, anki jekk jiġu kkonfermati, ma jkunux rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li t-talba għal smigħ tax-xhieda hija wkoll parzjalment impreċiża fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-persuni li għandhom jinstemgħu.

419 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-talbiet għall-produzzjoni ta' dokumenti, l-ewwel, fir-rigward tad-"Deċiżjonijiet FOLTF" (l-unika talba għal miżuri istruttorji mressqa fl-istadju tar-rikors u għalhekk mhux tardiva), din għandha tiġi miċħuda fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 181 iktar 'il fuq. It-tieni, kif diġà ġie stabbilit fil-punt 279 iktar 'il fuq, il-konstatazzjonijiet ta' ksur tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ĠĦF/FT jirriżultaw b'mod suffiċjenti mid-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018. It-tielet, mill-punt 267 iktar 'il fuq jirriżulta li d-determinazzjoni ta' jekk il-kwistjoni dwar il-fergħa fil-Latvja kinitx kwistjoni li kienet għadha miftuħa jew le għall-FSA u għall-BĊE ma hijiex element neċessarju għall-finijiet tas-soluzzjoni tat-tilwima.

420 Minn dak li ntqal jirriżulta li t-talbiet għal miżuri istruttorji għandhom jiġu miċħuda bħala tardivi u parzjalment infondati jew, sussidjarjament, bħala kompletament infondati.

421 Bit-teħid inkunsiderazzjoni ta' dak kollu preċedenti, ir-rikors T-584/18 għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

**Fuq l-ispejjeż**

422 Skont l-Artikolu 137 tar-Regoli tal-Proċedura, fil-każ li ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha fid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

423 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti Ġenerali sabiex tikkonstata li ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fil-Kawża T-351/18, issir evalwazzjoni xierqa taċ-ċirkustanzi tal-kawża jekk jiġi deċiż li kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

424 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. F'dan il-każ, peress li r-rikorrenti tilfu fil-Kawża T-584/18, hemm lok li jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-BĊE, konformement mat-talbiet ta' dan tal-aħħar.

425 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-istituzzjonijiet li jintervjenu fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha fil-Kawża T-584/18.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

**1) Il-Kawżi T-351/18 u T-584/18 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.**

**2) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar il-Kawża T-351/18.**

**3) Ir-rikors fil-Kawża T-584/18 huwa miċħud.**

**4) Fil-Kawża T-351/18, Ukrselhosprom PCF LLC, Versobank AS, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

**5) Fil-Kawża T-584/18, Ukrselhosprom PCF u Versobank huma kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, dawk tal-BĊE.**

**6) Fil-Kawża T-584/18, il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.**

Costeira Gratsias Kancheva

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-6 ta' Ottubru 2021.

Firem

# Werrej

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . 2

II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet . . . 9

A. Il-bidu tal-proċedura u t-talbiet tal-partijiet fil-Kawża T-351/18 . . . 9

B. Il-bidu tal-proċedura u t-talbiet tal-partijiet fil-Kawża T-584/18 . . . 10

C. Is-segwitu tal-proċedura fiż-żewġ kawżi . . . 11

III. Id-dritt . . . 12

A. Fuq il-persistenza tas-suġġett tat-tilwima u tal-interess ġuridiku tar-rikorrenti fil-Kawża T-351/18 . . . 12

B. Fuq l-ammissibbiltà tal-Kawża T-584/18 . . . 16

1. Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 . . . 16

2. Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż . . . 17

C. Fuq il-mertu . . . 17

1. Fuq l-ewwel, it-tieni, l-erbatax, il-ħmistax u d-dsatax-il motiv . . . 18

a) Fuq it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-BĊE u l-ANK tal-Istati Membri parteċipanti fi ħdan il-MSU dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għal ksur tar-regoli fil-qasam tal-ĠĦF/FT . . . 19

b) Fuq l-ewwel parti dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE sabiex jirtira l-awtorizzazzjonijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, peress li l-ANK kienet diġà adottat dikjarazzjoni ta' nuqqas attwali jew prevedibbli . . . 27

c) Fuq it-tieni parti dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE sabiex jevalwa l-kwistjonijiet fil-qasam tal-ĠĦF/FT . . . 31

d) Fuq it-tielet parti dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE sabiex jirrifjuta l-awtolikwidazzjoni tat-tieni rikorrenti u l-bejgħ tal-bank lil investitur ieħor . . . 33

e) Fuq ir-raba' parti dwar l-użu ħażin ta' poter . . . 34

2. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmirijiet ta' diliġenza u ta' imparzjalità fl-eżami tal-BĊE . . . 35

3. Fuq ir-raba' u l-ħames motiv, ibbażati fuq żbalji ta' evalwazzjoni jew fuq l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti elementi rilevanti tal-kawża . . . 36

a) Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tar-rwol pożittiv tat-tmexxija l-ġdida tat-tieni rikorrenti . . . 36

b) Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tan-natura żbaljata tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet tat-tieni rikorrenti fil-Latvja ....... 38

4. Fuq is-sitt, it-tnax u t-tmintax-il motiv, ibbażati fuq żball ta' evalwazzjoni sa fejn il-BĊE bbaża b'mod żbaljat fuq il-ksur tar-rakkomandazzjoni tal-FSA u fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali ........ 43

5. Fuq is-seba' sal-ħdax, it-tlettax sal-ħmistax u s-sbatax-il motiv, ibbażati fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità ........ 49

6. Fuq is-sittax u t-tmintax-il motiv, ibbażati fuq il-ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali ........ 57

7. Fuq l-għoxrin sat-tnejn u għoxrin motiv, ibbażati fuq il-ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali ........ 60

a) Fuq il-ksur tad-dritt għal smigħ ........ 61

b) Fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża ........ 62

c) Fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni ........ 63

8. Fuq it-tlieta u għoxrin u l-erbgħa u għoxrin motiv, ibbażati, b'mod partikolari, fuq il-ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl tat-tieni rikorrenti u tad-drittijiet tal-azzjonist fil-kuntest tal-proċedura ta' rieżami ........ 64

9. Fuq il-ħamsa u għoxrin motiv, ippreżentat insostenn tat-talba għal annullament tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż, ibbażat fuq l-illegalità tad-deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2018 67

10. Fuq it-talba għal miżuri istruttorji ........ 67

Fuq l-ispejjeż ........ 68